APRIL 2025 ĦARĠA NRU. 083

# il-pont



RIVISTA LETTERARJA VIRTWALI


il-pont
RIVISTA LETTERARJA VIRTWALI

# Werrej


| | |
|---|---|
| 5 | Editorjal |
| 7 | Aħbarijiet |
| 11 | Reazzjonijiet, Ittri, Ideat |
| 15 | L-Intervista \| Rita Saliba |
| 17 | L-Intervista \| Alfred Grech |
| 20 | L-Intervista \| Tyron Grima |
| 24 | L-Intervista \| Salvo Bonfirraro |
| 27 | Kitba ta' Amanda Busuttil |
| 28 | Reċensjoni *Noti Fuq id-Demm u l-Laħam* |
| 30 | Kitba ta' Mary Chetcuti |
| 34 | Reċensjoni *Lejl in-Nar* |
| 36 | Tislima lil Toni Cortis (1943-2025) |
| 37 | Dwar *It-Tfal Jiġu bil-Vapuri* |
| 39 | Novella ta' Joe Axiaq |
| 41 | Reċensjoni *Wara l-Kilometri* |
| 43 | Kitba ta' Philip Borg |
| 45 | Reċensjoni *Meta Tasal, Tasal* |
| 48 | Il-Poeżija - Mill-Pinna tal-Maltin |
| 54 | Versi - Lil Hinn Minn Xtutna |
| 57 | Minn Fuq l-Ixkaffa |



# Editorjal

PATRICK SAMMUT

Illum bosta jitkellmu dwar il-biża' li l-Malti bħala lsien jispiċċa, anki minħabba l-influss bla kontroll ta' barranin li deħlin fil-gżejjer tagħna u l-idea li ladarba hemm l-Ingliż allura huwa obbligu tagħna li nikkomunikaw magħhom b'dan l-ilsien internazzjonali minflok ninsistu fuq il-fatt li huma huma li għandhom jitgħallmu l-ilsien Malti jekk iridu jgħixu u jaħdmu f'pajjiżna. Minkejja din il-biża' u paradossalment, hemm moviment totalment oppost: qed nirreferi għan-numru kbir ta' pubblikazzjonijiet li kull sena qed joħorġu għad-dawl, u dan fl-ilsien Malti. Dawn huma kotba li jintrabtu ma' ġeneri u suġġetti differenti: ir-rumanz, il-poeżija, in-novella, ir-riċerka, l-arti, l-istorja, u bosta oqsma oħrajn.

Kamp ieħor li dejjem qed jissaħħaħ mal-passa taż-żmien hu dak tat-traduzzjoni. Kienu u għadhom joħorġu bosta xogħlijiet letterarji barranin ta' kittieba magħrufa u inqas magħrufa maqlubin għall-ilsien Malti. Fost dawn hemm għadd ta' traduzzjonijiet importanti u interessanti ħafna li ladarba għadda bosta żmien minn fuqhom spiċċaw *out of print* u għalhekk diffiċli ferm li ssibhom. Waħda minn dawn huwa l-ktieb ta' Silvio Pellico *Le mie prigioni* li oriġinarjament ħareġ bit-Taljan fl-1832, imma ġie maqlub għall-Malti minn Valentin V. Barbara O.P. fl-1965 bl-isem ta' *Għaxar Snin Ħabs*. Inħoss li pubblikazzjonijiet bħal dawn huma ġawhar li m'għandhomx jintilfu fid-dlam tat-tnessija, imma għandhom jiġu individwati u mogħtija ħajja mill-ġdid minn djar tal-pubblikazzjoni lokali bil-għajnuna ta' fondi apposta.

Fuq nota oħra... Jekk hu veru li l-ilsien Malti qed jingħata l-ġenb fil-kuntest tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, u dan bl-iskuża li nistgħu faċilment ninqdew bl-Ingliż li huwa t-tieni lingwa uffiċjali tagħna, allura verament qed isir minn kollox biex neqirdu dan il-wirt li jmur lura iktar minn elf sena. U ironikament qed inkunu aħna stess - kemm hawn fil-gżejjer fejn ngħixu, kif ukoll lil hinn minnhom - li qed nikkontribwixxu biex il-veru ilsienna ma jibqax! Iġġilidna kontra forzi barranin kbar fil-passat u dan biex il-valuri li kbirna magħhom ma joħodhomna ħadd. Kien hemm saħansitra minn tilef ħajtu minħabba f'hekk. Biex imbagħad, fis-seklu 21 qed nagħmlu ħafna agħar minn meta konna maħkumin mill-barrani: inbaxxu rasna u nużaw ilsien li verament mhux tagħna imma ta' eks ħakkiema tagħna bl-idea li hu l-ilsien dinji, filwaqt li nbaxxu u noqtlu kompletament dak li hu tagħna, l-ilsien Malti, ilsien uniku fil-kuntest Ewropew.

Waħda mis-soluzzjonijiet hija din: jiżdiedu l-lezzjonijiet fl-ilsien Malti matul il-ġimgħa; il-lezzjonijiet li kienu jsiru bil-Malti jibqgħu jsiru bil-Malti fil-klassijiet minkejja n-numru ta' studenti barranin li qed jiżdied jum wara jum; ninsistu li dawn tal-aħħar jagħmlu l-almu tagħhom u jitgħallmu mill-iktar fis ilsien art twelidna ladarba l-ġenituri u l-gwardjani tagħhom għażlu pajjiżna. Marbuta ma' dan hemm il-bżonn li t-tfal u ż-żgħażagħ jiskopru iktar is-sabiħ tal-qari u l-qrubija u l-kontenut tal-libreriji pubbliċi fl-irħula tagħhom li joffru eluf ta' kotba varjati b'ilsna differenti, fosthom il-Malti. Din l-imħabba lejn il-ktieb u l-librerija għandha titwieled mid-dar imma tissaħħaħ fl-ambjent tal-iskola, u dan iseħħ jekk l-għalliema tal-lingwi, fuq kollox tal-ilsien Malti - imma mhux biss -, jingħataw iktar ħin u flessibilità in relazzjoni ma' suġġetti oħrajn li llum hemm il-perċezzjoni li huma iktar neċessarji u importanti ladarba jsarrfu f'iktar flus. Ma ninsewx: il-ktieb jista' faċilment jingħata bħala rigal lil min inħobbu u nirrispettaw.

IL-PONT jixtieq L-GĦID IT-TAJJEB lill-qarrejja u l-familjari u ħbieb kollha tagħhom.


Edicola S. Agostino
NEON LECCO
AutoCapital
RUOTECLASSICHE
FERRARI 456 GT
ALFA 164
Youngtimer
ELABORARE 4x4
La Manovella
PORSCHE CAYMAN
TRENO
nautica
Barche
LOWRIDE
BIKERS
Fuoristrada d'Epoca
CAMPER
alvento
AUTUNNO ON THE ROAD

# Aħbarijiet

## MID-DINJA LETTERARJA

**IR-RAPPORT ANNWALI TAL-KNK GĦAS-SENA 2024**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) ippubblika r-Rapport Annwali tiegħu għall-2024. Ir-rapport huwa wieħed komprensiv li jimxi tul sena proattiva għall-KNK bl-implimentazzjoni ta' żviluppi ewlenin li jsaħħu l-viżjoni fit-tul tal-entità, viżjoni ta' industrija tal-kotba li hi b'saħħitha u sostenibbli. Fl-2024 il-KNK mexa sew fl-abbozzar tal-istrateġija li se tieħdu tul il-ħames snin li ġejjin, u dan għamlu f'ħidma mal-kumpanija rinomata ta' konsulenza, il-KPMG. L-istrateġija hija turija tal-isforz tal-KNK sabiex dak kollu li jagħmel jirfdu bir-riċerka sabiex dak li jitwettaq jitwettaq b'mod olistiku. Is-sejħa għall-istrateġija kienet fetħet fl-2023, u fl-2024 sar il-biċċa l-kbira tax-xogħol f'ħin limitat, li kien jinkludi laqgħat interni u oħrajn mal-imsieħba fl-industrija tal-kotba, kollha mmexxija mill-KPMG. Il-laqgħat mal-imsieħba inkludew sondaġġ li minnu l-KNK kiseb bosta informazzjoni li se tgħinu jibni strateġija aħjar. Id-dokument li twieled minn dawn il-laqgħat – li se jitnieda fix-xhur li ġejjin – offra veduta konċiża tal-industrija lokali tal-kotba u wera wkoll 'il fejn għandu jterraq il-KNK bil-gwida ta' pilastri strateġiċi ewlenin. Minbarra ħidma simili li trawwem attitudni lejn il-ġejjieni, fl-2024 il-KNK issieħeb fin-Netwerk Ewropew tat-Traduzzjoni Letterarja (ENLit) wara vot li ttieħed waqt laqgħa ġenerali fil-Frankfurt Book Fair. Is-sħubija f'dan-netwerk prestiġġjuż – li mxerkin fih hemm madwar 30 organizzazzjoni kulturali mill-Ewropa u mhux – se jgħin ħafna l-isforzi tal-KNK biex jesporta l-letteratura Maltija fi swieqi globali. Il-konnessjoni tal-KNK mas-swieq internazzjonali ssaħħet bl-ewwel Katalgu ta' Drittijiet ta' Barra li qatt kellu l-pajjiż, maħluq mill-KNK u mqassam fil-London Book Fair u fieri oħrajn li żżur l-entità kull sena. Il-katalgu fih selezzjoni ewlenija ta' xogħlijiet Maltin li ssibhom fil-ħwienet bħalissa, u l-kotba ntgħażlu mill-pubblikaturi nfushom. B'hekk, dal-katalgu qed iservi bħala bandiera letterarja Maltija xxejjer fil-fori internazzjonali. Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb – li jseħħ kull sena f'Novembru – ma naqasx milli jerġa' jkun l-avveniment letterarju ewlieni fil-Gżejjer Maltin, li ġibed lejh talenti internazzjonali bħal Anthony Horowitz u Paul Lynch. Ma' dawn inżidu l-parti l-kbira tal-pubbliku ġenerali bis-saħħa ta' kampanja ta' marketing diversifikata u programm ta' attivitajiet mimli daqs bajda. Il-Festival huwa ingranaġġ ieħor fil-ħidma tal-KNK sabiex irawwem industrija letterarja li jkunu jafu biha barra minn Malta u li tkun ta' kwalità, u allura fl-edizzjoni li għaddiet il-KNK tella' bosta workshops u masterclasses li l-għan tagħhom kien li joffru ċ-ċans lill-industrija biex tipprofessjonalizza ruħha aktar. B'riħet ix-xogħol li sar u l-kuntatti li nħolqu fl-2024, il-KNK jinsab ippreparat biex fl-2025 jiffinalizza u jimplimenta l-iżviluppi li se jiggwidawh fis-snin li ġejjin. Ir-Rapport Annwali għall-2024 tista' ssibu bil-Malti hawnhekk: https://drive.google.com/file/d/1CtQ7zU8tUgRE8k_tqkuDJOvPhiMyv0TG/view

[Tagħrif u ritratti minn ktieb.org.mt]

**IL-KNK ISAĦĦAĦ IL-PREŻENZA TAL-IMSIEĦBA FIL-LONDON BOOK FAIR 2025**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb reġa' kien parti mill-London Book Fair 2025, u għal darb'oħra offra opportunità unika lill-awturi, il-pubblikaturi u msieħba oħra fl-industrija tal-kotba biex isibu posthom fis-swieq internazzjonali tal-kotba. Il-fiera dis-sena saret bejn il-11 u t-13 ta' Marzu fl-Olympia Kensington, u l-għan prinċipali ta' dan l-avveniment kien li jlaqqa' lill-professjonisti tal-industrija tal-kotba mid-dinja kollha. Għahekk, dan huwa l-post eżatt fejn il-KNK kellu jkun sabiex ikabbar il-viżibbiltà tal-letteratura Maltija. Dan qed jagħmlu billi jibqa' jipparteċipa sena wara sena, u anki billi jqassam il-katalgu ta' drittijiet ta' barra, *Literature from*



Il-London Book Fair

*Malta*, fil-laqgħat ma' msieħba internazzjonali. Il-KNK organizza seminar waqt il-fiera, fejn esplora ċerti strateġiji li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għal letteraturi mhux rappreżentati daqstant fuq il-palk globali. 'Beyond Island Horizons: Expanding Pathways for Literatures from the Margin' sar fil-11 ta' Marzu fiċ-Ċentru għat-Traduzzjoni Letterarja, u laqqa' lil grupp ta' kelliema minn sitwazzjonijiet letterarji li joffru sfidi bħal dawk Maltin. Waqt li das-seminar ġabar dawn l-istrateġiji li jindirizzaw sfidi komuni, il-KNK wera dak li Malta għandha x'toffri. Dan għamlu f'ħidma ma' Visit Malta mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu bl-inizjattiva 'Authentic Malta', li qiegħed il-letteratura Maltija bħala punt fokali ieħor tal-kultura, l-istorja u l-wirt tal-pajjiż – li tgawdiet kemm min-nies tal-lokal u anki mill-viżitaturi tal-fiera. Din l-inizjattiva kienet l-ewwel waħda tax-xorti tagħha fl-istand tal-KNK waqt il-London Book Fair, u l-ħsieb hu li l-kollaborazzjoni ma' Visit Malta titwal f'fieri u attivitajiet oħra sabiex il-letteratura Maltija tilħaq aktar u aktar nies. Parti wkoll mill-inizjattiva Authentic Malta kienet il-Gutenberg Press, li kkontribwixxew biex jgħollu r-reputazzjoni ta' Malta f'dak li għandhom x'jaqsmu l-kwalità, l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà, biex anki s-sengħa Maltija tal-produzzjoni tal-kotba tkun fuq il-palk globali. L-illustraturi lokali wkoll kellhom iċ-ċans jipparteċipaw fil-London Book Fair bis-saħħa tal-kollaborazzjoni bejn il-KNK u l-Kunsill Malti għall-Arti. L-erba' parteċipanti li ntgħażlu ngħataw sussidju




Simon Trewin

għall-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni, kif ukoll biljett tad-dħul għall-fiera. Din l-inizjattiva għenet lill-artisti biex japprofittaw minn pjattaforma internazzjonali. Barra minn hekk, il-KNK stieden ukoll lill-komunità tal-pubblikazzjoni sabiex jipparteċipaw fil-laqgħa online biz-Zoom 'The Rights Stuff' mal-aġent letterarju internazzjoali Simon Trewin. Din saret nhar is-17 ta' Frar, u twasslet b'tali mod li għenet lill-parteċipanti jifhmu x'jiġri normalment fid-dinja tad-drittijiet internazzjonali tal-awtur u kif jinbiegħu l-kotba u d-drittijiet Malta u lil hinn minnha. Is-sessjoni kienet waħda interattiva u f'atmosfera rilassanti, u b'biżżejjed ħin għall-mistoqsijiet. Sabiex il-frott tal-laqgħa jibqa' mal-parteċipanti, intuża l-AI sabiex ġie ġġenerat sommarju tal-attività li ntbagħat lil kulħadd. Is-sommarju kien fih it-teħid ewlieni mil-laqgħa u l-istrateġiji prattiċi biex dak li jkun isib triqtu fis-suq globali tal-pubblikazzjoni. Simon Trewin huwa veteran tal-industrija tal-pubblikazzjoni fir-Renju Unit, u rawwem awturi li nqallbu f'60 ilsien, fosthom John Boyne u Paul Lynch, ir-rebbieħ tal-Premju Booker. Minħabba l-kollaborazzjonijiet varji li Trewin kellu mal-KNK tul is-snin, jista' jitqies bħala ambaxxatur letterarju għal Malta. Dawk l-awturi u l-pubblikaturi li bbukkjaw biljett għal-London Book Fair setgħu jattendu l-attivitajiet organizzati mill-KNK u anki dawra mal-fiera mmexxija minn Trewin, kif ukoll setgħu jużaw il-faċilitajiet tal-istand tal-KNK biex jibbukkjaw il-laqgħat.

[Tagħrif u ritratti minn ktieb.org.mt]

### IMUT POETA ZAGĦŻUGĦ TALJAN



Lorenzo Patàro (1998-2025)

Il-poeta żagħżugħ Lorenzo Patàro, miet fl-20 ta' Frar 2025. Kellu 27 sena. Hu kien mill-provinċja ta' Cosenza, fin-Nofsinhar tal-Italja, u l-poeżiji tiegħu mimlijin malinkonija u tama kienu ġibdu l-attenzjoni kemm tal-kritiċi kif ukoll tal-qarrejja. Patàro kien lawreat fil-Letteratura fl-Università ta' Salerno. Kien żagħżugħ introvers u riflessiv u kien qed jakkwista l-qasam kulturali b'versi li missew il-qigħan l-iktar fondi tar-ruħ umana. Il-ġabra tiegħu *Amuleti* (2022) kienet intagħżlet fost il-finalisti tal-Premju Strega Poesia 2023 u tal-Premju Pontedilegno Poesia 2024. Il-mewt tiegħu tħabbret minn poeta ieħor, Franco Arminio. Ġabra poetika oħra ta' Patàro kienet *Bruciare la sete* (2018). Rebaħ premji

prestiġjużi bħal ‘Ossi di seppia’ fl-2021 u ‘Ritratti di poesia’ fl-2023. Il-poeżiji tiegħu ġew ippubblikati f’rivisti bħal ‘Atelier’, ‘Poesia del nostro tempo’, ‘Il sarto di Ulm - bimestrale di poesia’, fuq is-sit uffiċjali tal-poeżija tar-Rai (Poesia, di Luigia Sorrentino), u fil-ġurnal ta’ kuljum ‘La Repubblica’.

## IL-HUMS TLAQQA’ NUMRU TA’ AKKADEMIĊI FL-UNIVERSITÀ L-ANTIKA



Nhar id-19 ta’ Frar 2025 il-HUMS (Humanities, Medicine and Science Platform), fi ħdan l-Università ta’ Malta, organizzat simpożju intitolat “Stories are Us: When History and Literature Meet”. L-avveniment seħħ fl-Aula Magna tal-Università l-Antika fil-Belt Valletta fis-6 ta’ filgħaxija. Mexxiet l-avveniment Prof. Clare Vassallo, koordinatur u membru kofundatur tal-pjattaforma HUMS. Il-parteċipanti kienu sitta b’kollox. Prof. Dominic Fenech tkellem dwar kif jinteraġixxu l-Istorja u l-Letteratura b’diskors intitolat “When Clio met Calliope”, fejn iddiskuta anki l-ġeneri differenti li joffru simbjosi bejn iż-żewġ forom ta’ narrattiva. Il-Prof. Ivan Callus qara paper bl-isem ta’ “‘My story is not what it should be’: History and Literature, Ever Again”, filwaqt li l-Prof. Emanuel Buttigieg tkellem dwar “‘Things that have not yet come to pass’... the underlying facination of the ‘What if?’ in History”. Il-Prof. Maria Frendo tkellmet dwar xogħlijiet ta’ Milton b’diskors attwali immens intitolat “The Devil in the Detail: Milton’s Satan and the English Civil War”. Segwa l-istudju tal-Prof. Immanuel Mifsud, intitolat “Are We the Stories?: When Literature (Seemingly) Fails to Meet History”. Għalaq is-simposju Dr Daniel Vella b’diskors interessanti bl-isem ta’ “New Worlds, Old Stones: Ruins and Digital Games”. Is-sala ewlenija kienet mimlija kollha b’akkademiċi, studenti u persuni interessati fis-suġġett diskuss. Kienet ukoll festa għal min iħobb il-ktieb u l-qari. Nittamaw li dak li ntqal waqt dan is-simposju jinġabar f’pubblikazzjoni waħda ħalli jibqa’ għall-posterità u jkun jista’ jitgawda wkoll minn dawn li ma kinux preżenti. Il-kelliema ppreżentaw ukoll preżentazzjonijiet Power Point. Wara kien hemm ukoll riċeviment żgħir.

## PROGRAMM DWAR IL-LETTERATURA GĦALL-ISTUDENTI TAL-ĊES, MALTI

Ix-xhur ta’ Jannar u Frar 2025 raw fuq l-istazzjon Nazzjonali TVM, it-trażmissjoni tal-programm “Id f’Id fil-Letteratura Maltija”. Dan il-programm iddiskuta wħud mis-siltiet letterarji li hemm għall-eżami taċ-ĊES tal-Malti b’mod profond. Dawn id-diskussjonijiet saru ma’ kittieba, kritiċi u għalliema. Fost il-kittieba li ħadu sehem kien hemm Rita Saliba, Trevor Żahra u Lilian Sciberras. Mal-Kap tad-Dipartiment tal-Malti, is-Sa Stephanie Apap, ġew diskussi xi



Patrick Sammut jitkellem dwar il-poeżija Romantika ma’ Sergio Grech waqt il-programm “Id f’Id fil-Letteratura Maltija”

termini letterarji fil-prattika. Mistiedna oħra kienu Leanne Ellul u Dr Patrick J. Sammut. Ġew diskussi wkoll il-merti letterarji ta’ Juan Mamo ma’ Mark Vella u Charlo Pisani. Ma naqasx ukoll programm dwar Dun Karm u l-poeżiji li hemm fis-sillabu flimkien mal-Uffiċjal Edukattiv tal-Malti, is-Sur Carlston Grima. Il-programm ħareġ l-ewwel darba nhar ta’ Tlieta fl-10:15 ta’ filgħaxija fuq TVM+. Kien hemm ukoll diversi ripetizzjonijiet matul il-ġimgħa. Biex ikun ta’ sostenn għall-istudenti, TVM poġġiet is-sensiela fuq Youtube. Hekk ikun hemm iktar permanenza u użu. L-indirizz tal-Youtube hu: https://www.youtube.com/playlist?list=PLzrpE0iRHx_oePTVmYJNeYw3F5HAcXOY4 Il-programm kien ippreżentat minn Dr Sergio Grech bi produzzjoni ta’ Kenneth Mizzi.

## JUM IL-MARA MFAKKAR MINN MUŻA KARKARIŻA



Il-parteċipanti waqt is-serata mużiko-letterarja f’Jum il-Mara mtellgħa minn Muża Karkariża

Nhar Jum il-Mara, it-8 ta’ Marzu 2025, il-palazz tal-President, fil-preżenza ta’ sala mimlija preżenzi ta’ personalitajiet varji, sema’ lil għadd ta’ żgħażagħ, inqas żgħażagħ, u nies imdaħħla fiż-żmien jitkellmu dwar il-fenomenu Mara. U l-mara, f’din il-lejla ta’ letteratura, retorika u kitba varja, pinġiet lill-mara, kif din inbniet u għadha qiegħda tinbena matul meddet is-snin, u fi żmenijietna. Hija dik it-tip ta’ mara li sawret ethos uniku, hekk kif kienet taħdem u taħdem u taħdem biex tkun tista’ ssostni, lilha nnifisha, lil żewġha, u b’saħħa u ħilha lil uliedha. Sadattant ukoll niltaqgħu ma’ għadd ta’ nisa oħra, li fil-kalendarju storiku ta’ pajjiżna, u anke lil hinn minnu sawru għalihom bħal qisu monument bil-kisbiet speċifiċi li għamlu f’oqsma uniċi fil-politika, il-mużikoloġija, il-letteratura u l-bqija. Ħafna minnhom kienu Maltin. Oħrajn ġew minn artijiet imbiegħda. Imma lkoll flimkien sawru t-terminu skematiku – mara. Il-

qari ta' dawn il-kitbiet kellu naħiet u xejriet stilistiċi varji. Kien hemm in-narrattiva nostalġika, id-diskors tal-ħajja ta' kuljum, u kien hemm ukoll il-poeżija, li ħadet diversi forom u xejriet, fosthom dawk tan-nostalġija, tal-eloġju, l-eleġija u l-epitaffju. U b'dan il-mod kontenut u forom varju, minn ħluq varji, wasslu l-fenomenu mara, kif issawwar u għadu qiegħed jissawwar fi żmenijiet li aktarx iva milli le għandhom mill-metanarrattiva tal-ġeneru, daqskemm mill-istejjer intimistiċi personali, li jafu lil dik il-mara unika, li f'qiegħ qiegħha ma tistax ma tismax ħlief l-istorja tagħha, fl-intimu misterjuż tagħha. B'dan il-mod, il-palazz tal-President għen biex naħiet varji ta' din il-fenomenoloġija-mara, jidhru jitpinġu u jiġu skolpiti minn awturi varji, li msieħba ma' daqq, kant u mużika ta' ispirazzjoni unika, għamlu minn din il-lejla, lejla unika. Muża Karkariża, taħt id-direzzjoni ta' Terry Muscat, hija turija ċara ta' grupp ta' individwi, li bil-ħiliet fil-kitba u l-mużika tagħhom, jafu joħolqu huma wkoll ethos uniku, fi żmenijiet, fejn dan it-tip ta' entużjażmu hemm iċ-ċans li jmur f'imkejjen oħra. Ħajr lill-Eċċellenza tagħha, il-President Marianne Spiteri Debono, għall-inkoraġġiment li dejjem tagħti f'okkażjonijiet ta' dan it-tip.

[Ħajr lis-Sur Tarċisju Zarb għal dan ir-rapport.]

## IR-RIVISTA *IL-MALTI* TAGĦLAQ 100 SENA




F'Marzu tal-1925, l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum l-Akkademja tal-Malti, bdiet toħroġ ir-rivista uffiċjali tagħha *Il-Malti*. L-editur tagħha kien Ġużè Muscat Azzopardi. Ir-rivista kienet tinbiegħ sitt soldi fis-sena jew xelin u sitt soldi għall-abbonati. Sal-ewwel tliet snin *Il-Malti* kellu 224 abbonat. L-ewwel ħarġa kien fiha kitbiet varji mill-pinna ta' Dun Karm, Temi Zammit, Ġużè Gatt, Ninu Cremona, Dun Karlu Cortis, u oħrajn. Ir-rivista baqgħet toħroġ kull tliet xhur mill-1925 sal-1976. Mill-1977 *Il-Malti* baqa' joħroġ regolari imma mhux bl-istess ammont kull sena, filwaqt li mill-1981 kien hemm edizzjonijiet speċjali ddedikati lil kittieba speċjali, fosthom lil Ġużè Galea, Anton Buttigieg, u Dun Karm. Mill-1987 'il quddiem *Il-Malti* beda joħroġ darba fis-sena kif għadu sal-lum.

[Tagħrif minn artiklu li deher f'Encore, ħarġa nu. 40, Marzu-Mejju 2025]

## TAĦDITA DWAR L-EMIGRANTI SQALLIN (U MALTIN) FL-ISTITUT TAL-ISTUDJI MEDITERRANJI



Il-Prof. Norbert Bugeja jintroduċi lill-Prof. Alfonso Carrisi

Nhar it-13 ta' Marzu 2025 fl-Istitut tal-Istudji Mediterranji fl-Università ta' Malta, saret taħdita interessanti intitolata "Parole e Immagini di una storia 'Minore'. L'emigrazione siciliana in Tunisia (XIX e XX Secolo)". It-taħdita bit-Taljan, u bil-għajnuna ta' preżentazzjoni PowerPoint, saret mill-Prof. Alfonso Campisi, li huwa parti ewlenija tal-Istudji Sqallin fi ħdan l-Università ta' La Manouba tat-Tuneżija. Il-Prof. Norbert Bugeja introduċa l-lejla u anki lill-Prof. Campisi. Waqt l-istess serata kien hemm disponibbli għall-bejgħ il-ktieb *Parole e Immagini di una storia 'Minore'. L'emigrazione siciliana in Tunisia (XIX e XX secolo)*, li awturi tiegħu huma Alfonso Carrisi u Flaviano Pisanelli. Waqt is-seminarju Carrisi semma l-fatt li fil-komunità kien hemm armonija u kollaborazzjoni sħiħa bejn Sqallin, Maltin u Tuneżin, u bejn Insara, Musulmani u Lhud. Kien hemm ukoll ħin iddedikat għall-mistoqsijiet min-naħa tal-pubbliku li attenda. Wara sar riċeviment żgħir.

## JITNIEDA T-TIELET KTIEB TA' FABLES FROM MIRAGASIA FL-IMSIDA



Nhar id-9 ta' Marzu Faraxa Publishing nediet il-ktieb ta' M.A. Fenech *The Upspringing*, parti mis-serje *Fables from Miragasia*. Is-sabiħ ta' avveniment bħal dan kien li l-ktieb tnieda f'ħanut - Forbidden Power fl-Imsida - li mhux direttament marbut mal-kotba biss imma li jbigħ oġġetti marbutin mad-dinja virtwali tal-gaming, fosthom logħob fantasy u fantaxjentifiċi, aċċessorji, mudelli u figuri t'azzjoni marbutin ma' dan il-qasam partikolari. Waqt it-tnedija, li kienet waħda informali għall-aħħar, inqraw siltiet minn *The Upspringing* minn Casey Camilleri, filwaqt li wara l-awtriċi, fil-preżenza tad-direttriċi ta' Faraxa, Joanne Micallef, iffirmat kopji tar-rumanz għal dawk kollha li akkwistaw kopja.

# Reazzjonijiet



Ittri

Ideat

**Email mingħand Maria Camilleri, l-1 ta' Frar 2025**

Bongi Patrick u grazzi immens tar-rivista. Napprezza x-xoghol fejjiedi tiegħek li persważa li tagħmlu b'tant dedikazzjoni. Grazzi.

Inselli għalik u nawguralek kull ġid.

Saħħiet
Maria

**Email mingħand John Consiglio, l-1 ta' Frar 2025**

Grazzi mill-qalb għażiż Patrick għal ħarġa oħra mill-aqwa ta' din li issa hija indubbjament l-aqwa pubblikazzjoni letterarja ta' kwalità f'pajjiżna.

Emminni li meta nircevih inħoss ġewwa fija ammirazzjoni kbira għall-ħidma tiegħek u tal-kollaboraturi tiegħek għal din il-ħidma.

Naturalment jiena nieħu gost nagħti ħin lill-ħin ('dare tempo al tempo') biex noqgħod naqrah bil-mod, u assolutament dejjem nispiċċa nistagħġeb bil-firxa wiesgħa ta' aspetti, ta' suġġetti, modi ta' trattazzjoni, reċenzjonijiet, intervisti, u insomma tant forom oħra ta' letteratura li dejjem jirnexxilek tinkludi.

Ma nistax ma ngħidlekx biex tissokta dejjem aktar b'dan il-kuraġġ u entużjażmu biex il-letteratura tissokta tingħata l-ġieħ ii tabilħaqq jistħoqqiha.

Jiena dawn is-sentimenti inħosshom bħala persuna li s-sejħa professjonli ta' ħajti ewlenija ma kinitx il-letteratura iżda xjenzi oħra (bħall-ekonomija, finanzi, kontabilità, management/tmexxija, eċċ), imma li anki fl-istess ħin għożżejt fil-fond ta' qalbi mħabba u rispett u ammirazzjoni għal dawk kolha li jafu japprezzaw il-valur tal-lingwa.

Grazzi mill-ġdid għażiż Patrick, u j'Alla li l-Ispirtu Santu jissokta jagħtik is-saħħa u l-ħerqa biex tissokta b'din il-ħidma tant importanti fl-għażiż pajjiż tagħna.

John Consiglio

**Email mingħand Amanda Busuttil, l-1 ta' Frar 2025**

Grazzi ħafna Patrick.

Issa nipprintjah u noqgħod naqrah bil-kwiet. Nifraħlek ta' kemm tirsisti għal-letteratura.

Grazzi ħafna u tislijiet!
Amanda

**Email mingħand Rita Saliba, l-1 ta' Frar 2025**

Grazzi ħafna Patrick,

Lanqas ilħaqt niżżilt IL-PONT li ma bdejtx naqra l-poeżiji b'temi varji li offrew mużajk letterarju interessanti. Persważa li se nsib it-tagħrif miġbur daqstant interessanti.

Nawguralek aktar enerġija fil-qasam letterarju.

Tislijiet,
Rita

**Email mingħand Ben Agius, l-1 ta' Frar 2025**

Grazzi ħafna, Patrick, ta' edizzjoni oħra ta' IL-PONT, mimlija tagħrif, intervisti u materjal interessanti għalina l-kittieba.

Grazzi oħra mill-qalb għall-kummenti dwar ir-rumanz tiegħi - *Allat tal-Qerq* - li għoġbok taqra.

Biex nippreċiża fejn ikkumentajt li kien hemm ...

"xi nuqqasijiet fir-rakkont, dettalji li bħal donnhom jiġu minsija: Kif l-ispettur Sant ma staqsa xejn dwar il-marki tat-tbenġil madwar għonq Sam wara li sefa attakkat, kważi maqtul? X'seħħ mis-siringa li Sam kellu f'idu malli stenbaħ fl-uffiċju tal-psikoterapewta maqtula?"

... nixtieq niġbidlek l-attenzjoni għal

(a) paġna 124, Sam jara li l-ħmura f'wiċċu kienet niżlet, u għall-marki f'għonqu jilbes polo neck sabiex dawn ma jidhrux meta ġie jħabbatlu l-Ispettur Sant.

(b) is-siringa kien strument li kien hemm bosta bħala fil-klinka, (paġna 117 - "Jiġru addoċċ mal-art ... siringi u vażetti") u għalhekk is-siringa f'idejn Sam kienet waħda minn għadd, u nassumu li telaqha fl-art fejn kien.

Għal darb'oħra grazzi tassew tax-xogħol li tieħu sabiex tagħtina ġawhra bħalm'hu IL-PONT.

Insellimlek.
Ben

**Email mingħand Mario Griscti, l-1 ta' Frar 2025**

Għażiż Patrick,

Ix-xahar ta' Frar, appuntu fl-ewwel jum tiegħu, bdieli bis-sabiħ. Inti għoġbok, ġentili bħas-soltu, tgħaddili IL-PONT ħarġa numru 82. Nifraħlek tal-editorjal u l-poeżija tiegħek. Ħadt pjaċir naqra l-bqija tal-kontenut, varjat, informattiv u

liberu. Dan il-magażin (it-tarbija tiegħek Patrick) irnexxa bil-kbir u bis-sħiħ għax inbena fuq bażi soda. Naċċertak li qed jagħmel ġid kbir lil-letteratura tagħna f'pajjiżna u f'pajjiżi oħrajn. Nixtieqlek kull ġid.

B'Imħabba:
Mario

**Email mingħand Joseph Bonello, l-1 ta’ Frar 2025**

Għażiż Patrick,

Nifraħlek tal-ħarġa ta' Frar ta’ IL-PONT! Nimpressjona ruħi bl-għadd ta' kotba Maltin li nippubblikaw f'din il-farka ta' gżira! U li inti ġġib tagħrif dwarhom jgħin biex wieħed isir midħla ta’ dan is-suq letterarju u biex wieħed jara x'jgħodd għalih.

Kuraġġ!

Tislijiet
Joseph

**Email mingħand Michael Zammit, it-2 ta’ Frar 2025**

Il-Ħadd it-tajjeb.

Minn qalbi nirringrazzjak ta' ħidma hekk kbira favur l-ilsien Malti.

Nammira d-determinazzjoni tiegħek biex twasslilna daqstant materjal varjat u ta' livell.

Fil-jiem li ġejjin nibda nduru ftit ftit u ntiegħem il-ħlewwa tiegħu.

Saħħiet,
Michael

**Email mingħand Rigu Bovingdon, is-6 ta’ Frar 2025**

Nammirak mill-ifnad ta' ruħi Patrick.

Imma jaħasra dan kollu min għandu l-ħin jaqra kulma jiġi taħt għajnejh!

Min jaf forsi tista’ tqassar xi ftit jew tappella lill-kontributuri jqassru; jikkonċiżaw!!!

Avolja l-materjal ikun ta’ standard ferm ammirabbli, naħseb li hemm fejn wieħed iqassar billi jirranġa mill-ġdid dak li jkun se jibgħatlek qabel jibagħtu.

Is-sliem dejjem,
Rigu

**Email mingħand Trevor Żahra, is-6 ta’ Frar 2025**

Grazzi mill-qalb għażiż Patrick u prosit bħal dejjem.
Naqrah bil-ħerqa.

Trevor

**Email mingħand Frank Zammit, it-12 ta’ Frar 2025**

Għażiż Patrick,

Ma nistaqsikx kif inti, għax mill-aħħar ħarġa ta’ IL-PONT jidher ċar li l-Bambin qiegħed ibierkek b'saħħa, għaqal u enerġija li inti qiegħed tħaddem b'sagrifiċċju kbir għall-benefiċċju tal-kotra.

Prosit u grazzi ħafna!

Frank (L-Awstralja)

**Email mingħand Alfred Caruana Ruggier, it-18 ta’ Frar 2025**

Għaziz Patrick,

Nerġa’ niżżik ħajr talli bgħattli IL-PONT Numru 82. Din id-darba wkoll fih kitba interessanti , varjetà ta' temi li jhennuk u jispirawk. Fl-editorjal int semmejt il-Kelma li tista' tintuża bi skopijiet differenti, fil-poezija, kif ukoll fil-proża. Aħna ngawdu l-ġmiel tal-Kelma li tesprimi s-sentimenti tal-kittieba. Il-qari huwa bżonn, kif għidt int, irid jibda kmieni fit-tfulija. It-trabi jistgħu jsiru midħla tal-ktieb jekk min jieħu ħsiebhom jurihom li fi ktieb hemm messaġġ, rakkont imwassal bi kliem u stampi u meta jqallbu l-paġni jagħrfu li hemm sekwenza. Dan jista’ jibda anki ma’ trabi taħt is-sitt xhur.

Rajtek u smajtek fil-proqramm "Id f'Id Lejn il-Letteratura" ma’ Dr Sergio Grech li kien nhar is-Sibt. Ammirajtek tesprimi l-ideat tiegħek dwar il-poeżija ta' Rużar Briffa, fejn għidt li tesprimi wkoll ferħ u li “Għar Dalam” ta' Ġor’ Pisani għandha messaġġ għaż-żgħażagħ biex jgħożżu dak kollu li hu Malti. Kif semmejt int, jekk naqraw il-poeżija aktar minn darba, issir bħal ritornell fit-talb, u nsiru nħobbuha. Jiena ċert li kulħadd jiftakar poeżiji jew xi parti minnhom.

Inti semmejt li l-Ingliż jhedded lill-Malti. Jiena ltqajt ma’ persuna minn Wales u qalli li jammira lil Malta talli l-Malti rikonoxxut mill-Unjoni Ewropea.

Tislijiet minn qalbi
Alfred





# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT JINTERVISTA LIL RITA SALIBA DWAR IL-ĠABRA TA' RAKKONTI *MA' KULL RIĦ*, KKM, 2024




**Din mhix l-ewwel ġabra ta' rakkonti tiegħek. Kif jorbtu dawn ir-rakkonti ġodda ma' dawk li ppubblikajt qabel?**

Kull rakkont fil-ġabriet li ppubblikajt jgħid storja ta' xi ħadd, ta' xi mkien, ta' dak li ġara jew li seta' għadda minnu min qed jirrakkonta. L-Istil ta' kitba forsi nbidel xi ftit maż-żmien. Jista' jkun li qed inħalli barra dak li hu żejjed jew li l-qarrej jista' jasal għalih sakemm jispiċċa jaqra l-ġabra kollha. Inħoss li bl-aħħar ġabra qed nibni relazzjoni mal-qarrejja, nidħol fi djalogu magħhom u naqsam magħhom l-aktar ħsibijiet intimi.

**Din tiegħek hija kitba miktuba mill-perspettiva "mara", anki permezz tal-ewwel persuna singular. Huma rakkonti msejsa fuq esperjenzi personali, jew huma espressjoni ta' esperjenzi li inti smajt minn nisa differenti?**

Ir-rakkonti jew stejjer fittizzji li nikteb jissawru minn dak li nosserva, minn esperjenzi kemm personali kif ukoll dawk li qasmu miegħi individwi, li għaġnuni f'dak li jien illum. Il-fatt li nikteb minn perspettiva ta' mara jgħinni nifhem l-irwoli kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel f'soċjetà li kulma jmur dejjem tinbidel.

**Il-letteratura tibda mill-personali imma mbagħad tgħaddi għall-universali. Kif jorbot dan mar-rakkonti f'*Ma' Kull Riħ*?**

Ir-rakkont fl-ewwel persuna jgħinni nistabbilixxi relazzjoni emotiva bejn il-karattri li nikteb dwarhom u l-qarrej. Imma nħobb infittex x'sawwar lil dak il-karattru. U aktar ma nfittex aktar nintebaħ li l-karattri li niltaqgħu magħhom, anke dawk siekta, huma kumplessi. L-ivvjaġġar għallimni li hemm

bżonnijiet bażiċi f'kull bniedem, emozzjonijiet u ġibdiet li mhumiex għalkollox aljeni minn dak li ngħaddu minnu aħna stess. Il-midja soċjali, li daħlet b'qawwa f'ħajjitna, qed turina li hemm x'jorbot bniedem ma' ieħor.

**Innutajt li element li jirrikorri f'dawn ir-rakkonti huwa t-"trawma" jew l-uġigħ kemm fiżiku kif ukoll emozzjonali u psikoloġiku li tgħaddi minnu l-mara. Kemm hu veru dan u kemm hu importanti għalik element bħal dan?**

L-uġigħ huwa parti fundamentali tal-esperjenzi li jgħaddi minnhom il-bniedem. "Tikber u tinsa," kienu jgħidulna meta konna żgħar... l-aktar meta konna naqgħu minn bandla jew niksru sinna. Imma kemm hu minnu dan? X'aktarx li nibqgħu b'marka li tfakkarna fil-limitazzjonijiet tagħna bħala umani. Jista' jkun ukoll li ħadd ma ppreparani x'uġigħ tista' tgħaddi minnu mara tul ħajjitha u kull esperjenza ta' wġigħ għallmitni b'mod differenti minn dik ta' qabilha. Hija ħaġa naturali għalija li ninterpreta l-uġigħ f'kitba metaforika, kemm konxajment kif ukoll bħala ilment sieket bejn il-linji. Xi drabi l-uġigħ li jgħaddi minnu ħaddieħor iservini ta' mera għal dak li nkun għaddejt minnu jien stess.

**Jispikkaw ukoll ir-relazzjoni bejn il-mara u r-raġel, imma anki dik bejn l-imgħoddi u l-preżent, mela t-tifkira li tibqa' tinfluwenza l-issa. Xi tgħid dwar dan?**

F'dawn in-novelli messejt ftit ir-relazzjonijiet bejn il-mara u r-raġel. Nemmen li rakkont joħroġ b'saħħtu bis-sehem taż-żewġ ġeneri fid-diversità tagħhom. L-imgħoddi jaf nixtieqna nħalluh warajna imma dejjem jibqa' jaffaxxinani l-fatt kif kultant immaġini, jew persuna mill-passat tagħna terġa' tqanqlilna emozzjonijiet li mingħalina nkunu ilna li dfinniehom.

**Dawn tiegħek huma fuq kollox rakkonti li jirriflettu r-realtà mgħixa minn bosta minna. U spiss mhix realtà faċli. Issemmi l-vjolenza domestika, l-abort, it-tradiment, il-vizzju tax-xorb u dak li jġib miegħu, il-mara vittma tar-raġel, u iktar. Hemm anki dawk id-drabi meta l-mara ma tibqax vittma imma tirreaġixxi wkoll. Reazzjonijiet tiegħek?**

L-istejjer jiġru madwarna l-ħin kollu, kemm dawk li jiġu ma' wiċċna bħal filmat għaddej, kif ukoll dawk li jseħħu wara bibien magħluqa. Is-soċjetà qed tinbidel - irridu kontinwament naddattaw għall-ambjent li ngħixu fih. Qed ngħixu fi żmien meta aħbar oskura taslilna bħal berqa permezz tal-midja soċjali. Ġieli taħsad. Ġieli tintilef f'aħbar oħra ta' warajha. F'dawn l-istejjer ippruvajt nitbiegħed mill-isterjotipi. Il-vittmi huma kemm nisa kif ukoll irġiel. Kultant l-ironija tal-ħajja wkoll tagħmilna vittmi... u l-karattru tal-vittma jaf ikun b'saħħtu f'rakkont aktar minn ta' dak li jabbuża.

**Xi tfisser il-kitba tan-novelli għalik?**

Nista' ngħid li fin-novella sibt in-niċċa tiegħi. Hija rakkont konċiż imma li jista' jkun profond jew provokattiv fil-ħsieb. Fin-novella hemm l-elementi kollha ta' storja fit-totalità tagħha, bil-plot, il-karattru, l-ironija u ħafna drabi bi tmiem mhux mistenni.

**Xi tgħid dwar il-letteratura Maltija miktuba minn kittieba nisa llum? Taqbel li għamlet passi kbar 'il quddiem lokalment?**



Rita Saliba

Tul dawn l-aħħar snin qrajna aktar kitbiet minn awturi nisa b'vuċijiet distinti u b'saħħithom u li qed jisfidaw in-normi li s-soċjetà drat bihom. Huma aktar kuraġġużi f'kitbiethom; għandhom għarfien ċar dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-identità tal-persuna. Nemmen li qed jispiraw nisa oħra biex ma jibżgħux isemmgħu leħenhom meta ffaċċjati b'inġustizzji soċjali.

**Kif inhi Rita Saliba bħala bniedma u fil-ħajja ta' kuljum tagħha?**

Fil-ħajja normali, Rita Saliba mhi xejn bħal ħafna mill-karattri li tikteb dwarhom. Tipprova tgħix ħajja sempliċi mdawra b'dak li jgħodd; tieħu gost ixxettel u tara ħajjiet ġodda jinbtu, tħobb il-baħar u l-mixjiet twal, issegwi l-isport, tpitter (meta ma tkunx wisq sħana) u qatt ma ssajjar l-istess riċetta.

**Xi jmiss wara *Ma' Kull Riħ*?**

Wara pubblikazzjoni ġdida jkolli ħafna ideat u pjanijiet ta' xi jmiss. Ħafna drabi jkunu esperimenti, jew tentattiv ta' ġeneru differenti ta' kitba. Imma l-kitba għalija hija passjoni u nħalli lili nnifsi nintelaq mal-burdata li nkun ninsab fiha. Nixpruna idea u nieħu gost nikteb. U kultant il-kliem waħedhom joħduni ma' kull riħ.

## ĦAJKU

Dal-griż fih piż
jagħfas sew fuq spallejna...
Xi qtugħ ta' nifs!

Il-griż ħatfilna
l-ilwien mimlija ħajja...
Ir-ruħ titniehed.

Mill-pont ilmaħna
għadajjar jilmaw seħer.
Iċ-ċpar inkiena.

Jixref mill-art
daċ-ċpar miżgħud bl-Istorja
ta' żmien imbiegħed.

**PATRICK SAMMUT**

# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## ALFRED GRECH JITKELLEM MA' IL-PONT DWAR IL-ĠABRA TA' POEŻIJI, *TAJR TAL-KARTI*, 2022




**Spiss jinħass fil-versi tiegħek l-indirizz lejn dan l-"int". Min hu jew min hi dan/din l-"int"? Hu/hi entità assenti jew preżenti? U kemm huwa importanti l-"jien" fi vrusek?**

Fedico Garcia Lorca jitkellem dwar El Duende, bħala entità li tinsab ġo fih, u li kull artist u kull min joħloq is-sabiħ ikun fi djalogu jew litġju (sejjaħlu li trid) fil-ħolqien tal-opra tiegħu. El Duende mhux xi anġlu jew il-muża kif drabi jingħad. Dun Karm Psaila pereżempju jirreferi għall-anġlu tal-poeżija. Il-Griegi kellhom disa' Mużi kull waħda tirrappreżenta dixxiplina partikoli ta' kreattività. Socrates isemmi x-xitan li darba giref meta xorob iċ-ċikuta (*hemlock*). Descartes isemmi x-xitan tad-dwejjaq. Imma El Duende mhux ix-xitan li nifhmu bih fir-reliġjon nisranija, imma l-ġenju l-ieħor li jgħammar fil-qalb jew fir-ruħ tal-artista. Ħafna drabi l-poeżija hija riżultat tar-relazzjoni mal-El Duende tiegħu. Ħafna drabi imma mhux dejjem jiena nkun qed nindirizza lil dan "ix-xitan" tiegħi. Ħafna drabi nkun qed nindirizza lili nnifsi u drabi oħra lil xi ħadd partikolari imma li għandu jibqa' sigriet.

**Kemm huma importanti għalik l-endekasillabu u anki l-influwenza ta' Oliver Friggieri poeta fi vrusek? Korrett jekk ngħid li hemm ċertu faxxinu wara l-endekasillabu?**

L-endekasillabu huwa vers għani immens. Huwa l-vers li fih jinkitbu l-poeżiji epiċi. Għalkemm il-poeżiji epiċi jew aħjar epiċi tal-antik kienu jinkitbu ħafna drabi fl-eżametru verġiljan jew ta' Omeru li huwa l-vers ta' sitt metri ġeneralment dattiliku bi tmintax-il sillaba. Imma opri kbar inkitbu bl-endekasillabu bħal pereżempju *La Divina Commedia* ta' Dante. Il-vers tal-ħdax huwa twil biżżejjed biex wieħed joħroġ il-kunċett u l-idjoma mingħajr ma jsib ruħu ssikkat u li kważi, kważi, meta ma jkunx jirrima jiġi jixbah

ħafna l-proża bid-differenza tal-kadenzi li huma determinati mill-aċċenti tiegħu. Oliver Friggieri jikteb ħafna fl-endekasillabu u wera kif dan il-vers li huwa wieħed solenni ħafna jista' jintuża wkoll biex jesprimi kunċetti ta' kuljum inqas elevati. Barra minn hekk wera wkoll li jista' jintuża għal-lirika illi minnha nnifisha hija poeżija qasira. Fejn Dun Karm wera kif fil-Malti l-endekasillabu jista' jintuża fil-poeżija filosofka (*Il-Jien u Lilhinn Minnu*), Friggieri wera kif l-istess vers jista' jintuża għall-poeżija lirika. Nista' ngħid li l-faxxinu tiegħi għall-endekasillabu jaf primarjament lil Oliver Friggieri.

**Inti bħala poeta timraħ bejn it-tradizzjonali u l-modern, bejn il-versi regolari tal-prosodija tal-poeti Romantiċi u l-vers u l-metru ħelsin tal-poeti post-Indipendenza. Xi tgħid dwar dan u kemm jintrabat dan mal-karattru tiegħek?**

Bħalma l-artisti li jpittru fuq stil modern jitgħallmu l-ewwel it-teknika bħall-artisti tradizzjonali, hekk ukoll jiena ngħid, il-poeti moderni jridu jitgħallmu u jkunu jafu jħaddmu l-metrika. Fil-każ tiegħi ħafna drabi l-versi jibdew jieħdu ċerti ritmi jiena u nikteb, u għalhekk il-mixi tal-poeżija jieħu l-għamla tar-ritmi (fil-forma ta' metru) li bihom inkun bdejt nikteb. Imbagħad jiena nemmen ukoll li l-poeżija toħroġ weħidha bħal gelgul ta' ilma spontanju. Is-sabiħ tal-poeżija moderna jinsab fl-idjoma u fl-espressjoni aktar aktar milli fir-ritmu.

**Id-djalogu ma' kittieba jew poeti oħra fil-versi tiegħek, mela l-intertestwalità. Għandi f'moħħi meta ssemmi lil Gioele Galea pereżempju. Kemm huma importanti dawn għalik, imma anki fil-qasam tal-poeżija inġenerali?**

Għalhekk il-poeżija hija l-ogħla forma ta' espressjoni letterarja għaliex tqanqal fil-qarrej emozzjonijiet li ma tistax tesprimihom mod ieħor. Inqtal li poeżija tajba għandha tbiddlek (jew tbiddillek ħajtek). Ħafna drabi niġi ispirat minn poeżija li nkun qrajt u nħoss li rrid nirrispondi għaliha. U nkun irrid ukoll nindika x'kien li qanqalni biex nikteb dik il-poeżija bħala reazzjoni. Naħseb li aktar milli huwa utli, ikun qed jistimula l-ġenju kreattiv meta poeti u kittieba jiddjalogaw ma' xulxin permezz tal-ktiba.

**F'din il-ġabra nsibu iktar minn 180 poeżija li inti ktibt kollha fl-2018. Hemm min jaħseb li dawn huma kollha frott is-solitudni jew ta' bniedem li għandu ħafna ħin ħieles, jew vittma ta' sens ta' rimors u ħtija. Mela l-kitba tal-poeżija anki biex jimtela vojt ġewwa fina. Kif tirreaġixxi għal dan?**

Fiż-żmien li nkitbu dawk il-poeżiji jiena kont u għadni nipprattika ta' avukat biex naqla' l-ħobża ta' kuljum. Min jaħseb li jiena nqatta' ħafna ħin biex nikkomponi l-poeżija jkun qed jiżbalja. Il-poeżija tiġi ħin bla waqt toħroġ b'mod spontanju u wara li niktibha qajla jkolli għalfejn inbiddel jew nikkoreġi. Infatti għalhekk kull poeżija ġġorr id-data magħha. Poeżija lirika ma teħodlokx ħin biex tiktibha. Ġieli nkun insuq u jkolli nwaqqaf biex nibda nħarbex għax tiġini l-ispirazzjoni dak il-ħin. Imma l-poeżija lirika hija wkoll frott tas-solitudni. Is-solitudni tagħmlek ħabib miegħek innifsek u ttik għarfien 'il bogħod mill-ġiri ta' kuljum. Il-poeżija ssir ukoll l-iżvog ta' dawk il-ħafna tqanqiliet u turbolenzi konfliġġenti li ħafna drabi jassaltaw lir-ruħ. Imbagħad il-mistoqsijiet ta' x'seta' kien u xi stajt nagħmel dejjem hemm ser jibqgħu.



Alfred Grech

**Il-kitba tal-poeżija anki bħala piż li wieħed irid iġorr ukoll jekk ma jixtieqx; il-poeżija bħala tbatija. Imma minn din is-sofferenza jew toqol titwieled l-isbuħija. Kemm hu minnu dan?**

Il-poeta ħafna drabi jsib ruħu fis-sitwazzjoni tal-profeta li jiġi impost fuqu t-toqol illi kliemu mhux fil-vokbolarju popolari, li jgħum kontra l-kurrent, li jgħix ta' gwejjed quddiem il-vjolenti u jkun sinċier f'dinja tal-faċċjoli. Kif ġa għedt, il-poeżija mbagħad tkun l-iżvog, l-espressjoni ta' dak li jkun ilu jinħema ġo fih u jgħawwarlu l-ġewwieni tiegħu. Il-poeżija bħall-arti mbagħad tesprimi dejjem is-sabiħ imqar meta tirrifletti l-aktar kwadri jew sitwazzjonijiet ta' dwejjaq fin-natura umana.

**Hemm ċerti okkażjonijiet partikolari meta inti tikteb il-poeżiji tiegħek, bħal p.e. f'Jum il-Mara, Jum San Valentin, il-mewt jew żwieġ ta' xi ħadd, imma dawn huma ftit. Dan ifisser li inti poeta li tippreferi l-ispirazzjoni milli l-kummissjoni?**

Ifisser li qabel xejn imqar okkażjonijiet importanti jistgħu iservu ta' ispirazzjoni. Imma jekk wieħed jara sew, il-poeżija li toħroġ mhijiex il-poeżija (tal-okkażjoni) li tista' tkun kommissjonata inkella ma tkunx. Tkun il-poeżija b'toni u attitudni differenti minn poeżija li tinkiteb bħala riżultat tal-kummissjoni jew l-okkażjoni. Fil-każ tiegħi poeżija bħal din qatt, jew rari ferm ikunu riżultat ta' kummissjoni.

**Fil-poeżija *Exsultet* tikteb dwar "ekonomija tas-sapun", "poplu lluppjat", soċjetà fejn "kollox livellat/ għax xejn mhu xejn". Il-poeżija bħala att politiku. Xi tgħid dwar dan u kemm hemm bżonn li poeżija bħal din tkun iktar preżenti u miktuba mill-poeti kontemporanji?**

Oliver Friggieri kien jgħid li l-poeta għandu jkun għannej, filosfu u profeta. Il-profeta li jgħix fil-marġini tas-soċjetà u jippriedka r-riforma, ir-rinnovazzjoni u t-tibdil u jikkritika dak li jara fis-soċjetà. F'dan is-sens allura l-poeta għandu jibgħat messaġġi ċari li huma f'sens wiesa' tal-kelma messaġġi "politiċi" u jkun strumentali fit-tibdil li jixtieq jara. Mhux ta' b'xejn l-aqwa awturi kienu jinkorporaw dawn it-tliet elementi u li minħabba f'hekk ix-xogħlijiet tagħhom baqgħu dejjiema u jidwu tul is-sekli.

**Il-poeta hu dak li qiegħed eżatt fuq il-linja li tifred id-dawl mid-dlam, it-tajjeb mill-ħażin, it-"tfajjel ċkejken ta' bla ħażen" minn dak li jimxi fuq "is-sies tat-tentazzjoni", il-kwotidjan mill-Ideal. Xi jfisser dan għalik? Tqisu bħala barka jew saħta/piż?**

Iż-żewġ naħat tal-istess munita. Minn banda huwa barka. Imnalla jkun hawn min isemma' leħnu u għalhekk tirrikorri ħafna drabi fil-poeżija tiegħi l-figura tal-ekwilibrista jew tal-Arlekkin. Il-poeta li jqis kollox mill-pożizzjoni ta' wieħed distakkat u li allura xejn mhux mija fil-mija tajjeb jew mija fil-mija ħażin. L-univers jista' jkun kaotiku imma l-kaos tal-univers joħloq is-simetriji, l-unità u s-sabiħ. Il-bniedem dejjem jimmira lejn l-ideal imma fl-istess ħin qiegħed jgħix fid-dinja tal-kaos u tal-assurdità. Hekk ukoll il-poeta jrid dejjem jagħraf is-sabiħ, joħroġ id-dawl fost id-dlam, jislet it-tajjeb mill-ħażin u jitkellem b'mod awtentiku u innoċenti f'dinja tal-ipokriti jew tal-ħallelin. Minn ċertu *punto di vista* dan jista' jkun piż. Il-poeta jimxi fuq is-sies tat-tentazzjoni għaliex irid imiss in-nar biex ikun jaf in-nar kemm jaħraq, jersaq lejn it-tarf biex jilmaħ il-periklu tal-irdum u jitla' t-telgħa tal-kalvarju sabiex ikun jaf it-tbatija x'inhi. Fi kliem ieħor il-poeta jrid jgħix il-ħajja fil-milja tagħha. Minn banda waħda dan huwa piż u mill-banda l-oħra din hija wkoll barka. Iżda huwa d-destin tal-poeta.

**Jidher li l-imħabba għandha post ewlieni fil-versi tiegħek. Għaliex dan? Il-poeżija bħala att ta' mħabba fiha nnifisha. Xi tgħid dwar dan?**

Il-ħolqien huwa att ta' mħabba. Il-poeżija hija ħolqien u għalhekk hija riżultat ta' att ta' mħabba. Imma lil hinn minn att ta' mħabba hija ukoll att ta' sagrifiċċju għaliex il-poeta jiżvina lilu nnifsu sabiex toħroġ minnu l-kwintessenza ta' emozzjonijiet splussivi. Il-poeżija hija forma ta' taħdita spiritwali mad-dinja, man-natura, mal-bniedem u fl-aħħar nett magħna stess. Tibqa' dejjem il-lingwa tal-imħabba għaliex tqanqal emozzjonijiet diversi. Il-poeżija titkellem mill-qalb, titkellem mal-qarrej b'mod intimu u personali, titkellem is-sewwa u fil-profond u fuq kollox, titkellem fuq is-sabiħ. U kif jgħid John Keats: "a thing of beauty is a joy forever."



## XI MINN DAQQIET

Xi minn daqqiet jien nagħmilha ta' kavallier
u niġi nfittxek lil hinn miċ-Ċittadella,
iżda l-mantell tiegħi ma jaħbix
id-dellijiet li dritt jaħarbu
kull meta nibda naqdef kontra kull rima.
Id-dehra tiegħek daħlet f'moħħi
bħal meta tiftaħ ktieb għall-ewwel darba
u tħares lejn il-qoxra biex mingħalik trid taqta'
x'għandu xi jgħidlek.
Xħin bdejna nimxu lejn xulxin intbaħna
li kien għad jonqos pass ieħor
u bejnek u bejni kien hemm dejjem
il-baħħ tal-infinit
u l-bogħod li hemm bejnietna
mhuwiex lanqas bogħod wieħed.
Jien nibqa' naqdef xorta waħda
mar-rima li tħallili l-fwieħa tiegħek
inkella s-skiet ta' xi sirena
minflok ninħeba fija nnifsi.

## NOTTURN

F'nofs dan il-baħar bla konfini
min jaf liema waħda hija inti
mill-kwiekeb qed ipetptu
li trid turini t-triq tal-wegħdiet fiergħa?
Jiena negħreq jekk nintebaħ li m'intix hemm.
Idejk li s-soltu jmellsu saru rogħda waħda
imbagħad nisimgħu lil xulxin
imqar fis-skiet etern
għalkemm ninsabu 'l bogħod
ninsabu qrib
għaliex il-bogħod hu biss fil-moħħ
għal min hu bla fidi.
U l-moħħ ma jċedi qatt
għas-skiet u t-tqanqiliet.
Int tkun taf jien xi rrid mit-ton ta' leħni.

## IL-LAQGĦA TAGĦNA

Il-laqgħa tagħna ħabta u sabta
bħal terrimot li jheżżeż
vulkan li jirrimetti minn ġol-vixxri
il-lava taħraq ta' tqanqiliet u episodji.

Il-ġmiel tiegħek jissorprendi
jew jiżboq dak tal-mara mitoloġika
bint l-allat u nofsha bniedma
u wiċċek reġa' xegħel il-ħmura ta' filgħodu.
Jien nibqa' l-vagabond infittex trejqa ġdida
u inti l-kewkba ta' filgħodu
tirrifletti l-biża' tiegħi.

**ALFRED GRECH**
**(Minn *Tajr tal-Karti*, Għawdex, 2022)**

# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT F'INTERVISTA MA' TYRON GRIMA DWAR IR-RUMANZ *DIN IL-ĠAWHRA TA' PAJJIŻNA*, HORIZONS, 2024




**Dan hu rakkont li jiċċaqlaq fi spazju bejn ir-reali (is-sitwazzjoni politika f'Malta, għalkemm din ma tissemmiex espliċitament, mill-bidu tat-tieni nofs tas-seklu 20 sal-preżent) u l-mistħajjel jew fantastiku (bil-kapijiet tal-partiti politiċi li kapaċi jtiru u t-tfal tal-blata tax-xitan). Kemm huwa minnu dan?**

Dan naħseb li huwa punt kruċjali fir-rumanz. Ir-reali, anki jekk mhux espliċitu, jintgħaraf malajr, b'tali mod li l-persunaġġi storiċi jistgħu jiġu identifikati faċilment. Però l-aspett mistħajjel mhux biss joffri 'protezzjoni' metaforika biex bħala kittieb dawn il-karattri jistgħu jiġu ppreżentati b'mod esaġerat, imma fuq kollox biex jirrappreżenta t-tensjoni kontinwa li hemm fil-ktieb bejn dak li hu u dak li mhux. Din hi Malta, u mhux. Wara kollox, il-kilba għall-poter u l-atti ta' korruzzjoni, sfortunatament, huma universali, u jinsabu f'kull kultura, f'kull perjodu tal-istorja. Fl-istess ħin, il-fantastiku tani l-opportunità li nilgħab b'mod kreattiv dwar ċerti aspetti tal-istorja politika lokali, għax wara kollox l-għan tar-rumanz żgur mhux li jippreżenta ġrajja storika.

**Kif tiddeskrivi rumanz bħal dan?**

Huwa diffiċli ħafna biex nillimita dan ir-rumanz għal ġeneru wieħed. Minn banda, insejjaħlu rumanz *queer*, u l-identità *queer* hija fundamentali f'din il-kitba, daqskemm hi f'diversi xogħlijiet letterarji u teatrali tiegħi. Mill-banda l-oħra tmur lil hinn mill-aspett *queer*, xejn xejn għax dan l-aspett joħroġ iktar fil-beraħ fl-aħħar terz tar-rumanz. L-istess għall-element fantastiku/politiku li hu qawwi fl-ewwel u l-aħħar terz, imma b'deċiżjoni deliberata, jgħib fit-tieni terz. Għalhekk naħseb li r-rumanz huwa ġrajja ta' pajjiż, li qed

narawha mil-lenti ta' familja partikolari li ġiet affettwata mit-tibdiliet politiċi u soċjali tal-pajjiż, xi kultant b'mod dirett, drabi oħra indirettament. Fuq kollox, il-lenti prinċipali hija tal-protagonist, l-iben ta' din il-familja li qed jipprova jgħaqqad il-biċċiet tal-mużajk flimkien, biex jagħmel sens minnhom u mill-kaos tagħhom, kemm għalih bħala individwu, kif ukoll għal familtu, u mingħajr ma jaf, għal pajjiż kollu.

**Min huma t-tfal tal-blata tax-xitan, u għaliex Leli u bintu biss jarawhom?**

It-tfal tal-blata tax-xitan huma dawn il-ħlejjaq misterjużi li huma parti mill-folklor ta' dan il-pajjiż immaġinarju, ikkunsidrati fir-rumanz, iktar bħala ħlejjaq mitoloġiċi milli reali. Imma hekk kif ir-rumanz jipprogressa, il-qarrej jinduna li forsi tassew jeżistu dawn il-kreaturi, qishom tfal, imma fil-fatt huma adulti li qatt ma twalu. Viżwalment, dejjem immaġinajthom qishom l-aljeni ta' *Close Encounters of the Third Kind*, anki jekk aljeni mhumiex. Fir-rumanz jaqgħu taħt il-kustodja ta' waħda mill-politikanti ewlenin, il-Lady, li tħarriġhom bħala mezz ta' propoganda tal-filosofija politika tagħha. Għax huma kreaturi mistiċi mhux kulħadd jista' jarahom. Irid ikollok id-don, li tkun twelidt bih, biex tkun tista' tarahom. (Bħal mistiċi li huma *hard wired* li jkollhom dehriet li mhux kulħadd kapaċi jesperjenza). Fil-familja tal-protagonist, dan id-don għadda ġenetikament lil Leli u lil bintu, min-naħa ta' omm Leli. It-tfal tal-blata tax-xitan joħolqu element misterjuż fir-rumanz, imma fl-aħħar kapitlu huma fus għall-plot twist importanti, li ovvjament m'iniex ħa nikxfu hawnhekk. Fuq livell metaforiku, jistgħu jirrappreżentaw lil poplu li qatt ma kiber, qatt ma immatura, qatt ma tgħallem jaħseb b'rasu, jibla' kull propoganda li tingħatalu, u li filli lest li jagħmlek qaddis, għax jaqbillu, u filli lest li jsabbtek mal-art.

**Xi tfisser eżattament it-taqtigħa surreali bejn l-ajkla u għasfur iċken? Ċert li f'ċerti każi dawn il-bhejjem jintrabtu ma' persunaġġi partikulari fir-rumanz tiegħek. Xi tgħid dwar dan?**

L-ajkla tirrappreżenta lin-nanna, omm Leli, mentri l-għasfur tal-bejt huwa l-protagonist. Dawn iż-żewġ karattri qegħdin f'relazzjoni antagonista bejniethom, anki jekk propjament hija n-nanna li tara lill-protagonist bħala 'għadu', u mhux bil-kontra. L-ajkla, ovvjament, hija għasfur ta' kobor u makkak. L-għasfur tal-bejt hu vulnerrabli u teneru. L-ajkla tista' taħtaf lill-għasfur tal-bejt u toqtlu. Imma fil-verità hija l-ajkla li tipperċepixxi lill-ħlejqa l-oħra bħala għasfur tal-bejt. Il-protagonist huwa bil-wisq iktar qawwi, u fl-aħħar mill-aħħar għalhekk in-nanna/ajkla tarah bħala theddida. Din id-dinamika toħloq ċerti mumenti ta' tensjoni fantastika fir-rumanz bħal meta l-ajkla tipprova taħtaf lill-protagonist fl-għalqa tal-kunvent. Tagħti wkoll l-impressjoni li n-nanna, meqjusa bħala Saħħara, kapaċi tinbidel f'annimali, li jaċċena għall-element fantastiku fir-rumanz.

**Għaliex l-għażla tal-isem Leli bħala isem il-protagonist? Jista' jkun hemm xi rbit mal-Leli ta' *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer?**

Leli huwa isem il-missier tal-protagonist. Però, fl-ewwel taqsima tar-rumanz nistgħu ngħidu li hu l-karattru



Tyron Grima

prinċipali, u li kollox idur miegħu. Sfortunatament, l-għażla tal-isem ta' dan il-karattru mhux relatat mar-rumanz ta' Ellul Mercer, minkejja li nista' nifhem għala l-ħsieb tal-irbit. Ir-raġuni tal-għażla, pwerili kemm hi pwerili, hi li missieri kien jismu Leli, ossija Emmanuel, imma kien hemm min isibu bħala Leli. Ir-rumanz, kif ħa nespandi iktar fuq hekk fid-domandi li jmiss, għandu element awtobijografiku. Leli tar-rumanz mhuwiex eżattament Leli missieri, u ħafna minn dak li ġarrab fir-rumanz, ma esperjenzahx missieri. Imma, ovvjament, xebh hemm, u l-karattru kien ispirat mill-papà.

**Interessanti l-idea li tinkludi *Din il-Ġawhra ta' Pajjiżna* ta' Dr David Stils miġjub b'tipa korsiv ġewwa *Din il-Ġawhra ta' Pajjiżna* li hu r-rumanz tiegħek. Hemm it-test ġewwa t-test. Għaliex dan?**

L-idea tat-test f'test nużah f'diversi mix-xogħlijiet tiegħi. Tagħti l-opprtunità, permezz tal-intertestwalità, li wieħed jesplora perspettiva oħra. Il-karattru ta' David, sa iktar min-nofs il-ktieb, huwa biss funzjonali: storiku li qed jagħtina analiżi akkademika ta' dak li ġara politikament f'dan il-pajjiż. Iktar tard, niskopru li David huwa l-maħbub tal-protagonist, u li huwa karattru importanti fl-iżvilupp tal-aħħar parti tar-rumanz. Bħala storiku, joffri leħen iktar newtrali. Imma bħalma nafu, u naħseb li r-rumanz jurih sew dan, in-newtralità ma teżistix, u kważi inutli li wieħed jipprova li jkun. David ukoll mhux newtrali, u minħabba f'hekk ikollu jħallas prezz qares, li jħalli impatt fuq il-protagonist, kif ukoll fuq il-pajjiż.




**Hemm ukoll il-partijiet fejn tintuża t-tipa fil-grassett. Ta' min hu l-leħen hemm?**

Viżwalment, it-tipa fil-grassett ħa tolqot l-għajn, u fl-opinjoni tiegħi tgħin lill-qarrej biex ikollu bidla fir-ritmu fl-andament tar-rumanz waqt li qed jaqra. Forsi għax influwenzat mid-dinja tat-teatru, li hu aspett ieħor importanti f'ħajti, imma l-mużikalità tal-kitba hija imperattiva għalija. Il-mużikalità ma tinħoloqx biss bis-sintassi, bl-għażla tal-lessiku, u bit-tul tal-kapitli, imma anki permezz tal-estetika, il-layout tar-rumanz. F'*Din il-Ġawhra ta' Pajjiżna*, din it-tipa hija l-leħen tal-ajkla, li kif għidt qabel, tirrappreżenta lin-nanna saħħara, li hi n-nemesis tal-istorja, u għalhekk vuċi qawwija fit-taqtigħa li għaddej minnha l-protagonist.

**F'dan ir-rumanz naqraw dwar vjaġġ ta' pajjiż matul perjodu partikolari, imma anki dwar vjaġġ ta' individwu, in-narratur. Kemm hu minnu dan? Kemm minn dan ix-xogħol hu awtobijografiku?**

Iż-żewġ aspetti jintrabtu flimkien u jinfluwenżaw lil xulxin. Il-vjaġġ storiku tal-pajjiż għandu impatt fuq il-vjaġġ tal-protagonist, li wkoll għandu impatt fuq l-iżvilupp ta' dak li jiġri fil-pajjiż. Fir-rumanz l-element ta' fantasija hu qawwi, u daqstant ieħor il-mod ta' kif nissilt, u żviluppajt il-ġrajja. Imma l-bażi hi vera. Mela, jekk nieħdu l-aspett soċjopolitiku, pereżempju, hemm ħafna dettalji mibdulin, esaġerati, ippreżentati minn perspettiva ta' karattri li għandhom l-aġenda tagħhom. Imma l-bażi ċarament hi l-istojra ta' Malta f'dawn l-aħħar sebgħin sena. L-istess ħaġa bil-ġrajja tal-protagonist. Hemm ħafna aspetti li huma awtobijografiċi. L-element awtobijografiku nemmen li b'xi mod jew ieħor dejjem ħa ssibu fil-kitba ta' awtur, imma ħafna drabi b'mod sottili, inkonxju jew metaforiku. F'dan il-każ kien proċess totalment konxju, fejn qbadt ċerti affarijiet li ġraw lili u lill-familja tiegħi bħala punt ta' tluq. Però, nixtieq ninsisti li dan huwa biss punt ta' tluq, u ħallejt imbagħad ir-rumanz u n-nisġa tan-narrativa tbiddel, iżid u anki tesagera l-fatti, b'tali mod li forsi huwa diffiċli li tifred dak li seħħ fil-ħajja lil hinn mir-rumanz, u dan li seħħ ġo fih.

**Kemm hu importanti l-element oniriku – mela l-ħolm - f'dan ir-rumanz?**

Il-ħolm u s-subkonxju jagħtu lok għall-perspettivi surreali. Bħalma jgħid Freud, il-ħolm hija mogħdija biex nifhmu aħjar dak li hemm lil hinn mill-bniedem. Żewġ xeni fejn il-ħolm huwa importanti f'dan il-ktieb huma x-xena tal-ħolm ta' oħt il-protagonist, u l-ħolma tal-protagonist stess waqt li jkun il-kunvent, fost oħrajn. L-ewwel waħda turi mhux biss l-ansjetà ta' oħt il-protagonist, imma tirrefletti l-ansjetà ġenerali li l-familja qed tgħaddi minnha, li nistgħu nestenduha għall-ansjetà li l-pajjiż qed iġarrab. Fil-każ ta' oħtu, il-ħolm iwassalha biex iżżur id-dar tan-nanna, li hija fl-opinjoni tiegħi, waħda mill-aktar xeni surreali li hemm fir-rumanz. Kemm il-ħolma, kif ukoll iż-żjara, iwasslu lill-oħt għal deċiżjoni qalila, mhux wisq inqas tal-biża' mid-deċiżjoni li kellu Abraham fil-Ġenesi dwar il-qtil ta' ibnu. Il-ħolma tal-protagonist waqt li kien il-kunvent juru r-relazzjoni mhux sana li kellu ma' ommu u joffru xaqq ta' informazzjoni dwar it-taħwid li kien għaddej minnu dwar is-sesswalità, element ieħor li fit-tieni parti tar-rumanz isir importanti ħafna.

**Għaliex ktibt dan ir-rumanz: jista' jkun li nkiteb bħala għamla ta' duwa jew skonġrament kontra sens ta' ħtija li seta' tgħabba bih min qed jikteb?**

Fl-aħħar mill-aħħar ir-rumanz huwa dwar it-trawma interġenerazzjonali li tgħaddi mhux biss minn ġenerazzjoni għall-oħra fil-familja, imma minn ġenerazzjoni għall-oħra fil-pajjiż. Il-ġrieħi tal-imgħoddi jintirtu. Fl-imgħoddi, u ovvjament għal min jemmen, din għadha tiswa, fil-Kattoliċiżmu nirreferu għal dan il-kunċett bħala d-dnub oriġinali li nitwieldu bih, u minkejja li jinħafer bil-Magħmudija, l-effett tal-ġrieħi jibqa'. Illum il-ġurnata hemm ħafna riċerka fil-psikoloġija, u f'dixxiplini oħra, li jeżaminaw it-trawma interġenerazzjonali, u jixħtu dawl fuq kemm dawn il-feriti li nitwieldu bihom jaffettwaw ħajjitna. Personalment nemmen li jekk il-persuna tiżviluppa għarfien tad-dinamiċi ta' dawn it-trawmi interġenerazzjonali, partikolarment fil-familja, hemm iktar ċans ta' fejqan. Il-fejqan ma jkunx sħiħ, u l-fażi ta' fejqan li jmiss tiġi mgħoddija lill-ġenerazzjoni ta' wara. Din hija xi ħaġa li l-protagonist ta' dan ir-rumanz jintebah biha fl-aħħar ta' ħajtu. Hija żgur tentattiv biex hu, kif ukoll il-kittieb, jagħti d-duwa meħtieġa lilu nnifsu biex ifiq. Imma, kif għidt, il-ferita qatt ma tingħalaq totalment.

**Protagonista oħra f'dan ix-xogħol hija l-Mewt, ladarba bosta mill-persunaġġi jispiċċaw mejtin. Reazzjonijiet tiegħek?**

Il-mewt hija preżenti fir-rumanz sa mill-bidu nett. Ir-rumanz jiftaħ b'raġel xiħ – il-protagonist, li hu armel, fl-eqqel tax-xitwa, jgħix waħdu, u li għajr għall-kumpanija li ġieli tagħmilu oħtu jew in-neputija, ma tantx għandu kuntatt soċjali. Jaf li qed jistenna l-mewt tiġi għalih, imma ma jixtieqx li dan jiġri qabel ma jkun għaqqad il-biċċiet kollha tal-istorja. Hekk kif permezz tan-neputija jibda jirrakkonta l-ġrajja ta' familtu, kif ukoll ta' pajjiżu, ix-xwejjaħ jibda jersaq iktar qrib il-mewt, u fl-istess ħin juri l-mewt tal-bosta membri tal-familja tiegħu, kif ukoll ta' politikanti li kienu ta' influwenza fuq il-pajjiż. Hemm anki għadd ta' xeni ta' funerali fir-rumanz, ironikament ħafna iktar minn xeni ċeremonjali li juru ferħ. Fl-istess ħin l-aspett interġenerazzjonali joffri laqta ta' tama. Il-protagonist u l-familja tiegħu kollha jmutu sa tmiem ir-rumanz. Imma hemm referenzi għall-ġenerazzjoni li jmiss, fosthom in-neputija. Ftit li xejn nafu dwarhom dawn il-karattri. Kważi kważi bilkemm nistgħu nsejħulhom karattri sekondarji. Imma l-fatt li jissemmew u qegħdin hemm ifisser li ħa tkompli għaddejja l-istorja tal-familja u tal-pajjiż. X'impatt ħa jkollha t-trawma interġenerazzjonali fuqhom u kif ħa

jissieltu kontriha? Dawn huma mistoqsijiet li għalihom m'hemmx risposti.

**Taqbel jekk ngħid li dan hu rakkont multi-ġenerazzjonali?**

Iva, naqbel u jagħmel ħafna sens dan il-kumment fl-isfond ta' dak li għadni kemm ktibt dwar it-trawma interġenerazzjonali. Ir-rumanz jiffoka fuq żewġ ġenerazzjonijiet, u jagħtina aċċenn sew fuq il-ġenerazzjoni preċedenti, u ftit ħjiel fuq il-ġenerazzjoni suċċesiva. Ir-rumanz jipprova wkoll juża lessiku differenti biex joħroġ id-differenza, għalinqas esterna, bejn dawn iż-żewġ ġenerazzjonijiet, biex juri t-tibdil ta' mentalità, anki jekk paradossalment l-elementi fundamentali ta' dawn iż-żewġ ġenerazzjonijiet baqgħu l-istess. It-taqtigħa eżistenzjali tmur lil hinn mid-differenzi ġenerazzjonali, imma hija espressa b'modi diversi skont iż-żmien li qegħdin fih. Nistgħu ngħidu li l-karattri jittantaw ukoll jagħmlu djalogu bejn il-ġenerazzjonijiet, imma f'dan il-proċess iktar jiltaqgħu ma' xkiel milli ma' suċċess.

**Ċert li partijiet minn dan ir-rumanz kienu jeħtieġu ċertu kuraġġ biex ktibthom u ħriġthom għad-dawl. Jistgħu jdarrsu saħansitra lil ċerti qarrejja. Imma hu fatt li dan hu wieħed mill-ftit rumanzi bil-Malti li jitkellmu b'mod liberu, anki grafiku, dwar il-ġibdiet sesswali-emottivi bejn l-irġiel. Xi tgħid dwar dan? U għaliex għażilt l-ambjent tal-kunvent?**

Nista' nifhem li x-xeni tal-kunvent jafu jkunu skomdi għal ċerti qarrejja, bħalma taf tkun ukoll ix-xena tal-abbuż sesswali. Dawn ix-xeni huma deskritti b'mod grafiku, u din kienet deċizjoni konxja min-naħa tiegħi. Il-letteratura *queer* jew LGBT (li hemm differenzi sostanzjali bejn iż-żewġ ġeneri) għadha qed tiżviluppa lokalment, minkejja t-tibdiliet li saru Malta fil-qasam legalistiku. Kuntent nara u naqra kittieba żgħażagħ li qed jagħtu kontribut qawwi u xieraq biex jissodifaw din il-lakuna. F'dan id-dawl ħassejt l-importanza li dawn ix-xeni jkunu spjegati fid-dettall. L-ambjent tal-kunvent għażiltu mhux biss għax jaf ikun intriganti, imma għax għandi interess personali, artistiku (l-ewwel rumanzett tiegħi *Celibacy* jitkellem fuq hekk) u akkademiku li nesplora r-rapport bejn is-sesswali u s-sagru, u kif meta dawn jingħaqdu jistgħu joffru lill-persuna livell għoli ta' integrità, filwaqt li meta jibqa' kunflitt jaf iwassal għal ħafna ħsara. Kienet ukoll importanti minħabba l-proċess tal-protagonist li l-esperimentazzjoni li għadda minnha kienet kruċjali biex jifhem lilu nnifsu aħjar, u biex jieħu d-deċizjoni li jagħmel il-pass biex jikseb forma ta' hena f'ħajtu.

**Fl-aħħar paġni naqraw dwar l-għoqiedi tal-ħajja li jridu jinħallu. Liema għoqiedi eżattament? U l-kitba ta' dan ir-rumanz hi mod kif jinħallu għoqiedi bħal dawn?**

Il-protagonist f'dan ir-rumanz qiegħed fi vjaġġ biex jipprova jifhem il-misteri tal-familja tiegħu, jew biex nuża l-istess metafora li użajt int u li tintuża fil-ktieb, biex iħoll l-għoqiedi. Dawn l-għoqiedi huma marbutin mal-aspett tat-trawma interġenerazzjonali. Kull familja għandha l-uġigħat li wirtet mill-ġenerazzjoni ta' qabilha. F'dan ir-rumanz dawn l-uġigħat huma rrappreżentati f'sigrieti ta' ġrajjiet differenti li seħħew, uħud minnhom moħbijin f'għadd ta' kitbiet li ħallew warajhom membri oħra tal-familja. Il-protagonist jasal f'punt li jemmen li ma jistax isib paċi qabel ma jgħaqqad




flimkien dawn l-istejjer kollha tal-familja biex b'hekk forsi jħoll l-għoqiedi. Iż-żmien jibda jagħfas, u l-arloġġ itektek. Il-protagonist jaf li ma tantx għad fadalu ħajja u jixtieq isib is-serħan qabel ma jitlaq minn fuq wiċċ din id-dinja. Jekk jirnexxilux jilħaq l-għan tiegħu hu sa ċertu punt il-fus tal-vjaġġ li r-rumanz jistedinna biex nagħmlu.

**X'kien hemm qabel *Din il-Ġawhra ta' Pajjiżna*? Xi jmiss issa?**

Bħala letteratura l-aħħar kitba tiegħi qabel *Din il-Ġawhra ta' Pajjiżna* kienet ir-rumanz *queer Frammenti* li kien rebaħ il-premju tal-aqwa rumanz fl-2022. Bħalissa qed naħdem fuq rumanz ieħor li x'aktarx ħa jkun jismu *Ittri Mqarbin, Noti Safjin* minkejja li jista' jkun li t-titlu jinbidel. L-ewwel draft lest, u qed niffinalizza t-tieni draft wara n-noti li tani l-editur. Din il-pubblikazzjoni tal-Merlin ħa tkun qed tiffoka fuq żewġ aħwa, wieħed monastiku, u l-ieħor porn star li jikkomunikaw ma' xulxin bl-ittri. Però, f'nofs il-ktieb hemm twist, li ovvjament m'iniex ħa niżvela. Għandu jkun lest iktar tard fl-2025. Fejn jidħol teatru, ix-xogħol għaddej qatigħ ukoll.

# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT INTERVISTA IL DIRETTORE DI BONFIRRARO EDITORE, SALVO BONFIRRARO

**Quando e da dove è nato questo suo interesse nel mondo del libro e dell'editoria?**

Non so indicare un momento preciso, ma penso che sia stato il risultato di una serie di esperienze e incontri. Sono cresciuto in una casa piena di libri, e ho sempre creduto che la cultura fosse uno strumento di emancipazione. Entrare nel mondo dell'editoria è stato quasi naturale: volevo dare voce a storie che meritavano di essere raccontate, e volevo farlo con cura, passione e rispetto per il lettore.

**Sicuramente quello che fa lei è un lavoro che le fa incontrare persone di tutti i tipi. Chi sono queste?**

Ogni giorno è diverso dall'altro. Incontro, anche virtualmente, autori pieni di idee, lettori curiosi, professionisti del settore come editor, traduttori, grafici. E poi ci sono le persone che stanno dietro le quinte, come librai e stampatori, senza i quali nulla di questo sarebbe possibile. Mi piace dire che ognuno di loro aggiunge qualcosa al nostro viaggio editoriale.

**Cosa fa un buon libro? Quant'è importante il ruolo dell'editore in questo caso?**

Un buon libro è quello che riesce a far vibrare qualcosa dentro di noi: che sia un'emozione, una riflessione o anche solo una bella risata. L'editore ha il compito di far emergere il potenziale di un testo, lavorando a stretto contatto con l'autore per valorizzarne le idee. È un lavoro di equilibrio:



Salvo Bonfirraro
[Foto: www.bonfirraroeditore.it]

rispettare la visione dell'autore ma anche avere il coraggio di suggerire cambiamenti quando necessari.

**Quanto dura il processo tra la presentazione di un manoscritto potenziale da parte di uno scrittore particolare e la sua pubblicazione?**

Non c'è una regola fissa. Dipende dal libro, dall'autore e dal momento. A volte ci vogliono mesi, altre volte anni. È un percorso fatto di tante fasi: lettura, revisione, editing, grafica, promozione, stampa, distribuzione. Ogni passaggio richiede tempo, ma è importante per garantire un risultato di qualità.

**Come direttore di Bonfirraro editore lavori insieme a un team specializzato. Di chi è composto tale gruppo?**







Il nostro è un piccolo team, ma molto affiatato. Ci sono editor che affinano i testi, grafici che si occupano dell'aspetto visivo, traduttori che portano le storie oltre i confini linguistici, e poi chi si occupa di marketing e promozione e chi di progettazione. Lavoriamo tutti con la stessa idea in mente: fare del nostro meglio per ogni libro.

**Bonfirraro pubblica libri di storia, ma anche saggi e romanzi. Si occupa anche di opere in traduzione. Che altro?**

Sì, storia, saggistica e narrativa sono i nostri punti di forza, ma negli ultimi anni ci siamo aperti sempre di più alla letteratura internazionale, con opere tradotte da lingue diverse. Un esempio è la collana Le Sibille, nata nel 2024 con i primi 4 titoli, che dà voce a storie di donne da tutto il mondo. Inoltre, ci piace esplorare temi attuali e progetti che abbiano un valore sociale.

**Legato a questo è opportuno menzionare anche le sue collaborazioni come casa editrice con autori maltesi particolari. Ci sono già state occasioni nel passato recente e ci saranno anche nel futuro prossimo. Le sue reazioni?**

Collaborare con autori maltesi è stato un privilegio. La cultura maltese ha una ricchezza unica, e poterla portare in Italia è per noi motivo di orgoglio. Penso ad autori come Immanuel Mifsud: pubblicarlo per la prima volta in Italia è stato un passo importante. Ma Mifsud, in ordine, è l'ultimo tradotto. Abbiamo pubblicato due libri di Frans Sammut, però scritti direttamente in italiano: *I Giovanniti la storia dei cavalieri di Malta* e *Calgliostro*. Altro autore, fra i più importanti, anche Francis Ebejer del quale abbiamo pubblicato *Requiem per un fascista maltese*. Guardiamo con entusiasmo al futuro, pronti a scoprire altre voci maltesi.

**La sua è una delle case editrici che in questi ultimi anni ha partecipato al Festival del Libro di Malta. Come descrive tale esperienza?**

Il Festival del Libro di Malta è un appuntamento che mi emoziona sempre, sono ormai oltre 10 anni che vi prendiamo parte. È un'occasione per incontrare lettori, scoprire nuove storie e costruire legami culturali. Inoltre, sapere che a Malta vive una comunità italiana così numerosa rende tutto ancora più significativo.

**So che l'Italia offre un mercato molto più vasto di quello maltese. Eppure ci sono anche lì problemi particolari quando si tratta di case editrici piccole come Bonfirraro. Quanto è vero questo?**

È vero, il mercato italiano è ampio ma anche molto competitivo. Per una piccola casa editrice come la nostra, significa trovare il proprio spazio puntando sulla qualità e sull'originalità. Non è facile, ma è una sfida che affrontiamo ogni giorno con passione.

**Come si può migliorare l'interesse nella lettura e perciò anche nel libro sia in Italia sia qui a Malta? Le generazioni giovani?**

Credo che il segreto sia coinvolgere i giovani. Bisogna trovare nuovi modi per farli innamorare dei libri, magari con eventi interattivi, collaborazioni con scuole, e l'uso creativo dei social media. La lettura non deve essere vista come un obbligo, ma come un piacere.

**Chi lavora nel settore dell'editoria deve avere tanta pazienza, creatività, perseveranza, ma anche altre qualità. Cosa pensa riguardo questo?**

Pazienza e perseveranza sono fondamentali, ma aggiungerei anche l'empatia: capire cosa cerca il lettore, cosa vuole dire l'autore. E poi bisogna essere curiosi, pronti a imparare ogni giorno qualcosa di nuovo.

**Com'è Salvo Bonfirraro come persona quando non sta al lavoro?**

Quando non lavoro, mi piacerebbe dedicarmi di più alla famiglia e agli amici. Sono curioso, mi piace viaggiare, leggere e immergermi nella natura. Ma, alla fine, credo che il lavoro e la passione per i libri facciano parte di me anche nel tempo libero.







**Għal iktar tagħrif u lista tal-kotba ppubblikati minn din id-dar ta' pubblikazzjoni ara [www.bonfirraroeditore.it](http://www.bonfirraroeditore.it)**

# Reċenzjonijiet




Rakkonti

Kitbiet oħra



[Ritratt: Antoni Shkraba, minn www.pexels.com]

## STORJA TA’ ĦADDIEM ĠENWIN

**Kitba ta’ Amanda Busuttil**

Il-ħaddiem ibati b’kundizzjoni kronika. Dejjem jitla’ t-tlajja’. Toroq imserpin, imħanżrin, imtaqbin u nkallati. Mimlijin bil-briegħed, li jħallu dawk li jiġu jdawru l-klieb kull filgħaxija għax ikun id-dlam. U għax ikun id-dlam, hemm kundizzjoni kronika oħra għal sid il-klieb, li jbatu b’għama kbira u l-ħmieġ qatt ma jarawh, daqs li kieku l-annimal tagħhom, iħallu fdalijiet inviżibbli u mingħajr irwejjaħ ta’ xejn.

Il-ħaddiem vavu, imur skejjel tal-vavi ħajtu kollha u minn hemm jiggradwa wkoll u l-lawri jonxorhom fuq il-bejt, fejn l-ebda element tat-temp ma jista’ jħassarhom, imma jista’ wkoll jagħmel fotokopji tagħhom u jpoġġihom bil-ħlewwa kollha kollha, f’dik il-kamra fejn kull uman iħalli l-fdalijiet ifuħu tiegħu. Min jaf kemm-il darba jkun waqa’ fi Triq it-Tlajja’, fetaħ ferita u jerġa’ jaqa’ u jiftaħ l-istess ġerħa biex jibni biċċa biċċa l-karta tal-lawra tiegħu.

Il-ħaddiem vavu fuq bank l-iskola, jitgħallem li qatt ma għandu jigdeb, qatt ma għandu jipprova jieħu vantaġġi minn ħadd u jkanta l-innu ta’ pajjiżu bil-galbu, billi jgħallmuh iħabbat fuq sidru u jgħid: Jien Patrijott, jien ħaddiem bieżel, li għandi nagħti ħidmieti b’mod ġenwin u kull qatra għaraq tal-ġurnata, għandha toħroġ mill-pori ta’ qalbu, għax ħlief ġid ma jkunx ħalla warajh. Jitgħallem li jagħmel is-sewwa u xejn inqas mis-sewwa biex is-soċjetà tistagħna u l-valuri umani jibqgħu għal dejjem ta’ dejjem jittrijonfaw. Imma dawk li jħaddmuh, għandhom kull dritt sagrosant, jiffangaw bil-moħbi u jobżqulu fuq ħobżu qabel jagħtuhulu biex jieklu. Għandhom kull dritt għad-diżonestà bil-moħbi, għal kull tip ta’ serq, qishom il-Father Christmas li jidħol inkiss inkiss mill-fuklar lejlet il-Milied, meta t-tfal ikunu qed jonħru fid-dinja tal-innoċenza. Imma importanti li ma jindunawx.

Sandra xegħlet naqra t-TV tas-salott, wara li waslet mix-xogħol. Ħassitha ġo postha dakinhar il-għaliex il-luxury ta’ ħaddiema komuni, kienet irċevietha. Sabet b’miraklu, kaxxa bajda vojta fejn tista’ tqiegħed il-karozza antika tagħha, żewġ toroq wara l-blokka, il-lussu tal-ħaddiem komuni. Dakinhar kellha biex tixtri l-ħobż għax-xogħol bħas-soltu, il-ħalib, tuffieħa, larinġa u biċċa ċikkulata xaħmija. Il-lussu tal-ħaddiem bieżel. Dakinhar ukoll, kellha ċ-ċifra ta’ Euro800 lesta biex tmur tħabbat lil sid il-blokka għaż-żewġt ikmamar umdużi li tgħix fihom. X’jonqsu l-ħaddiem komuni? Għaliex igerger? Allajbierek, hawn tant bini ma’ kullimkien u ħadd ma tħalla lura. U dakinhar biex daħlet id-dar qalb it-trabijiet tat-toroq imħaffrin f’ħerba waħda, kellha l-lussu li tgħaddi minn fuq tavluna msadda, li għatta gandott fond qisu bir bla qiegħ, it-tapit l-aħmar tal-ħaddiem ordinarju.

Lil Sandra jikkalpestawha fuq ix-xogħol. Imma fuq xogħol Sandra kulħadd jilbes pulit, jidhru kollha edukati, kulħadd bil-kompjuters u saħansitra biex jikkumpensaw lil kull min hu bħalha, anke jipprovdulha servizzi b’xejn ta’ wellbeing u salt kliem sabiħ li dan l-aħħar qed jivvintaw lill-ħaddiem ordinarju, biex jekk jaħseb li qabdu l-virus tal-istress u t-tensjoni, malajr itajjar kollox ’l hemm u jkompli fuq xogħlu. Lil Sandra jeħdulha l-break tagħha, iqabbduha toħroġ tixtrilhom ’il bogħod biex huma jkomplu għaddejjin jixtru u jonfqu minn fuq l-internet u jberbqu mill-flus li jġibu mix-xejn u li jerġgħu jaħlu f’affarijiet għax-xejn. U din Sandra trid tlaħħaq mal-affarijiet tagħha, tagħmel xogħolhom u jekk ifettlilha tillamenta, igiddbuha u jhedduha li sa jċemplu l-ogħla awtoritajiet li qed taqla’ l-inkwiet fuq ix-xogħol. Tbaxxi rasha u tissaporti, jum wara jum, xahar wara xahar, sena wara sena. U tieħu paċenzja biex mill-paga li taqla’, trid tara kif taffordja wkoll, tixtri l-kalmanti biex jgħinuha tkompli tikkalma, tissaporti u tkampa.




## *NOTI FUQ ID-DEMM U L-LAĦAM* ta' Shahd Alshammari, maqlub għall-Malti minn Toni Aquilina, Faraxa, 2024

**Jikteb Patrick Sammut**

Dan il-ktieb hu magħmul minn rakkonti jew kitbiet miktubin minn mara fuq kollox dwar in-nisa, u ambjentati fil-Kuwait. Kollha flimkien bħal jiffurmaw xogħol wieħed, bit-tema ewlenija tkun dik tal-imħabba, f'relazzjoni "mal-identità, mas-soċjetà u mar-reliġjon."(p. 5) Huwa ktieb li jinqasam f'żewġ taqsimiet prinċipali: l-ewwel parti ġġib l-isem ta' 'Mitografija', magħmula minn tmien kapitli; it-tieni parti hi intitolata 'Ilħna ta' Maħbubin' li tinqasam f'disa' kapitli-rakkonti, b'Epilogu fl-aħħar.

L-ewwel parti għandha mill-awtobijografija, ladarba l-leħen narranti tikteb dwar fażijiet differenti ta' ħajjitha. Dan jidher mit-titli tal-kapitli: 'Mama', 'Is-Snin Bikrin', 'Il-High School', 'Kolp Imxajtan', 'Il-Gradwazzjoni', 'Xokk fis-Sistema', 'Deċennji Wara' u 'Intimità u Rabta għal Dejjem'.

In-narratriċi hija bint omm Palestinjana li riedet tabortixxiha minħabba l-kultura Bedwina li tiċċelebra biss l-ulied subien. Għalhekk naqraw mill-ewwel dwar l-iskontru – jew inkontru – tad-drawwiet ta' popli differenti. L-omm u l-bint jemmnu fil-libertà, imma jsibu ruħhom bħala parti minn familja li temmen fit-tradizzjoni, fl-għeluq u fil-mibegħda: din tal-aħħar hija "dinja li kienet tipprova twaqqaf lill-mara milli timxi 'l quddiem." (p. 11) Kontra dan, l-edukazzjoni tinftiehem bħala t-triq għall-ħelsien.

Tissemma l-invażjoni tal-Kuwait mill-Iraq u l-Gwerra tal-Golf tal-1990. Din kienet trawma kemm fuq livell nazzjonali, imma anki familjari u individwali. Min qed jirrakkonta twieled fl-1985; fl-isfond hemm l-istorja kontemporanja tal-Kuwait. Jissemmew anki l-lingwa bħala arma, il-bulliżmu lingwistiku, mela l-ġlieda bejn l-ilsien Kuwajti u dak Palestinjan.

Fattur ieħor huwa t-taħlita bejn il-kulturi tal-Lvant u tal-Punent, il-modern u s-sistema patrijarkali. Alshammari bħal toħroġ għad-dawl, mela tiddenunċja, lil dawk il-ġuvintur jew irġiel li jabbużaw mis-sefturi Filippini li jagħtu daqqa t'id fil-familji tagħhom. Hemm id-denunċja anki tal-fatt li f'soċjetà bħal din hu mistenni mill-mara li żżomm ruħha safja, filwaqt li r-raġel hu ħieles jagħmel dak kollu li jgħaddi minn moħħu u ma' min irid.

Dan ta' Alshammari huwa xogħol li jfakkarna li l-ħajja mhix ward u żahar għal kulħadd. Anki ż-żgħożija taf tkun żmien ta' tbatija u ta' umiljazzjoni, ta' solitudni u twarrib, minħabba problemi bħalma huma l-bulliżmu u l-għira. Min-naħa l-oħra però hemm l-għarfien li t-tbatija, anki dik psikoloġika, taf tgħinek tikber u tissaħħaħ bħala karattru.

It-tbatija toħroġ anki permezz tal-mard fiżiku - bħall-isklerosi multipla - li jista' jolqot lil dak li jkun bħal sajjetta fil-bnazzi. Hemm il-kliem iebes li jistgħu jgħidulek dawk li suppost huma 'ħbiebek' u li għalhekk iweġġa' d-doppju, imma tant snin wara taf tixref il-verità li ġġib magħha t-talba għall-maħfra u r-rikonċiljazzjoni. Hemm ukoll il-waqtiet sbieħ bħal meta n-narratriċi tiltaqa' ma' Ghazi.

F'din il-parti huwa evidenti l-messaġġ qawwi tan-narratriċi: "Jien ma nemminx fil-bluha u r-razziżmu." (p. 64) Joħroġ ċar l-argument tal-preġudizzji, mhux biss razzjali, imma anki kontra persuni morda jew b'diżabilità.

Il-kitbiet li jidhru fit-tieni parti huma iktar frammentati, għalkemm xi wħud minnhom bħal jintrabtu direttament mal-ewwel parti. F'din it-tieni parti l-leħen narranti ma jibqax wieħed imma jvarja minn rakkont għall-ieħor, tant li

xi drabi l-vuċi narranti tkun anki dik maskili, mhux biss femminili. F'ʻIl-Matematika u l-Kumbinazzjoni' l-uġigħ jiġi mkejjel permezz tan-numri u tal-perċentwali, mela jsir iktar tanġibbli. F'ʻIl-Mara Ideali' naqraw dwar il-"kalzri" jew regoli riġidi li jkollha tgħix fihom tfajla Musulmana, f'soċjetà fejn l-iktar importanti huma l-ulied subien. Toħroġ anki t-tbatija ta' raġel li minkejja li jkun ħabb, kollox jisfalu fix-xejn. Iż-żwieġ huwa mifhum bħala "kuntratt soċjali" f'ʻKuntratt', mhux bħala rabta fejn jaħkmu l-imħabba, l-empatija u s-sagrifiċċju. Tiġi ttrattata wkoll l-istigma kontra nisa - mhux irġiel - iddivorzjati. F'ʻIshq' in-narratriċi tiddeskrivi lilha nnifisha bħala femminista u tfajla liberali li tiġġieled "kontra l-patrijarkija u l-oppressjoni." (p. 94) Anki hawn l-uġigħ tal-firda u r-realizzazzjoni-għarfien li mhux dak kollu li jleqq minn barra ħaqqu l-imħabba u l-lealtà. F'ʻHajir' naqraw dwar mara abbużata fiż-żwieġ bix-xewqa li "tisparixxi minn kullimkien." (p. 106) Huwa żwieġ fi kriżi minħabba raġel possessiv, b'mara li fl-aħħar turi saħħitha billi ttemm hi din ir-rabta abużiva.

Sarah, in-narratriċi ewlenija fl-ewwel parti terġa' f'ʻMewt u Twelid mill-Ġdid': tasal l-opportunità ta' fejqan mill-isklerosi multipla, imma qabel trid tittieħed id-deċiżjoni jekk tagħżilx tip ta' terapija sperimentali biex tfieq jew le. Hawn jiġi introdott l-element tal-intertestwalità ladarba tissemma Anna Karenina ta' Leo Tolstoy. Jispikkaw it-tbatija tal-proċess li minnu trid tgħaddi - "Stħajjiltni qed niġi msallba..." (p. 100) -, parti mill-esperjenza trawmatika tal-kura sperimentali: "... kollox kien qiegħed jitmermer. Stajt intiegħem il-metall ġo ħalqi." (p. 101) Permezz tal-appell għas-sensi l-qarrejja bħal iħossu huma stess it-tbatija li tgħaddi minnha n-narratriċi. Anki hawn naqraw dwar esperjenza diretta u wiċċ imb wiċċ mal-mewt u l-indirizz dirett lil Alla, bħalma jseħħ fir-rakkont awtobijografiku *Lejn in-Nar* ta' Éric-Emmanuel Schmitt, imma hawn Alla ma jirrivelax ruħu, jibqa' assenti: "Staqsejt lili nnifsi dwar x'tip ta' Alla kien jeżisti." (p. 103) Anki hawn il-"lejl", imma mhux dak barra għall-ftuħ tad-deżert, imma f'sodda b'Sarah tiċċassa lejn is-saqaf. Wieħed jistaqsi: għaliex tissemma l-kelma tradiment f'rabta mat-tobba ladarba hawn tiġi deskritta esperjenza trawmatika ta' fejqan? (p. 103)

In-narratur raġel narawh f'rakkont bħal ʻLaqgħa għal Għarrieda': huwa ddivorzjat li jesprimi s-solitudni tiegħu, imma anki l-ġibda li twieldet bejnu u Maha. Tibqa' mħabba platonika, b'waqtiet tajbin – meta tnejn jiltaqgħu, jinġibdu lejn xulxin u jibqgħu flimkien -, u waqtiet żbaljati – fejn tnejn li jinġibdu lejn xulxin ikollhom jinfirdu. Anki f'ʻIl-Kafè u Int' hemm narratur raġel u l-idea ta' relazzjoni ta' mħabba li setgħet kienet imma li ma seħħitx. ʻErbgħin' hu dwar ir-raġel li jitlef lill-maħbuba tiegħu minħabba l-mewt u ma jifdallu xejn ħlief vojt. Dan hu ktieb li joħroġ għad-dawl iktar il-waqtiet ta' tbatija – fiżika, psikoloġika u emozzjonali – li jgħaddi minnhom il-bniedem, milli l-waqtiet sbieħ. Dan kollu fuq sfond ta' soċjetà fejn jaħkmu twemmin u drawwiet antikwati li jisirqu lill-mara mil-libertà u l-vitalità tagħha u lir-raġel ineżżgħuh spiss mill-umanità jew sentimenti tiegħu.

L-Epilogu huwa dwar id-destin, il-ġisem marid, l-imħabba u l-kumbinazzjonijiet. Tolqot fil-laħam il-ħaj – għalhekk *Noti Fuq id-Demm u l-Laħam* - u tibqa' tidwi s-sentenza tal-għeluq: "L-ilħna differenti mill-bidu sal-aħħar, huma ta' maħbubin li fl-aħħar mill-aħħar iħobbu l-imħabba, iħobbu l-ħajja, iħobbu 'l maħbubin, u huma daqstant ieħor b'kumbinazzjoni vittmi tan-nuqqas ta' mħabba lejn l-imħabba min-naħa tas-soċjetà." (p. 116)

*Noti Fuq id-Demm u l-Laħam* jinqara b'ritmu mexxej ħafna, imma fl-istess ħin mhux nieqes mill-profondità tant li jieħu l-għamla ta' stedina għal riflessjoni serja dwar il-ħajja u dwar ir-relazzjoni mara-raġel, dwar in-normi li bosta drabi joħonqu s-sabiħ tal-ħajja, dwar l-imħabba. Toni Aquilina, permezz tat-traduzzjoni tiegħu għall-Malti, jirnexxilu jwassal sewwa l-messaġġ ta' Shahd Alshammari.

## TKUN TRID

Tkun trid
tħares mill-ġdid
u tħoss għajnejk jitqalu.

Tkun trid li tista' tlissen
xi kelmiet
iżda bis-skiet
tkun qed tgħid kollox.

Tkun trid lil min
iżommlok idek
b'sinjal li jkun iridek
ma tkunx abbandunat.

U mal-arloġġ li jdur
issib li jkollok tmur
in-naħa l-oħra.

## STEDINA TA' QALB KBIRA

Kemm għandek qalbek kbira
u kemm tixtieq li nidħol fiha!

Bil-bieb u t-twieqi miftuħin,
bil-kmamar nodfa u mdawlin
toqgħod tistenna l-mistidnin...

B'mejda ta' ikel jagħti s-saħħa
mimli bil-barka u t-tjubija
għaliex hu mogħti dejjem
b'sinjal ta' ħbiberija...

Qalbek qed tgħidli, "Ejja.
Hawnhekk l-ikel li tiekol
ikun iqarrbek lejja."

## MINGĦAJR IRBIT

Il-qalb meħlusa mill-irbit
tiggosta ttir
waqt li mar-ritmu ħelu
tat-taħbit
issib
dak li tixtieq u trid.

**ĠORĠ BORG**
**(Minn *Bejn Ramel u Ċagħaq*, Horizons, 2025)**



## NIFTAKAR

**Kitba ta' Mary Chetcuti**

Niftakar kelli sitt snin meta smajt għall-ewwel darba l-kelma gwerra.

Kien Ġunju tal-1940, ommi qajmet lil ħija l-kbir u lili biex nieħdu t-te qabel nilbsu għall-iskola. Ħin minnhom, ftit wara s-sebgħa ta' filgħodu, ħabbat il-bieb. Ommi tħassbet min seta' kien daqsekk kmieni.

Lanqas laħqet fetħet il-bieb kollu li oħtha, iz-zija Ġużeppa, deffset rasha 'l ġewwa u mfixkla qaltilha, "Libbes it-tfal u ejja għandna għax faqqgħet il-gwerra!"

Ommi konfuża saqsietha, "Mela dan l-isparar li qed nisma' mhux tal-manuvri?"

Oħtha weġbitha, "Manuvri sabiħ! Dawk bombi tat-Taljani, Marì!"

L-imsejkna ommi qabadha paniku kbir; libbsitna bl-għaġla u qajmet liż-żewġ ħuti ż-żgħar nett, ġrejna għal għand nannti fi Triq Balbi u lkoll kemm aħna dħalna niskennu taħt it-taraġ. Dakinhar ma ġara xejn imma ma mornix skola. L-għada morna l-iskola bħas-soltu għax kollox baqa' normali; jew hekk konna mingħalina.

Xi jumejn wara, waqt li konna għand in-nanna daqqet is-sirena u rġajna dħalna niġru taħt it-taraġ. Għall-ewwel skiet perfett, imma ħin minnhom il-bini theżżeż bina filwaqt li nstemgħat splużjoni. Twerwirna. Reġgħet waqgħet il-ħemda u mad-daqq tas-sirena għat-tieni darba, li jfisser il-periklu għadda, ħriġna mal-kbar fit-triq fejn bdiet tiġri l-kelma li ntlaqat bini fil-Ħamrun. Niftakarhom jgħidu li mietet mara u kien hemm xi korruti. Ħija l-kbir u jiena ħarisna inkwetati lejn xulxin bla ma' tniffisna.

Il-biża' bdiet dieħla u tinfirex bħal imxija. In-nies tat-triq tagħna bdew joħorġu minn djarhom u jġorru dak kollu li kellhom u li seta' jinġarr biex marru jgħixu ma'qrabathom 'il barra mill-Marsa. Kien sar perikoluż wisq tgħix daqsekk viċin tal-Port il-Kbir. F'temp ta' ftit ġimgħat it-triq tbattlet u siktet qisha ċimiterju.

Sadanittant ħut ommi, li kienu 'l biċċa kbira ġuvintur, iddeċidew li jħaffru xelter fil-bitħa daqsiex tan-nanna. Sakemm tlesta x-xogħol fuq ix-xelter, lilna t-tfal m'ommi, ħutha l-bniet u n-nanna, dabbrulna rasna lejn is-Siġġiewi u qattajna erba' xhur ngħixu ġo kamra ċkejkna mikrija, basta 'l bogħod mill-ħbit tal-għadu.

Kemm domna s-Siġġiewi, Patri Pawlin, Kapuċċin refuġjat bħalna, għamel l-ewwel tqarbina lil ħija l-kbir Tommy. Meta ommi spjegatlu li ħija kien wasal għall-praċett, serrħilha rasha li ħija ma kienx sa jitlifha l-ewwel tqarbina.

Qalilha biex l-għada tieħu lil Tommy magħha għall-quddiesa tas-sebgħa ta' filgħodu, li kien imissu jqaddes hu. Hekk għamlet ommi u qabel beda t-tqarbin sejjaħ lil ħija biex jiġi quddiem l-altar, qarbnu qabel kulħadd u l-praċett kien lest.

Kif tlesta x-xelter inżilna lura l-Marsa. Issa konna rasna mistrieħa li l-bombi ta' Mussolini ma setgħux jilħquna. Kultant, għalkemm mhux ta' spiss, kienet iddoqq is-sirena u niġru għal ġo fih. F'attakk minnhom, intlaqat mezzanin fit-triq tagħna fejn kienet toqgħod xebba ta' 27 sena jisimha Karmena. It-terran ta' taħtu ġġarraf ukoll u Karmena u x-xiħa li kienet toqgħod taħtha mietu t-tnejn.

Min jaf kemm 'il darba daqqet is-sirena waqt il-ħin tal-iskola u kont naħrab niġri mill-klassi biex nistaħba fix-xelter tan-nanna għax ma kienx bogħod mill-iskola. Qatt ma ridt ninżel fix-xelter li kien tħaffer apposta ħdejn l-iskola.

L-iskola għalqet u ma reġgħetx fetħet meta l-bumbardamenti bdew isiru minn ajruplani Ġermaniżi. L-attakki ta' dawn kienu spissi u aggressivi.

Hawnhekk il-gwerra daħlet f'fażi oħra. Bdiet tieħu x-xejra ta' ħmar il-lejl li tixtieq tistenbaħ minnu imma ma jirnexxilekx. Għalkemm kont għadni tifla u nirraġuna bħat-tfal xorta waħda niftakarni nhewden li jiena u ħuti u ommi nistgħu mmutu mirdumin bħall-imsejkna Karmena.

Bejn baraxx u ieħor beda jiġġarraf ħafna bini f'salt u għaldaqstant ix-xenarju ġewwa l-Marsa kien dejjem jinbidel. L-iskola nbidlet fi kwartieri tal-ARP (Air Raid Precaution); dawn kienu nies kuraġġużi li jagħtu l-ewwel għajnuna u jilqgħu familji fil-bini tal-iskola li jkunu tilfu darhom sakemm isibu fejn idabbru rashom.

Wara kull ħbit beda dejjem jiżdied is-serbut ta' familji niżlin fid-direzzjoni tal-iskola. Il-voluntiera tal-ARP kienu jaħdmu bla nifs biex jaqilgħu l-korruti minn qalb it-tiġrif u jiġru



bihom lejn l-iskola ħalli jdewwuhom kif jistgħu. Dawk l-iktar gravi kienu jibagħtuhom l-Isptar Ċentrali fil-Furjana.

Niftakar il-kbar isemmu l-*curfew*; kelma oħra ġdida għalina t-tfal u naħseb anki għall-kbar. Ħadd ma kien jista' jirfes mill-bieb 'il barra waqt attakk mill-ajru.

Ta' min isemmi wkoll li minħabba l-*curfew*, il-quddiesa tal-Milied ta' nofsillejl kellha bilfors issir kmieni wara nofsinhar biex sakemm jidlam kulħadd ikun miġbur f'daru jew fix-xelter jekk jinqala' ħbit.

Barra minn hekk, meta jidlam ħadd ma kien jista' jħalli mqar l-iċken feles ta' dawl jidher minn barra.

Darba minnhom, waqt li ommi kienet qed taqlibilna l-ikel instema' leħen ta' raġel jgħajjat minn barra, "Itfu dak id-dawl! Itfu dak id-dawl!"

L-imsejkna ommi tgerfxet, tfiet tiġri l-lampa tal-pitrolju li b'aljenazzjoni kienet insiet mixgħula, u komplejna nieklu fi dlam ċappa. Kienu pulizija u kellhom ordni jisparaw tir ta' twissija jekk isibu reżistenza!

Matul dan iż-żmien ikrah missieri kien isuq trakkijiet tal-militar mgħobbijin provvisti ta' balal għall-fortizzi u l-postazzjonijiet madwar Malta kollha fejn kienu armati l-kanuni Bofors, għad-difiża ta'gżiritna. Ma nqabadx bil-lieva għax kien qabeż it-tletin sena, imma minflok inkiteb bħala xufier pajżan mal-militar malli sar jaf li riedu rġiel bil-liċenzja tas-sewqan fuq vetturi goffi. Aħna qajla konna narawh għax kien jaħdem lejl u nhar minn Ħadd sa Ħadd. Ommi kienet qed tfendi waħedha b'erbat itfal f'dak il-pandemonju kollu.

Il-gwerra bdiet ittawwal u kollox beda jiskarsa. Ġie rrazzjonat ix-xiri tal-ikel kollu. Il-pitrolju għall-ispiritieri u lampi ried jinxtara bil-kupuni. Jekk tiġi bżonn biċċa drapp biex tlibbisna, ommi riedet tuża kupuni oħrajn apposta.

Jiena niftakarni żaqqi dejjem tgorr bil-ġuħ għax il-porzjonijiet tar-razzjon kienu ftit wisq. Biex ittaffilna naqra mill-ġuħ ommi kienet tagħtina bott te mdardar bil-ħalib magħqud qabel norqdu.

Uliedi daħqu l-ewwel darba li semgħuha din. Ħasbu li kont qed nivvintaha għax ma ridux jieklu l-minestra bnina li sajjartilhom.

Bil-paċenzja kollha qgħadt nispjegalhom kemm konna tfal imxennqin minn kollox, "Tidħqu għax ma tafux x'jiġifieri l-ġuħ, uliedi!"

Meta l-għafsa tal-ġuħ bdiet tinħass iktar infetħet il-Victory Kitchen. Konna ningħataw platt bi ftit ħaxix u għaġin jgħumu fil-misħun (suppost minestra) jew fażola u ftit sardin; il-platt konna inlaqqtuh.

Malajr tgħallimnieha tafx it-taqbila li kienu jkantawlhom lill-ħaddiema tal-Victory Kitchen u erħilna nkantawha b'ħanxra daqsiex:

"Minestra u għaġin,
Fażola u sardin,
Tal-Victory Kitchen!"

Ix-xita ta' bombi jsaffru fuq rasna ma waqfux; il-kbar kienu jgħidu "niżlin il-perlini!" L-attakki mill-ajru bdew isiru f'xulxin ħafna u t-twerwir kompla jikber meta ajruplani Stuka, Messerschmitt u Junker 88 kienu jgħoddsu mis-smewwiet għal isfel, itiru xkanati mal-bjut u jbattlu bombi u munizzjon fuq min jiġi jkun sultan.

Lanqas temmen, kien hemm min kien miġnun biżżejjed u jissogra jitla' fuq il-bejt jarahom! Imma, ma tantx damu, ta!

Smajna taqbila oħra u ta' tfal li konna malajr tgħallimnieha; kienet tgħid xi ħaġa hekk:

"Kif kont nilbes il-piġama daqq ir-rejd,
Jien tlajt niġri niġri niġri fuq il-bejt,
Il-kanuni jisparaw, l-ajruplani jiddajvjaw,
Juppi ja ja, juppi, juppi, ja."

F'Ġunju tal-1941 kien imiss lili biex nagħmel l-ewwel tqarbina. Qatt ma ninsieh dak il-jum. Ommi libbsitni kif setgħet għal din l-okkażjoni u bagħtitni għal għonq it-triq lejn il-knisja. Sewwa sew kif kienet sa tibda 'l-quddiesa, daqqet is-sirena u l-patrijiet niżżluna niġru f'xelter maġenb il-knisja.

Spiċċajna sal-għekiesi fl-ilma. Meta reġgħet daqqet is-sirena tellgħuna lura fil-knisja, qaddsu quddiesa malajr malajr, qarbnuna u parpruna niġru lejn id-dar. Il-praċett tiegħi kien lest ukoll.

Fis-sajf tal-istess sena sar ħbit li dam aktar mis-soltu.



Sintendi, aħna konna mgezzin fix-xelter għand in-nanna, kulħadd iżebbeġ ir-rużarju. Il-bombi bdew jinstemgħu viċin ħafna u l-art ma waqfitx titriegħed taħt saqajna. Missieri inzerta kien frank u meta għadda kollox kien l-ewwel wieħed li ħareġ mix-xelter biex bħal ħaddieħor imur jara fejn intlaqat. Wara ftit ġie lura u b'diqa kbira qalilna li l-Ġermaniżi kienu kinsu kważi l-bini kollu tat-triq tagħna; id-dar tagħna kienet laqqtitha wkoll.

Niftakarni qbadt nibki u ngħid, "Issa ma għandniex dar!"

Ommi, bid-dmugħ f'għajnejha staqsiet lil missieri, "Issa x'sa nagħmlu Spir?"

Missieri weġibha, "Ma tantx hemm x'tagħmel, Marì. Immorru naraw x'nistgħu insalvaw minn qalb it-tifrik qabel jinsteraq kollox u niġu b'xejn."

Ġbarna li stajna u għamilna tmien xhur sħaħ norqdu kollha f'kamra waħda għand in-nanna sakemm sid il-kera rranġa kif seta' s-soqfa u ħsarat oħra.

Il-gwerra kompliet u intant daħlet is-sena 1942. Attakki f'xulxin, bombi niżlin u nies jintradmu taħt djarhom 'l hemm u 'l hawn; kienet qisha l-aħħar tad-dinja. L-iskarsezza tal-ikel kompliet tagħfas fuqna filwaqt li bdiet tiġri x-xniegħa li l-Victory Kitchen kienet sa tagħlaq dalwaqt għax nixfet mill-ħażna. Il-ġuħ u qtigħ il-qalb bdew iħallu l-marki tagħhom fuq wiċċ kulħadd; konna qbadna n-niżla u bdejna noqorbu lejn il-qiegħ.

Daħal is-sajf u s-sitwazzjoni marret għall-agħar; issa bdiet dieħla id-disperazzjoni. Darba f'Awwissu daqqet is-sirena u ġrejna lejn ix-xelter. Li niftakar sew kienet il-ħemda kbira li kien hemm fuq rasna. Ma bdejniex nisimgħu tisfir ta' bombi niżlin.

Il-ħin beda għaddej ġmielu imma madwarna kien hemm biss skiet li jtarrax. Bdejna naħsbu li nsew idoqqu r-*raiders pass*. Sigħat wara, il-kbar iddeċidew li noħorġu mix-xelter. Ħriġna mid-dar u rajna folol ta' nies jiġru lejn ix-xatt.

Bdiet tinxtered il-kelma li dieħel vapur mimli proviżjon għal Malta. Iz-zijiet marru mal-folla u aħna bqajna fuq l-għatba tad-dar tan-nanna, inħarsu kkonfonduti ma nafux x'qed jiġri.

Wara ftit tal-ħin bdew telgħin nies lura mix-xatt jgħajtu ferħanin li daħal vapur mimli ikel. Dlonk, bdew idoqqu l-qniepen tal-knisja filwaqt li kbar u żgħar irħewla jiġru mat-toroq maħkumin minn ewforija kbira jħabbtu fuq landi u bottijiet.





Wara, ħalli għalihom liz-zijieti, li kienu kollha jaħdmu x-xatt, jirrakkuntaw b'liema ħeffa ħattew il-merkanzija minn fuq il-vapuri mfarrkin li rnexxielhom jidħlu fil-Port il-Kbir wara l-baraxx bombi li qalgħu sakemm waslu Malta.

Il-ħatt kollu kien sar taħt għajnejn is-suldati Ingliżi biex ma jsirx serq ta' merkanzija. Barra minhekk, ried jinħatt kollox malajr minħabba l-biża' ta'attakki imminenti mill-ajru.

Kien jum ta' fidwa kbira li refgħana minn xagħarna li ħabat ukoll nhar il-festa tat-tlugħ is-sema ta' Sidtna Marija; mhux ta' xejn baqa' jissejjaħ il-konvoj ta' Santa Marija.

Bis-saħħa tal-konvoj ħadna r-ruħ għax il-familji Maltin reġgħu bdew jingħataw razzjon ta' dqiq, zokkor, trab tal-krema u saħansitra ċikkulata; xi ħaġa li aħna t-tfal iġġennina fuqha.

Xhur wara l-konvoj, l-attakki tal-Ġermaniżi naqsu ħafna minn fuq Malta u l-iskola reġgħet fetħet. Irritornajna fuq il-bankijiet tal-klassi biex inkomplu mnejn konna ħallejna sentejn qabel.

Kien bidu mgerfex ħafna. Tista' taħseb, miegħi fil-klassi kelli tfal anki ħames snin ikbar minni. Uniformijiet ma kellniex u konna nilbsu fardal abjad jinqafel imsallab fuq wara.

Il-ħin tal-iskola kellu jinqasam fi tnejn - bl-ewwel grupp jattendu mit-tmienja sal-għaxra ta' filgħodu biex wara jidħol għall-lezzjonijiet min tqiegħed fit-tieni grupp, jiġifieri mill-għaxra sa nofsinhar.

Konna numerużi wisq u ma kienx hemm soluzzjoni oħra. Terġa' u tgħid, kellhom iwaqqfu aktar klassijiet fi djar privati u fil-kunvent tas-sorijiet għax l-iskola tal-gvern waħedha ma setgħetx tlaħħaq daqskemm kien hemm tfal.

Ta' moħħ ir-riħ li konna, kif nispiċċaw mill-iskola nerħulha bil-ġirja nilagħbu fuq il-munzelli ta' terrapien tal-bini mġarraf. Nitmiegħku fit-trab u qatt ma għaddielna minn moħħna kemm seta' kien imniġġes dak it-trab.

Il-mard ma naqasx lanqas għax kuljum konna nisimgħu bi tfal bħalna li f'daqqa waħda mardu bil-poljo u scabies, biex insemmi l-iktar komuni. Konna nisimgħu bi tfal bħalna li filli kienu l-iskola magħna u filli mietu malajr b'xi mikrobu tal-imsaren.




Il-gwerra kienet għadha għaddejja, għalkemm kif konna nisimgħu lill-kbar jgħidu, resqet iktar lejn Sqallija u l-Italja. F'dan il-perjodu ġew ftit mumenti sbieħ għalina meta z-ziju Pawl sab jikri post żgħir faċċata tal-baħar fil-Qaliet ta' San Ġiljan.

Konna nitilgħu m'ommi minn sbieħ il-Bambin, bix-xarabank jew karozzin, u nqattgħu jumejn naqbżu u ngħumu minn xħin jisbaħ sa ma jaqbad jidlam. Noħorġu mill-ilma biss biex nieklu biċċa ħobż bil-ħatfa u lura bil-ġirja ġol-baħar nilagħbu u nissaraw.

Madankollu, il-biża' ta' ħbit mill-ajru baqa' magħna. Meta darba daqqet is-sirena, tlajna niġru mill-baħar qisna rajna x-xjaten u ġrejna għasra kif konna lejn xelter fil-qrib.

Filgħodu, qabel l-għawma konna mmorru nisimgħu quddiesa fi knisja żgħira. Naħseb li din kienet binja temporanja għas-suldati stazzjonati fin-naħat tax-xagħri fuq wara tal-Palazz ta' Spinola, imma ma niftakarx sew fejn.

Darba minnhom, kif ħija ż-żgħir Ġużi u jiena ħriġna mill-knisja, sejħilna suldat Ingliż li kien ikun għassa viċin din il-knisja. Għall-ewwel inħsadna u kkonfondejna jekk inkellmuhx jew le, imma reġa' għamlilna sinjal biex nersqu lejh u morna naraw x'ried.

Is-suldat ġab xi ħaġa mill-gabbana fejn kien għassa u ressaqha lejna biex noħduha. Kienet blokka mdaqqsa taċ-ċikkulata u bott ħelu tal-frott. Irringrazzjajnieh u ġrejna ferħanin nuru 'l ommi x'konna qlajna. Għadni sal-lum intiegħem it-tjubija ta' dak il-ħelu fil-forom u togħmiet ta' frott differenti.

Kelli 11–il sena meta finalment ġiet fi tmiemha l-gwerra. Kien jum sabiħ kif taf tagħmel ir-rebbiegħa Maltija meta ġriet l-aħbar. Il-qniepen tal-Knejjes qabdu jdoqqu u ma waqfux. In-nies ħarġu minn djarhom, kulħadd jiġri mat-toroq f'telfa ta' ferħ u b'għajta waħda, "Ċedew, ċedew! Il-gwerra spiċċat! Il-gwerra spiċċat!"

Ħuti, jiena u ommi ġrejna f'salt lejn it-tieqa biex naraw dan il-briju kollu, li ħakem lilna wkoll u bdejna nixxabbtu u nxejru lil kull min jgħaddi minn taħtna. It-tbaħrit dam sejjer sad-dlam.

Filgħaxija meta sarilna l-ħin biex norqdu, niftakar lil ommi tgħidilna, "Qis li tgħidu l-orazzjoni u rringrazzjaw 'l Alla li ħariġna minn dan it-terrur, uliedi."

Qabel ma rqadna, tlabna bi ħrara mhux tas-soltu. Kien l-ewwel lejl li konna qed immiddu rasna fuq l-imħadda fi żmien ta' Paċi.

Niftakar kollox qisu il-bieraħ... kif qatt nista' ninsa.

## FL-EMERĠENZA

Ħarsitha lejn l-art, mistħija,
ħwejjigha mtebbgħin u mqattgħin
dehret muġugħa, mifnija,
ħasra ġġiblek mad-daqqa t'għajn!

Kellha qalza minnhom imxammra
tikxef sieq magħluba bil-grif
b'garża mċappsa b'naqra demm, ħamra
mwaħħla ma' laħamha li xrief.

Lil min għandha biex iwennisha
... min se jkun il-ħajt ta' kenn?
Min se jimsħilha d-demgħa
u juriha li qed iħenn?

Fuq streċer intelqet mitluqa,
għal ftit id-dwejjaq insiet
sakemm huma forsi jgħajtulha
u jagħmlulha t-testijiet.

Kemm hi kerha s-solitudni
... tgħid tista' twassal għall-ġenn?

**MIRIAM ELLUL COSTANTINO**
(Minn *Dedika*, Faraxa, 2025)






## *LEJL IN-NAR* ta' Éric-Emmanuel Schmitt, maqlub għall-Malti minn Toni Aquilina, Faraxa 2024

**Jikteb Patrick Sammut**

Ħarsa lejn it-titlu tal-ktieb, *Lejl in-Nar*, wieħed jifhem li għandu mill-kjaroskur, mill-kuntrast bejn il-lejl u n-nhar, bejn il-waqtiet ta' kriżi, biża' u solitudni u oħrajn ta' ottimiżmu u ferħ. Diġà minnu nnifsu t-titlu jistieden għar-riflessjoni, mela Schmitt bħal jgħinna nifhmu sa mill-bidu li din se tkun kitba li mhux se tħallina passivi bħala qarrejja. Dan hu rakkont awtobijografiku fejn Éric l-awtur huwa wkoll Éric in-narratur. Bejn il-kitba ta' dan ir-rakkont minn Éric l-awtur u l-ispedizzjoni fid-deżert li għamel meta kellu 'l fuq minn 20 sena, hemm firda temporali ta' 25 sena.

F'dan ir-rakkont naqraw dwar 'ħarba' mill-belt ta' Pariġi lejn id-deżert tas-Saħara, l-art tat-Twareg. Isir dan il-vjaġġ fid-deżert minn grupp li hu magħmul minn varjetà ta' karattri: ix-xjenzat, il-filosfu, l-ateju, il-wemmiena f'Alla, u oħrajn. Lil dawn il-membri tal-grupp id-deżert joffri ħin biżżejjed sabiex jiddiskutu u jirriflettu dwar mistoqsijiet eżistenzjali importanti: jissemmew saħansitra Voltaire, Darwin, u Heidegger.

Matul il-qari nifhmu li d-deżert hu spazju msaħħar, bil-punt tat-tluq ikun Tamanrasset fl-Alġerija, fejn is-silenzju jikkuntrasta bil-kbir il-"kaos urban" (p. 12) tal-kapitali Franċiża. Huwa l-kuntrast bejn "l-abbundanza materjali" tal-Ewropa u "il-vojt tas-Saħara" (p. 121), imma fejn f'dan tal-aħħar "Il-ħajja interjuri tisseddaq bil-vojt esterjuri." (p. 120). Il-punt tal-wasla huwa l-ermitaġġ ta' Assekrem, fuq il-passi ta' Charles de Foucauld fil-muntanji ta' Hoggar fil-parti tan-Nofsinhar tal-Alġerija.

Quddiem il-kobor tad-deżert l-awtur-narratur jikteb, "L-infinit kien qiegħed jitbissimli." (p. 9) Huwa l-ispazju fejn wieħed jagħraf lilu nnifsu verament: "X'imkien hemm jistennieni wiċċi ta' vera." Mela, din li naqraw dwarha f'dan il-ktieb awtobijografiku hija mixja ta' skoperta tal-propju "jien": "Il-'jien' ta' kewni ma baqax jagħmel parti mill-grammatika, kont qed nagħmlu tiegħi, fehma msaħħa b'kontenut. Minn klandestin, għaddejt għal vjaġġatur asserit, luċidu."(p. 47) Fid-deżert il-protagonist-narratur jikteb dwar l-għarfien tal-"hena li neżisti", ta' "l-istagħġib ferrieħi", u tat-"teżor sempliċi li ngħix", ħwejjeġ li spiss ninsew minħabba "l-attività eċċessiva" li ninqabdu fiha. (p. 47) Id-deżert jgħinek tirrealizza li anki li tixrob ponn ilma minn għajn ċkejken hu miraklu u "rigal bla qies." (p. 63) Dan l-ispazju immens jgħinek ukoll tiskopri d-difetti tiegħek innifsek. Taħt l-immensità tas-sema lejli n-narratur jirrealizza: "Jien kont traba mixħuta f'nofs l-immensità, traba ta' materja futili, traba traskurabbli fil-medda taż-żmien." (p. 81) Huma proprju dawn il-partijiet fil-ktieb li jikxfu l-fatt li dan mhux biss rakkont narrattiv u ta' avventura, imma fuq kollox filosofiku. Mela l-profondità tad-deżert tispiċċa biex tirrifletti wkoll il-profondità li kapaċi jasal għaliha l-ħsieb tal-bniedem meta jitwaħħad ma' forzi ħafna ikbar minnu.

Id-deżert huwa anki dak l-ispazju fejn kollox jgħix biex iwassal sens ta' seħer, flimkien mas-sbuħija u fl-istess waqt il-biża' li jaf inissel fil-bniedem. Din l-esperjenza tad-deżert hija waħda multisensorjali, xi drabi anki sinestetika. Ċerti mkejjen għoljin fis-Saħara jservu bħala opportunità għall-



Eric Emmanuel-Schmitt
[Ritratt minn https://picnicontheshelf.com/]

kontemplazzjoni tal-infinit. (p. 88)

Interessanti hija l-kultura tat-Twareg, dan il-poplu ta' nomadi tad-deżert, inkluża l-importanza li jagħtu lin-nisa tagħhom bħala rwoli, fosthom bħala "gwardjani tal-liġijiet, qassisin tal-iskrittura, għassiesa tal-kultura." (p. 42) Dassine, fost oħrajn, hija "prinċipessa tal-poeżija". (p. 42) Schmitt bħal ifakkarna wkoll f'kemm ħareġ għerf mill-kontinent Afrikan f'rabta mal-oqsma tax-xjenza, tal-astronomija, tal-matematika, tal-letteratura, tal-filosofija, u iktar. F'rabta ma' dan hu interessanti d-dibattitu li jqum bejn Jean-Pierre (difensur tax-xjenza) u Éric (il-filosofu): "Il-verità tibqa' ma tintlaħaqx, ħlief veritajiet provviżorji m'hawnx, tentattivi ta' verità biss." (p. 51) Hemm ukoll riflessjoni dwar post Alla f'dan kollu. Huwa d-deżert li jqajjem tant mistoqsijiet, diskussjonijiet, dubji u riflessjonijiet.

Il-lessiku li t-traduttur juża meta jaqleb mill-Franċiż għall-Malti huwa xi ftit jew wisq Semitiku, anki arkajku (kliem bħal 'farandola', 'għorma', 'imqammat', 'sadiqa', u bosta oħrajn). Interessanti l-kelma "superswieq" minflok "supermarkets". It-traduttur Malti jwasslilna sew l-idea li din ta' Schmitt hija wkoll proża deskrittiva u poetika għall-aħħar. Id-deżert jinftiehem bħala spazju ta' paradossi u kuntrasti: "Għad li ċatt, id-deżert kien jgħollina sas-smewwiet. Il-kwiekeb jiddu, tant kemm fil-qrib..." (p. 48)



It-traduttur: il-Prof. Toni Aquilina

Minn kapitlu 10 għal kapitlu 11 iseħħ żvilupp ewlieni: dak li kien jidher familjari jieħu postu l-perturbanti; mid-deżert bħala seħer u sbuħija ngħaddu għad-deżert bħala 'għadu' kiefer. Anki l-lessiku jinbidel għal wieħed li jrid iwassal l-idea ta' twerwir, lejl u mewt. Mitluf fid-deżert, Éric, il-protagonista-narratur jaħseb: "Kif setgħu termini finiti jesprimu l-infinit?" (p. 96) Is-sena meta jseħħ dan hija l-1989 (dan niskopruh aktar tard fl-Epilogu): hija esperjenza tat-tip *out-of-body*, jew axxetiko-spiritwali, waqt "lejl mistiku" (p. 113) li jġarrab Éric. Huwa hawn meta l-ateju jsib lil Alla ġewwa fih waqt esperjenza trawmatika, dik li tintilef fid-deżert waqt il-lejl u dak kollu li jġib miegħu. Éric stess isejħilha "estasi" (p. 100), din il-fidi li jirċievi bħala rigal. Kemm Éric in-narratur, kif ukoll Foucauld, snin qabel, jgħaddu minn "rivelazzjoni mistika" (p. 115) fl-età ta' 28 sena.

Dak li għal ċertu żmien jidher bħala vjaġġ twil fl-injot, fid-dagħbien tad-deżert, fl-aħħar mill-aħħar jispiċċa biex iwassal lin-narratur lura għall-punt tat-tluq li kien diġà x'imkien ġewwa fih: l-iskoperta ta' Alla u tal-fidi, u dan f'rabta ma' dak li kien diġà ġarrab Charles de Foucauld.

'Lejl in-nar' huwa l-mod kif Pascal iddeskriva l-laqgħa drammatika tiegħu ma' Alla, il-"leħħa tal-inviżibbli." (p. 128) B'saħħitha hija l-frażi: "... ħbieb Alla jibqgħu dawk li jfittxuh, mhux dawk li jitkellmu floku, jippretendu li sabuh." (p. 130) Għalhekk fl-aħħar mill-aħħar nifhmu li dan ta' Schmitt huwa rumanz intimu, awtobijografiku u spiritwali, li jittratta dwar dak li l-awtur isejjaħ it-tieni twelid tiegħu - li seħħ fl-1989. Inħoss li bit-traduzzjoni tiegħu għall-Malti Toni Aquilina rnexxielu jwassal sewwa dak li Éric-Emmanuel Schmitt ried iwasslilna fil-lingwa Franċiża.





[Ritratt mill-paġna Facebook tal-Għaqda tal-Malti, Università]

# TISLIMA LIL TONI CORTIS (1943-2025)

**Żebbuġi u Malti li ħabb l-Ilsien Malti u l-Letteratura Maltija**

Bosta kienu jafu lil Toni Cortis minħabba raġunijiet differenti, kemm f'rabta mal-qasam tal-edukazzjoni, imma l-iktar minħabba l-imħabba tiegħu lejn il-lingwa u l-letteratura Maltija. Matul ħajtu kien involut f'ħafna proġetti li għanew lill-Malti, u dan kien jagħmlu bla ħafna fanfarri. Skont l-Akkademja tal-Malti: "Matul is-snin 1992-1996 serva fil-Kunsill tal-Akkademja tal-Malti, fil-bordijiet editorjali ta' 'Il-Malti' u baqa' jkun ta' sostenn għal bosta snin. Ħa l-edukazzjoni tiegħu fis-Seminarju u ggradwa mill-Kulleġġ tal-Għalliema u mill-Università ta' Malta minn fejn kiseb il-Baċellerat fl-Arti. Kien magħruf sew fl-oqsma tal-pubblikazzjoni u l-editjar tal-kotba. Fost il-pubblikazzjonijiet li kienu fil-kura tiegħu nsibu: *L-Identità Kulturali ta' Malta* (1989), *Oqsma tal-Kultura Maltija* (1991); u *Letteratura* (1992) għall-Ministeru tal-Edukazzjoni. Ħadem mill-qrib fil-pubblikazzjoni ta' wħud mill-aqwa xogħlijiet ta' riċerka ta' Oliver Friggieri: *Il-Jien u Lil Hinn Minnu – Edizzjoni Annotata* (1988); *De Arte Poetica* (1988); *Dun Karm* (1989), *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel* (1988) u *Il-Poeżija Maltija – Antoloġija* (1996). Lil Frans Sammut editjalu *Newbiet* (1998), *Samuraj* (it-tielet edizzjoni, 1991) u *Paceville* (1991). Kien espert fuq Dun Karm – il-Poeta Nazzjonali. Fl-2009, għall-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, ħareġ ir-riċerka ta' Oliver Friggieri, *Analiżi tal-Versi tal-Innu Malti*. Fl-artiklu msemmi 'Encore għall-Innu Malti' li deher f' 'In-Nazzjon', fl-1 ta' Ġunju 1993, Toni Cortis, bir-reqqa kollha tiegħu, stabbilixxa d-data preċiża ta' meta ndaqq l-Innu Malti għall-ewwel darba – tagħrif li aktar tard inġabar fil-ktieb ta' Oliver Friggieri, *L-Istorja tal-Innu Malti – Kif Sar u xi Jfisser* (2014). Fl-2018 Toni ġabar u ppubblika *Dun Karm – Ittri* f'edizzjoni annotata bil-għajnuna tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ. Fost kotba oħra li kienu fil-kura tiegħu nsibu, *Bioethics* (1989) għall-Ministeru tal-Politika Soċjali; *The Maltese Cross* (1995); Is-*Salib tal-Kleru ta' Ħaż-Żebbuġ* (1999); *Nies bla Sabar u Stejjer Oħra* ta' Temi Zammit (2007). Għal Achille Mizzi: *Poeżiji* (1993), *Vetrati Milwiena* (1998); *Eklissi Perpetwi* (2007) u *The Essential Achille Mizzi* (2009) – poeżiji tradotti u b'introduzzjoni minn Prof. Peter Serracino Inglott. Toni Cortis miet nhar it-18 ta' Marzu 2025 fl-età ta' 83 sena. Qatt minsi minn uliedu Sandro u Chiara, qrabathom u l-ħbieb." Joseph Borg jikteb hekk: "Lil Toni sirt nafu mill-qrib matul is-snin li kont inħabrek fl-Għaqda tal-Malti (Università) b'mod partikulari meta ħdimna biex jitwaqqaf il-monument sħiħ ta' Dun Karm... Fil-5 ta' Settembru 2008 kont miegħu meta żorna lil Patri Mikiel Fsadni li kien ħa paċenzja bina u ffirmalna xi kotba tiegħu, fosthom l-edizzjonijiet ta' *Il-Kantilena ta' Pietru Caxaru*." Mill-paġna Facebook Każin Facebook u Banda De Rohan naqraw: "Filwaqt li kien prolifiku f'ħafna oqsma b'temi Maltin, storiċi u Żebbuġin, kellu ħafna għal qalbu il-lingwa Maltija. Fil-fatt huwa kien spiss jikteb artikli interessanti fir-rivisti annwali li s-soċjetà tagħna toħroġ għall-festa ta' San Ġużepp." Ivan Said dwar Toni Cortis jikteb hekk: "Kien ħabib veru tal-ktieb Malti. Mingħajr ħafna daqq ta' trombi ta kontribut qawwi lill-iżvilupp tal-ktieb Malti f'dawn l-aħħar ħamsin sena. Kien hu l-moħħ wara l-pubblikazzjoni ta' ħafna kotba ta' Oliver Friggieri... Għal żmien kien l-editur tal-kotba li kien joħroġ il-Ministeru tal-Edukazzjoni fi żmien Dott. Ugo Mifsud Bonnici. Wara sar l-editur tal-kotba tal-Università ta' Malta fi żmien Fr Peter. Ħa ħsieb xi edizzjonijiet ta' 'Il-Malti' tal-Akkademja tal-Malti. Malti u Żebbuġi ta' vera b'imħabba bla qies għal Mikiel Anton Vassalli u Dun Karm." Mill-paġna Facebook tat-12th May Band & Social Club naqraw: "Toni Cortis, riċerkatur u studjuż b'interess partikolari fil-letteratura u fl-istorja ta' Ħaż-Żebbuġ. Fost il-kontribut li ta lis-soċjetà tagħna kien hemm l-idea tas-simpożju li konna għamilna dwar il-kult ta' San Filep. Kien ukoll l-editur ta' ktieb li ħriġna u li kien fih ġabra tad-diskorsi li saru waqt l-imsemmi simpożju. Dan minbarra kontribuzzjonijiet oħra tul iż-żmien." Lil Toni Cortis nibqa' niftakru bħala bniedem umli u bi tbissima, ta' rispett kbir, lest li jgħin u jagħti daqqa t'id minn wara l-kwinti fejn jidħlu l-lingwa, il-letteratura, u l-kultura Maltija, kif ukoll bħala bniedem li iktar ta milli qala' fl-ambjenti fejn ħadem.

Ħajr lilek għażiż Toni Cortis, għax-xogħol fejjiedi li għamilt matul ħajtek, u strieħ fis-sliem.




## L-ISBAH KOTBA TA DAWN L-AHHAR 50 SENA... *IT-TFAL JIĠU BIL-VAPURI* TA' OLIVER FRIGGIERI

**Jikteb Victor V. Vella**

Meta hareg kwazi 25 sena ilu laqatni u laqtitni l-qoxra tal-ktieb li kienet tikkonsisti fi stampa ta' Murillo, 'Omm u bint fit-tieqa.' Naf li jgħidu 'Tiġġudikax il-ktieb mill-qoxra', imma bl-isem ta' min kitbu u bil-kwadru b'kollox *IT-TFAL JIĠU BIL-VAPURI* tal-Profs. Oliver Friggieri laqatni iżjed meta kont qrajtu. Hawn minn għandu idea wkoll li l-professuri ma tantx jiktbu rumanzi interessanti u eċitanti għax jaqgħu ħafna fuq l-intelltwal... u fuq id-didattika... jigifieri l-idea li jgħallmu.. Ikolli ngħid li r-rumanż ta' Friggieri jieħu xeħta oħra u ngħid għalija inqisu bħala rumanz li jżommok taqra sal-aħħar. U iktar u iktar saħħaħt din l-idea meta kont smajt li gie pprezentat bhala serje fuq it-televiżjoni.

Meta għandek rumanz li hu bbażat fuq perijodu storiku 'reċenti' minħabba l-fatt li l-ambjent u l-kwistjonijiet ittrattati tant huma familjari, allura biex toħloq l-ambjent m'hemmx bżonn ta' ħafna dettalji li jservu bħala l-isfond tal-istorja. Issib ċerti dettalji li jagħmlu dan u kultant jaħbtu jifgaw l-iżvilupp tal-istorja imma jkolli ngħid li dawn id-dettalji huma l-biċċa l-kbira kkontrollati. L-istorja fiha nnfisha hi storja familjari: tarbija li twieldet barra ż-żwieġ, li tintilef f'xi istitut, żwieġ sforzat biex jissalva l-krittu u forsi wkoll ħajjet it-tfajla u t-tiftixa tat-tarbija li teħodna għal konklużjoni bla konklużjoni. Donnok tistenna wara dawk l-'avventuri' kollha li tispicca 'and they lived happily ever after.' Hekk tistenna u hekk xieraq, imma Friggieri jeħodna fi triq oħra u jħallik imdendel b'xagħra sal-aħħar biex tistenna għeluq sabiħ li ma jiġrix.

Il-karattru prinċipali hu Dun Grejbel, saċerdot attiv u li jindaħal fil-ħajja soċjali/reliġjuża tar-raħal. Lest biex jgħin lil min hu fil-bżonn avolja jidħol fil-periklu li filwaqt li llixxja ħafna intoppi fil-ħidma tiegħu spiċċa wkoll eżiljat mis-soċjetà, u saħansitra miċ-ċirku dommatiku u reliġjuż, avolja baqa' jaħdem u jżomm sod mal-vokazzjoni b'ċerta dedikazzjoni. Ġralu bħall-Knisja stess meta ssograt tindaħal fil-każ ta' Galileo u ħarqet subgħajha bħalma għamel Grejbel għax daħal fiċ-ċirku soċjali u semi-reiġjuż.

Dan kollu jiffittja fl-ambjent taż-żmien li ħoloq Friggieri. Iva, jintilef ftit fuq id-dinja raħlija tal-bidu tas-seklu għoxrin u l-wied, il-kampanja, it-toroq, id-dar u d-drawwiet; ambjent antik sħiħ u mfisser bir-reqqa. Forsi b'ċerta reqqa żejda għal xi qarrejja li jiftakru l-epoka jew ukoll li għadhom jgħixu fiha bi ftit tibdil. L-aqwa ħaġa hi li l-karattri jiffittjaw tajjeb f'dan l-ambjent u iżjed u iżjed fit-tema jew fis-suġġett prinċipali jew fil-ħafna aspetti tiegħu bħal ngħidu aħna l-ħajja intima raħlija, il-fiduċja tar-raħal fis-saċerdot, il-kwistjoni tat-twelid barra ż-żwieġ, kif ukoll il-ġenn tan-nies u wkoll tal-Isqof li jaċċettaw u jaslu biex jiġġudikaw kif jaqblilhom u kif jidhrilhom. L-ambjent forsi tbiddel ftit imma dawn li semmejt għadhom magħna. Ħarsa lejn l-aħbarijiet jagħtik li tasal għal din il-konklużjoni .

Il-personaġġi prinċipali barra Dun Grejbel u Susanna huma Arturu li mbagħad iżżewweġ lil Susan, u l-familjari ta' Susann u ta' Arturu li permezz tagħhom u minħabba fihom l-awtur jagħti ħarsa fonda lejn il-kuntrast tal-ħajja raħlija bejn is-sinjur u dawk li għandhom inqas. Il-ħolqa tar-raħal hi s-saċerdot, avolja jagħtik x'taħseb li seta' għamel iżjed biex jeduka lill-parruċċani bi priedki u l-bqija u kkonċentra bħala 'ħuttab' bejn il-persunaġġi. Fl-istess ħin dan in-nuqqas sewa għax hemm il-biża' li rumanz bħal dan jaqa' fil-linja didattika u jtellef u jxellef l-idea ta rumanz.

Rumanz, dramm, jew traġedja. Iva, jgħid storja bil-persunaġġi b'kollox. Imma l-importanti hu li joħloq ukoll misteru: jistaqsi mistoqsijiet li mhux bilfors jirrispondihom

jew jipprovdi risposta fil-kitba stess. Bħal, ngħidu aħna, id-dramm ta’ Macbeth li jħallik bil-mistoqsija: fejn tista’ tasal l-għira jew l-ambizzjoni? Fil-każ ta’ dan ir-rumanz hemm il-mistoqsija l-kbira: għaliex l-innoċenti għandu jsofri? Għaliex saċerdot ideali li għamel opra tajba għandu jispiċċa 'eżiljat'? Li ġġib magħha mistoqsijiet oħra bħal: għaliex dak li suppost jifhem is-sitwazzjoni u jagħder u jaċċetta juża l-poter biex jimxi mal-folla, avolja l-folla tmur żmerċ? Dawn huma mistoqsijiet li jqajmu interess u kurżità u jtellgħu r-rumanż ’il fuq mill-kitba u mill-istorja. Il-letteratura sabiħa mhux għax toffri risposti għall-mistoqsijiet dwar il-ħajja imma għax toħloq il-mistoqsijiet li jġegħluk taħseb fuq il-ħajja, fuq l-ambizzjoni, fuq il-qawwa tal-folla avolja bbażata fuq ir-ramel u fuq bniedem li jimxi magħha. Dan hu li jtella’ storja ’l fuq mill-istorja u jagħmilha biċċa letteratura.

L-iżvolgiment tal-plot jgħin, kif jgħin ukoll l-istil tal-kitba li f'dan ir-rumanz hu ċar, mexxej u realistiku, speċjalment fil-bilanċ bejn it-tpaċpiċ u d-deskrizzjoni. Id-djalogu hu realistiku tant li kultant taħseb li qiegħed tara u tisma’ traġedja fuq palk fejn il-protagonisti jiddiskutu u jiddeskrivu s-sitwazzjonijiet u d-dubji li ħolqu huma stess jew ġew wiċċ imb wiċċ magħhom.

L-aqwa parti tar-rumanz hi l-istorja, hi x-xibka ta’ nies li jinqabdu jagħmlu xi ħaga. Imma biex isir rumanz letterarju jrid iqajjem riefnu żgħir jew kbir ta’ ideat profondi fuq il-ħajja. Fil-każ tar-rumanz ta’ Friggieri l-istorja tħallilek jew iġġiegħlek taħseb mhux fuq il-kavallieri u l-iskjavi tagħhom imma fuq il-ħajja preżenti, għax meta taqrah u taħseb ftit fuqu ma tistax ma tammirax elemnenti umani li hemm dejjem magħna bħal, ngħidu aħna, li t-tajjeb isofri; li l-merħla ma tantx tagħti kas tat-tajjeb u s-sewwa; li t-tajjeb irid ibati biex jiddefendi ruħu; li t-tajjeb ftit li xejn isib għajnuna li tiddefendih; li, iva, nippriedkaw jew nammiraw il-ħniena, imma mhux faċli napplikawha jew nipprattikawha.

F'dan ir-rumanz Friggieri jieħu rokna tal-ħajja f'raħal żgħir u fih jagħżel erba’ jew ħames individwi u jpoġġihom taħt il-lenti, speċjalment wieħed jew tnejn li huma l-protagonisti, u fuqhom jibbaża storja ċara u komuni fuq il-ħajja. L-istorja suppost li ġrat mitt sena ilu, imma bit-tfassil tagħha għadha u tibqa’ relevanti u ħajja għax l-awtur mess kordi li għadhom jindaqqu u jinstemgħu. Bil-lingwa li uża u bl-istil tal-kitba l-awtur ħoloq wieħed mill-isbaħ rumanzi tal-lingwa Maltija li jista’ jieħu post fil-letteratura globali bl-unuri. Bħall-inbid li jimmarka, *IT-TFAL JIĠU BIL-VAPURI* jħallilek togħma u jqanqallekk ħsibijiet li mingħajr ma trid tipprova tapplika għall-ħajja tiegħek stess.

## LIL KARMENU VASSALLO

*Poeta, Kritku, Awtur.*

Ħadd forsi ħliefek ma jaf daqsi w bħali
kemm swielna dmugħ u mrar ġmiel iż-Żgħożija;
kemm, biex doqna ftit ferħ, xrobna kwies t'għali;
u kemm, għal ftit tagħlim, rajna tbatija.

Illum li fl-art ħadd għajrek ma baqagħli,
ja ħabib li saħħartni għall-poeżija,
nixtieq kieku nitolbok issemmagħli
l-għanja ta' darba - l-għanja tat-tfulija.

Min ma jixtieqx mill-ġdid jitgħannaq magħha?
Isbaħ minnha ma hawnx! Kulħadd jixtieqha
bl-isħra, bl-ilwien u bl-innoċenza tagħha.

Le, Poeta żagħżugħ, tiċħadx tgħanniha
mill-ġdid dik l-għanja daqs il-balzmu wtieqa,
li min joħlomha wkoll jitgħaxxaq biha.

**KELINU VELLA HABER**

Karmenu Vassallo kien ħabib kbir ta' Kelinu Vella Haber u flimkien kienu għamlu xi żmien jistudjaw u novizzi mal-MSSP fir-Rabat Malta. Skont Kelinu, Karmenu kien iffissat li kien ikrah wisq. Fl-1942 Kelinu kiteb sunett lil K. Vassallo u bih kien ħa l-ewwel premju. Dan kien deher ukoll fil-*Pronostku Malti*, tal-1942 .

Il-Kumment tal-membri tal-Ġurija dwar dan is-sunett kien dan: "Il-poeżija li ħadet l-ewwel premju, għoġbitna mhux biss għall-ħeffa tar-ritmu, imma wkoll għan-nisġa mżewqa tal-ħsieb li jżejjinha. Il-ħsieb jiġri sabiħ u bla xkiel mill-ewwel sal-aħħar vers. L-iktar fl-ewwel żewġ strofi li huma maħdumin bis-sengħa kollha tal-poeżija. Jidher li f'dan is-sunett, ħadmu fih il-moħħ u l-qalb."

[Ħajr lil Frances Arpa, bint Kelinu, għall-poeżija, tagħrif u ritratt.]





## BIDU ĠDID

**Novella ta' Joe Axiaq (L-Awstralja)**

I

Luka mexa b'pass mgħaġġel biex jilħaq il-ferrovija tad-disgħa, qabel l-istazzjon ikun ippakkjat bin-nies jgħaġġlu lejn l-uffiċini. Kien nesa li nhar ta' Ġimgħa, wara l-Covid, ħafna ħaddiema kienu għadhom jaħdmu mid-dar u ma kellux għaliex jinkwieta. Ħlief nofs tużżana nies ma kienx hemm. Anke l-ħwienet tal-kafè kienu battala.

Daħal f'ħanut żgħir u ordna kafè iswed u biċċtejn ħobż mixwija. Kien għadu ma ħa xejn dik l-għodwa. Kellu togħma li kienet iddejqu. Lanqas xawer suret in-nies ma ħa. Ħwejġu kienu mdellka. Kellu seba' mitt sena sakemm jasal il-flett tiegħu, u jinħasel ħasla u jbiddel ħwejġu minn fuq s'isfel. Imma kellu bżonn belgħa kafè u xi ħaġa tal-ikel.

Ħalla lil Sandra fis-sodda, toħlom il-ħolma li twebblet biha. Hu kien parti minnha. Kien għamel ġimgħa magħha fl-appartament, joħorġu, jieklu u jorqdu flimkien, waqt li Marku kien fuq xogħol 'il bogħod mid-dar.

Marku u Luka kienu kuġini. Kienu qishom aħwa, dejjem ma' xulxin. Kien Luka li ltaqa' ma' Sandra l-ewwel darba u beda joħroġ magħha. Sakemm mingħajr ma jaf kif u għaliex, sab li Sandra u Marku kienu qegħdin joħorġu flimkien, minn wara dahru. Spiċċaw jiżżewġu. Luka lanqas biss mar it-tieġ tagħhom. Kien irrabjat għal Sandra, u aktar u aktar għal Marku, li kien iqisu bħala ħuh. Għaddew is-snin, u ċ-ċirkustanzi tal-familja reġgħu laqqgħuhom flimkien u bdew jitkellmu, mingħajr kunfidenza żejda.

"Irrid inkellmek," qalet Sandra lil Luka fil-funeral ta' missier Marku, "agħtini ċempila meta jkollok siegħa kwiet," u għaddietlu n-numru tat-telefown tagħha bil-kwiet.

Luka ltaqa' ma' Sandra f'restorant żgħir ta' lukanda, fejn kienu jħobbu jiltaqgħu meta kienu joħorġu flimkien. Kienu qishom iż-żewġ namrati, meta kienu jafu lil xulxin sewwa. Tkellmu dwar il-weġgħat, u dak li ma qalux lil xulxin meta nfirdu, u l-kliem wassalhom fejn kienu qegħdin f'ħajjithom.

"Irridek tgħinni Luka. Taf li nħobbok. Taf li għalkemm ma' Marku, int dejjem bqajt f'qalbi. Irrid tarbija. Tarbija mingħandek," qalet Sandra.

Luka nħasad għal dan il-kliem.

"Hemm Marku issa... Ma rridx inweġġgħu kif għamel lili. Wara kollox għadni nqisu bħala ħija, avolja ttradieni."

"Marku ma jistax ikun missier. Ma jistax jagħtini tfal..."

"X'iġifieri?"

"Marku ma jistax ikollu tfal. Naf x'qiegħda ngħid, jien ners. M'hemmx għalfejn nidħol f'ħafna dettalji. Imma int tista'... Lil Marku tgħidlu xejn. Jibqa' kollox bejnietna. Meta jkun 'il bogħod mid-dar fuq xogħol, ejja agħmel ġimgħa fl-appartament tagħna. Ngħaddu ftit ġranet jien u int, bħal meta konna namrati..."

II

Luka għaġġel biex jilħaq il-ferrovija tad-disgħa. Kien ilu li dalam. Kellu seba' mitt sena sakemm jasal il-flett u jinxteħet fis-sodda. Kien iltaqa' ma' Marku fil-pabb, fejn kienu jiltaqgħu, meta kienu għadhom żgħażagħ moħħ ir-riħ, qabel jgħaddu l-lejl f'xi diskoteka jew najtklabb. Diġà kienu ltaqgħu u tkellmu drabi oħra, wara li kisruha ma' xulxin. Luka ħafer lil Marku talli ttradieh, għalkemm il-weġgħa ħalliet il-marka tagħha f'qalbu.

"Ridt inkellmek," qallu Marku, jixrob il-birra b'nofs qalb, "se nitolbok favur kbir... Aħsibha, qabel tikkommetti ruħek..."

Luka warrab it-tazza li kellu quddiemu, u ħares f'għajnejn Marku. Il-kisra mħassba f'għajnejn sieħbu, kienet qiegħda tinkwetah.

"Ġara x'ġara bejnietna, id-demm qatt ma jsir semm. Aħna trabbejna bħal aħwa, u ħbieb fl-istess waqt. Qed tinkwetani...", qallu Luka wara pawsa twila.

"Marid. Ninsab marid sewwa... ", qallu Marku, mingħajr ma qagħad idur tal-lewża, "wara tant snin, se jkolli t-tarbija li xtaqt. Sandra u jien se jkollna tarbija... Kont fis-seba' sema. U issa t-tabib qalli li għandi marda terminali. Ftit xhur oħra baqagħli. Lil Sandra m'għidtilha xejn. U nitolbok biex iżżomm kollox bejnietna. Ma rridx li Sandra tinkwieta u titlef it-tarbija. Li qed nitolbok huwa li teħodli ħsieb ibni. Naf x'raġel int, u żgur tkun missier tajjeb għal ibni..."



III
L-aċċident tal-karozza kien wieħed ikrah. Luka mar jara lil Sandra l-isptar.

"Marku tilef ħajtu mal-ħabta," qaltlu, "u jien tlift lit-tarbija," qaltlu Sandra, b'għajnejha fil-ħofra, ma tiflaħx tibki aktar, u b'kisra maħnuqa f'leħinha.

"Imma x'ġara? X'ġara sewwa? Għax l-aħbarijiet tat-televixin jgħidu mod u l-gazzetti jgħidu mod ieħor," staqsieha Luka, iżommilha jdejha.

"Ma nafx. Lanqas jien ma naf sewwa. Dan l-aħħar kien beda jħawwad. Jinsa l-affarijiet, irid jibqa' fis-sodda, ma jridx imur għax-xogħol. Għidtlu jmur jara tabib. Ma riedx. Kien qed isuq, u f'daqqa waħda baqa' dieħel f'siġra. Triq vojta… Lanqas kien hemm karozza waħda, jew xi ħaġa li setgħet ittellfu. Spiċċajt waħdi Luka; m'għandi lil ħadd."

Luka baqa' jħares lejn Sandra. Qatt ma kien raha hekk. Kien hemm mumenti f'dawk il-waqtiet, li fakkru lil Luka meta kienu jitkellmu dwar il-futur, li jista' jkollhom flimkien, qabel ma bdiet toħroġ ma' Marku.

"Nibdew mill-ġdid Luka," qaltlu Sandra, meta Luka baqa' ma qal xejn, "nerġgħu nibdew mill-ġdid. Int waħdek ukoll… Dejjem kien hemm xi ħaġa speċjali bejnietna."

Luka baqa' b'ħalqu magħluq iżomm id Sandra.
"Allura x'tgħidli?" qaltlu meta baqa' ma qal xejn.
"Għax kelli pjanijiet oħra. Poġġejt il-flett għall-bejgħ. Wara l-Covid, l-affarijiet inbidlu. Ix-xogħol ma tantx għadu importanti. Mentalment inħossni għajjien, u nixtieq ambjent u bidu ġdid. Irrid immur f'pajjiżi fejn qatt ma mort, nitkellem ma' nies li ma nafx, niltaqa' ma' nies ġodda, infittex lili nnifsi, niskopri min jien…"

"Stenna ftit ieħor," qaltlu fil-pront Sandra, "stenna sakemm infiq u nerġa' nqum fuq saqajha. Irrid niġi miegħek…"

## TĦALLUX ID-DEMM ITIR

Is-sħab inġama' sieket bħall-iħirsa
ifettaq u jindiehes ġol-imsieraħ,
u intom mingħalikom li f'did-dirsa
toħorġu ndaf mill-ħasla bid-demm fieragħ.

Fil-ħamba tgħaddi Ċensa, tmidd passiha,
imħallsa mill-ħakkiema trijonfali;
waqt l'intom u l-għedewwa mistoħbija
għodod mixtrija lkoll, b'ħolm li għad jagħli.

Mill-maqjel tal-ilsiera qumu mgħaddba
u farfru d-driegħ imxekkel, mill-ġjufija;
ħajjin f'oqbra tal-massa sfajtu mwaddba

Tħallux id-demm itir, ħalli jitpaxxa
min għax setgħan, qed jgħakkes id-dgħjufija;
inkella l-paċi ddub u l-ħolm jisfaxxa.

**THERESE PACE**
(Minn *Arpeġġi*, 2003)

## IL-BAĦNAN T'ALLA

Għammar il-Mulej fostna,
u ta raġun lit-tfal:
"Irridu nkunu bħalhom"
Huma kelmiet wisq tqal.

Hu, lin-nies kbar ta' żmienu
widdibhom bl-eħrex kliem:
Fl-unuri m'hemmx il-paċi,
mhux fid-dekor is-sliem.

Qala' tmaqdir bil-bosta,
il-bniedem sar li falla…
Waqqgħuh għaċ-ċajt, beżqulu,
laqqmuh "il-baħnan t'Alla".

Min bħalu jħobb, jitqarraq,
ta' ħajtu jitlef l-għan,
għax jagħti lilu nnifsu,
f'imħabbtu jsir baħnan.

U min lest jilqa' kliemu
biex jgħix twemmin qalil,
jitqies f'xi ħin jew ieħor
bil-kejl tan-nies "fidil".

**J.W. PSAILA**
(Minn *Graffiti f'Gerduf*, Pubblikazzjoni Bugelli, 1993)




## *WARA L-KILOMETRI*, POEŻIJI TA' JONATHAN BALZAN

**(Il-ħames ġabra ta' poeżiji. Pubblikazzjoni ta' Jonathan Balzan, b'introduzzjoni ta' Dr Patrick Sammut, 90 paġna)**

**Riflessjoni ta' Tarċisju Zarb**

Għax wara li l-bniedem ikun terraq u mexa u ġera mili u mili ta' mili f'toroq li fihom ikun iltaqa' ma' qagħdiet stramani, daqskemm ta' kuljum, jiġu dawk il-waqtiet li fihom jieqaf. Jeħmed. U f'dik il-waqfa. F'dik il-ħemda. Il-lehma tirbħu. U r-rebħa tagħha twasslu biex jikteb u jikteb u jikteb.

U l-kitba tkun imdawla b'għadd bla tarf ta' riflessjonijiet dwar dil-ħajja xintillanti daqskemm imwiegħra li fiha jkun terraq u terraq u terraq. U l-waqfiet f'dal-mixjiet iwassluh biex jagħraf bħal qisu f'lamp, f'lamp, f'lamp il-ħajja u t-traġettoriji tagħha.

Għax issa, il-pinna ħarkiena tkun tista' tlaqqgħu ma' qiegħ qiegħu – il-qiegħ ta' dawk il-konverżazzjonijiet muti għaddejjin bla heda ġewwa fih. U li issa, jgħidulu. Issa trid tieqaf. Issa, trid tieqaf u tiktibna. Għax aħna jistħoqqilna l-perenneità. Il-perenneità grafemika. Tal-kitba.

U l-poeta għaddej lehġien iqammas mal-wesgħat bla tarf tal-itinerarji ta' dan il-globu jieqaf u jikteb. Għax kull fejn mexa. Kull fej' terraq u tellaq ra, mess, xamm, sema' u ħass it-tegħim viżiv ta' dak il-fenomenu li aħna nsejħulu poeżija.

Dawk il-waqtiet meta nwaqqfu l-ħsieb mill-fluss għaddieni tiegħu u nagħtuh bixra li magħha nkunu nistgħu nerġgħu niddjalogaw. Nitkellmu magħha u ngħidu nimirħu fil-murmurji ta' ġo fina.

U waqtiet jiġri li jissuċċiedu ħwejjeġ li jagħtuna nifs li jgħollina 'l fuq u jagħtina l-ħajja, filwaqt li drabi oħra jiġru ħwejjeġ li jniżżluna 'l isfel, fid-dagħbien. Waqtiet niltaqgħu ma' dik il-lehma li tirruxixxitana, filwaqt li drabi oħra niltaqgħu ma' dik il-lehma li tgħattanna. U hawnhekk, ir-riflettatur ħallih iniżżel bid-dehwa msensla sa qiegħ ruħu l-versi tiegħu.

U l-versi tiegħu huma bla tmiem, anke meta dawn il-versi huma qosra. Huma konċiżi fil-bixra viżwali tagħhom. Huma mimlija tama, anke meta dawn jeħduh 'l isfel fid-dagħbien u jeħduh lil hinn minn dak li jogħġbu u jsostnih.

Għax, oħroġ il-għaġeb anke l-eleġija. U anke d-dillierji li waqtiet jissieħeb/nissieħbu fihom, fihom il-ħajja li tixprunah biex jikkomponi. Għax fl-istess kompożizzjoni hemm l-istess ruħ. Hemm l-istess ġerrej tal-kilometri. Anke fl-istess toroq qosra ta' dawn il-lehmiet li fihom jissieħeb jew jispiċċa taħt it-toqol tagħhom.

Għax hekk u hekk biss ikun poeta. It-terrieq... il-ġerrej dejjiemi li jħuf iljieli u nhariet immexxi minn din il-lehma li tilma l-ħin kollu. U meta t-triq tinħass tqila u iebsa, hemm iċ-ċans li din tiegħu tinħass aktar u dejjem aktar.

U din tal-poeżija ssir wisq aktar minn musbieħ li jsostnih fl-iljieli u l-jiem mudlama ta' dan l-itinerarju. U f'din l-itinerarjetà, il-poeta jieqaf u jaħtaf l-ewwel rifda li tista' tirfdih biex jikteb u jikteb u jikteb.

U Jonathan Balzan huwa sewwa sew dan l-esseri. Huwa l-esseri ħassieb u riflessiv, li għalih il-vuċi poetika hija l-vuċi li ssostnih u tissusstih. Hija dik il-vuċi li tgħidlu: Inti teżisti u teżisti b'mod sabiħ u uniku. B'mod reżiljenti. B'mod li tista' tirfed u tintrifed. Fil-mixja tiegħek inti tista' tasal fil-wesgħat bla tarf daqskemm bl-għoljiet u l-qċaċet li jinħassu li ma jistgħux jintlaħqu. Għax anke meta inti tkun mgħattan, jew il-madwar ma jkunx qiegħed jiffjorixxi jew meta saħansitra tirbaħ l-eleġija, inti għandek ġo fik dan l-eliżir li jsostnik u jsostnik b'saħħa.

U fid-dawl ta' dan kollu wieħed jista' jifhem, jagħraf u jintuwixxi qagħad mentali, sparkjaturi ta' emmniet, xewqat, sensazzjoniet u emozzjonijiet kif jidher minn dawn l-istanti

poetiċi fejn niltaqgħu ma' konfratija miexja bil-ktajjen tal-penitenza u fl-istess ħin nisimgħu l-ħoss kaxkar tqil, li l-poeta jqabblu mad-dnub mistur fil-qlub. (p. 1) Niltaqgħu ma' vuċi poetika li tħossha dgħajfa u tturmentata, imma sadattant tibqa' tissara biex forsi tintlibes lura dak li tneżżgħet 'f'sekonda ta' ħin'. (p. 10).

U sadattant matulkom ja snin, jiġu waqtiet meta hekk kif tqum din il-vuċi intimistika tħossha ddolorata u mifxula għall-aħħar fit-tiftixa tagħha għar-raġuni jekk hija kinetx se tgħix fit-tul. (p. 11) Sakemm imbagħad jiġu ġranet, li fihom din l-istess vuċi bħal qisha tkun trid tiddeċiedi li ma tibqax fuq din l-istess linja ta' tiħsib u tgħid lilha nnifisha li ma tridx tikteb aktar riflessjonijiet poetiċi, imma fl-istess din l-istess vuċi taf li hija din l-istess mistoqsija li hija l-pern ta' din l-istess ġibda għal-lehma. (p. 25)

Issa jiġri li mhux kull lejl iġib miegħu l-mistrieħ li wieħed ikun jistenna, u għaldaqstant quddem dan l-istat ta' fatt, il-vuċi konverżazzjonali intimistika tal-poeta ma tistax ma tiktibx u tgħid: Il-lejl battal min-ngħas / jimtela biss / bir-riħ dieħel / imfellel / mill-ventilaturi / jgħoddli / il-minuti mas-sigħat. U dawn il-linji, il-poeta jgħammidhom bit-titlu ta' *Transizzjoni*. (p. 30)

Jiġri wkoll li jkun hemm waqtiet meta l-ħajja ma tidhirx ħlief f'termini ta' kalċi mimli morr (p.31). U f'dan it-trapass ma jonqsux poeżiji eleġjajki bħal meta l-poeta jitkellem dwar il-mewt u jikkwalifikaha ħala "rigal l-għajbien", bil-konnotazzjonijiet kollha li wieħed jista' jorbot ma' din l-espressjoni, fil-poeżija *Tinkini* (p.38) U sadattant il-qalb tibqa' tħabbat, imma kif isostni l-interlokutur innifsu: tgħodd biss / dejjem / dik li jmiss. (*Qalbi*, p. 39)

U f'din il-mixja jkun hemm waqtiet ta' qtigħ il-qalb, u waqtiet ta' qtigħ il-qalb iswed, kif bħal qisu hemm issuġġerit fil-poeżija *Madwar għonqi* (p.59), imma din is-swidija bid-dlam li ġġib magħha, jista' jiġri wkoll li din tixxebbah ma' tarbija rieqda (*Ħallih*, p. 61).

U l-ħajja sadattant tkompli bħal qisha ddettata minn qagħdiet varji, kif jidher fis-sakra żbruffata, li l-vuċi poetika ħassitha li kixfitlu l-melankoniji li xejn ma kienu għadhom itaffulu n-nostalġiji. (p. 65) U sadattant kull individwu jistenna l-partenza. (p.67) Imma sadattant ukoll is-skiet ġo qalb it-terrieqi jibqa' jfur minn buqar qalbu, ixerred ġrajjietu u jimla l-paġni li huwa jqishom bħala vojta fil-ktieb ta' ħajtu. (p. 74)

U f'dan id-dawl ta' titriq, mixi, ġiri u waqfiet li huma l-qagħdiet intimistiċi-meditattivi ta' Jonathan Balzan, aħna jirnexxilna nieħdu idea, u wisq aktar minn idea, ta' *forma mentis*, u wisq aktar minn *forma mentis* ta' poetiċità riflessiva ingastata f'qiegħ din il-personalità – personalità li għaddejja l-ħin kollu tittributarja minn naħa għal oħra, itterraq fid-dinja ta' qiegħ l-ajsberg ta' moħħna, filwaqt li tirrifletti dwar il-mistoqsijiet il-kbar tal-eżistenza.

U dan Jonathan Balzan jagħmlu b'espressività istantanja li tiġbor bis-saħħa tal-veikoli stilistiċi b'mod speċjali dik tal-metafora, il-qagħdiet varji tal-vuċi poetika tiegħu quddiem ir-realtajiet li huwa jaffaċċja jum wara jum mhux biss fid-dinja tal-madwar, imma wisq aktar fid-dinja interpretattiva tiegħu



Jonathan Balzan
[Ritratt: mill-paġna Facebook]

– dinja ta' sensittività, li jirnexxilha permezz tal-lingwa tagħti lewn anke lill-aktar ħsus suwed li wieħed hemm iċ-ċans li jiltaqa' magħhom f'dan l-itinerarju li ngħidulu ħajja.

*Wara l-Kilometri* ta' Jonathan Balzan hu wisq aktar minn ktieb ta' poeżija. Huwa ktieb li fih wieħed il-qarrej ikun jista' jissieħeb miegħu nnifsu permezz tal-vuċi ta' esseri ieħor biex jirrifletti dwar l-istess eżistenzjalità tal-ħajja – eżistenzjalità li tingħex sewwa sew billi wieħed jirrifletti u jitkellem u jaħseb dwarha. Imsaħħa mill-fidi, din il-ġabra poetika ssaħħaħ ukoll lil kull min jiġi f'kuntatt magħha. Għax din hija ġabra ta' esperjenzjalitajiet ħerġin bħal qishom fi fluss ninn sensitivitajiet ta' esseri li jifhem, jagħraf u jikkuntempla dwar din il-fenomenoloġija għaddiena li ngħidulha ħajja, u hekk waqt li jkun qiegħed jirrifletti huwa jiġi f'kuntatt mas-sotterran tal-istess ħsebijietu, u minn haw' ikun f'qagħda li joħloq id-djalogi personalizzati tiegħu.

B'dan il-mod il-poeta u l-poeżiji jsiru żewġ kompanji li jimxu id f'id jieħdu r-ritratti ta' xulxin, hekk kif immaġni tinħoloq minn immaġni oħra tpinġi mill-madwar u mill-istess innifsi poetiku l-qagħda riflessivament-intimistika ta' poeta, li għalih l-akkumpanjatriċi tiegħu – il-poeżija – tifhmu, tagħrfu u tagħtih widen, għax hija ssir l-istess alter egu tiegħu, alter egu li miegħu huwa jkun f'qagħda li jberraħ lill-istess innifsi tiegħu.

B'dan il-mod il-kilometri, din id-darba mhux wisq dawk fiżiċi, imma dawk fil-psikoloġija tal-qiegħ u fil-fjoritura poetika tagħhom isiru l-aqwa u l-eqqel u l-ifned kilometri li Jonathan Balzan jista' jagħmel, b'ħila, konsistenza u saħansitra b'emerġenza ta' min għalih il-poeżija hija l-istess xenarju intimu tiegħu, li hu jixtieq jiskopri,, permezz ta' din it-tip ta' testwalità.

Nawgura lil Jonathan Balzan aktar kilometri, kilometri li jsaħħuh u jagħtuh dejjem sostenn ġdid. J'Alla l-ġid u s-saħħa.



# ID-DJALOGI TAX-XJUĦIJA

**Kitba ta' Philip Borg**

Minn ewl id-dinja fix-xjuħija jinstemgħu iktar l-aħħijiet mill-uffijiet. Jew jindaqqu t-tnejn indaqs, qishom varjazzjoni fuq it-tema li, bla ma nafu, nikkomponu kuljum aħna stess. Saħansitra meta niltaqgħu ma' min hu tamparna, id-diskors qisu jdur waħdu fuq il-listi tal-pirmli li qed nibilgħu. Biex invarjaw, nirrakkuntaw meta kellna l-aħħar appuntament l-isptar jew meta jmissna dak li ġej. Erħilna nilagħbuha tal-esperti nippronunzjaw kliem modern ta' CT Scan, MRI, myHealth, demenzja, fiżjo jew psiko terapija u kliem ieħor ta' skoperti riċenti fix-xjenza medika.

Jekk mhux kollha jfissru fejqan, iwasslu għall-kura, jew itaffu t-toqol. U t-tabib li jolqtok malajr tagħmlu professur. Ukoll jekk l-aħħar li resaq qariib kattedra fl-awla kien meta ggradwa tabib għoxrin sena ilu! Imma la laqtek allura bravu, u għalhekk professur. Titlu komdu flok konsulent jew speċjalista.

"Min qed jarak... x'jismu l-professur?"
"Mingħalija xi ħaġa Baradić jew Badarić, xi ħaġ'hekk, għax barrani, imma sibtu jifhem."
"Iwa, dak isemmuh. Wieħed twil, għajnejh żoroq. Ir-raġel t'oħti jfaħħru ħafna."
"Darba għadu rani s'issa. Ikollu ners fuq tagħha miegħu, qisha tikkmanda iktar minnu."
"Hekk qalli ħatni. Imma għall-inqas jeżaminak hu, mhux jibgħat tabib student jara n-nies...."
"Minn daqshekk veru, għax hemm minnhom mank ikollhom sabar jarawk jekk ma tkunx mort tarahom privat qabel!"
"Tassew jarawk, imma mank iħarsu lejn wiċċek meta jkellmuk, qisek numru għalihom!"
"Iwa, hekk ngħid ukoll, xi wħud minnhom jarawna qisna flus mhux nies..."
"Imma ejja nammettu li hemm ħafna li huma tar-ruħ ukoll."
"Minn daqshekk veru u mnalla jkunu huma msieken!"

Id-djalogu jkompli jdur bejn l-uff u l-aħħ. Min jiddeskrivi l-uġigħ qisu qed jirrakkonta xi bravura, u min itaqtaq fuq ir-riċetti li llum saru jidħlu fis-sistema diġitali... anki dik komda, imma għal xi wħud tqila biex tifhimha. U trid tmur tħallas tabib biex jaqralek u jfissirlek ir-riżultat...

Kultant ninstemgħu qisna sirna professuri meta nippruvaw infissru l-mediċini tal-qalb, jew tal-kliewi jew taz-zokkor. Ngħidulhom pirmli. Għall-Għawdxin pinuri. Minn moħħna jgħaddu bħal filmat il-kaxex jew listi li jkollna fuq xkaffa jew f'xi kexxun fil-kċina. Miskin min imisshomlna minn kif inkunu ħallejniehom fl-ordni li nifhmu aħna. Imsieken iktar jekk ninsew aħna stess. Iwa ħej, kapaċi niftakar kif kont ilwejt għarqubi meta ppruvajt niżżattat nagħti xi daqtejn ballun qabel nidħlu l-iskola sittin sena ilu, imma nitħawwad biex niftakar sew liema pirmli ħadt dalgħodu jew liema jmiss illejla. Uff ieħor u uff ikbar għax ma rridhomx jaħsbu li nsejt. Għax malajr jitfaċċa t-titlu tal-kundanna - id-demenzja!

Inserrħu rasna għax illum kważi l-pirmli kollha b'xejn, forsi rasna tant mistrieħa li nittraskuraw il-ħin meta suppost neħduhom. U jekk xi ħadd ifakkarna, nuru kemm aħna bravi u nippretendu li r-riċetta nafuha bl-amment... "Tindaħalx, għadni ma bloqtx, naf x'jien nagħmel!"

Ta' madwarna ma jgħiduhiex imma jqisuna biżbetiċi jew li 'għandna alla għalina'. Għax ir-ras iebsa u s-suppervja insibuhom bħal tarka li tagħmilna - mingħalina - indipendenti għal kollox.

Sikwit isemmulna s-solitudni. Ngħid għalija sikwit naħseb li l-kwiet madwari jwennisni. Ma naħsibx li widnejja marru, għax kultant nisma' sew. "Madonna, dak se jaqa', għidulu jżomm ma' xi ħaġa meta jimxi... U neħħulu dawk it-twapet għax se jkunu l-kaġun li jispiċċa b'idu fil-ġibs..." Nismagħhom ingħid! Bħal xejn ma jaħsbux li widnejja bonswa hux! Imma mbagħad dlonk igedwdu xi ħaġa minn taħt l-ilsien, qishom apposta biex forsi jirrassenjawni li m'għadnix nisma' sew, u nibda niddubita lili nnifsi u ma niżżattatx iżżejjed.

Imma mbagħad jidilkuna bil-kelma 'anzjani' flok 'xjuħ' biex taparsi ma xjaħniex. Kif tgħid kemm għandek snin, taparsi jfarrġuk, "Imma allajbierek ma jidhrulekx!" It-tweġiba pronta "Imma hemm qegħdin!" bħallikieku s-subkonxju jrid jilludina li tassew ma nidhrux li xjaħna! Donnu l-kelma romanza tegħleb dik semitika, imma l-età mhix narrattiva imma snin reali li jingħaddu f'għaxriet u għexieren.

Jew għax 'anzjan' tinstema' mellisija, qisek tomgħodha b'iktar ħlewwa. Aktarx li għalhekk ukoll inħolqot il-frażi "anzjanità attiva" għax tant tjiebet is-saħħa fi snin itwal, li x-xjuħ kapaċi jibqgħu jaħdmu wara l-età statutorja tal-pensjoni. Hi x'inhi, illum saħansitra ll-Ġnus Magħquda adottat il-ħsieb ta' Abraham Lincoln, "Fl-aħħar mill-aħħar



mhumiex is-snin fil-ħajja li jgħoddu imma l-ħajja fi sninek!" F'dan kollu hemm it-taħlita, suppost armonjuża, bejn il-ġisem u l-moħħ, is-saħħa u l-ħsieb. Hija taħlita li nħobbu nsejħulha 'maturità' għax fiha ġabra ta' esperjenzi u tagħlimiet. Imma fiha l-kuntrast ukoll bejniethom - l-għejja, il-mard, it-tikmix u d-dipendenza, anki biex naslu għall-appuntamenti l-isptar!

Kollox ma' kollox, ix-xjuħija hija l-użin, sikwit kalat, ta' tbissim u dmugħ fis-somma tas-snin li għexna bit-tama li meta nikbru u ngħejjew ningħataw il-premju tal-mistrieħ. Jew għallinqas, l-għożża ta' min rabbejna u rnexxa, jew ta' min ħarab minn idejna biex kiber iżżejjed u jrid jgħallem 'il ommu tbennen.

Hi x'inhi, xjuħija jew anzjanità, iwassluni biex nifhem aħjar sentenza li darba lissnet l-attriċi Taljana Anna Magnani li misset tant qlub: "Meta nixjieħ tgħattuli ebda tikmixa, għax kull waħda tfisser tagħlima!"

U jekk irrid negħleb it-toqol tal-għeltijiet kollha, niftakar li l-ħajja hi sekwenza ta' staġuni, u għalhekk nimtela bil-ħajr li wasalt fl-aħħar staġun. Anzi, nitfarraġ bit-tqabbila tal-poeta Pollakk Stanislaw Jerzy Lec tas-seklu li għadda: "Iż-żgħożija hi don tan-natura, imma x-xjuħija opra tal-arti!" Naħseb li wiżen sew silta mid-djalogu tal-għaref Seneca: "Ibqa' żomm il-ħeġġa taż-żgħożija biex tużaha aħjar meta tixjieħ!"

Kos, tliet persunaġġi ta' epoki differenti, imma bl-uffijiet u l-aħħijiet kollha, id-djalogu jkompli għax l-għerf tal-ħajja ma jixjieħ qatt!

## BĦAL VAGABOND

Waqt li mmelles qattus tat-triq
li qabeż f'ħoġri,
inhares fgħajnejk imżeġġa jifluni, isaqsuni;
għajnejk donnhom ċiniċi
li ilhom ħafna snin ma jifhmunix,
ma jħobbunix...

Waqt li mmelles dal-qattus,
inwieġeb bis-sabar għal ħarstek iebsa
u nipprova nfissirlek bla kliem
li bħal dal-annimal xewwiel jien ukoll
bosta drabi inqisni wahdi, minsija, mingħajr kenn.
Iżda bħal dal-ħabib ta' erba' saqajn,
fid-dlam għajnejja jafu jsibu t-triq
mixgħula mill-ħuġġieġa ta' qalbi.
Għax jien ukoll inħoss li d-dinja tiegħi,
u li hi ser tibqa' tqisni tagħha.

**MARLENE SALIBA**
(Minn *Nimirħu maż-Żmien*, Faraxa, 2014)

## L-EWWEL IMĦABBA

Jgħidu li l-ewwel imħabba
hi l-ikbar waħda.
Tinstema' romantika ħafna,
iżda mhux il-każ tiegħi.

Kien u ma kienx hemm xi ħaġa bejnietna,
xi ħaġa ġrat u għaddiet.

Idejja ma jirtogħdux
xħin jinzertaw xi oġġett ta' tifkira:
ngħidu aħna, dal-munzell ittri marbut bi spaga
- lanqas żigarella ma kien ħaqqu.

L-unika darba li ltqajna, wara tant snin,
kienet konversazzjoni bejn żewġ siġġijiet
ma' mejda bierda.

Imħabbiet oħra
għadhom jirrespiraw fil-fond ġo fija.
L-ewwel imħabba lanqas għal tnehida
ma fadlilha nifs.

**WISLAWA SZYMBORSKA**
(Minn *Waqt*, miġjub bil-Malti minn Antoine Cassar, Faraxa 2022)






## *META TASAL, TASAL*, ta' John P. Portelli, Horizons 2024

**Riflessjoni ta' Tarċisju Zarb**

**(Ippubblikat minn Horizons. Fotografija tal-qoxra: Andrew Zarb. Qari tal-provi: Paul Abdilla, 65 paġna.)**

Imbagħad jiġri li għodwa waħda tistenbaħ għal qagħda oħra. Jiġri li dak li forsi darba waħda kien 'il bogħod, jew mhux daqshekk imminenti, issa bħal qisu jleħħ fil-qrib, u l-wsil bħal qisu jasal fil-qrib.

Dak li forsi sal-bieraħ kien 'il bogħod, u kien għadu fil-bidu tal-wsil, issa, hekk bħal ifeġġ fil-qrib, u għaldaqstant tibda tinħass il-ħtieġa li wieħed jippakkja l-ħsus immetaforizzati, li wieħed ikun ġemma' matul l-irħil u t-tirħil tiegħu biex bihom isalpa lil hinn, 'il bogħod mill-madwarijiet li fihom kien dara jdur.

Issa r-riħla tibda tieħu xejra oħra. Ix-xejra tal-imminenza. Ix-xejra qarribija, u għaldaqstant, dik li kienet tinsab 'il bogħod, u forsi wkoll mhux daqshekk ċara, issa tibda tidher ħafn'aktar ċara. U fir-ruħ u l-qalb tal-ħassieb jibdew jidhru u jitfaċċaw lampi oħra jleqqu u jleħħu, bħal qishom jiddikjaraw il-wasla li kellha twassal sal-barkun. Sal-lampa fit-tarf tat-triq.

U hawnhekk ir-riħħiel sensittiv tarah jiġbor is-sentimenti tiegħu min-naħiet varji tal-istimuli li sawruh ma' meddet il-jum tal-ħajja, u jiġborhom bħal qisu djamanti li magħhom jitkellem bid-dehwa ta' min iħoss, li għexhom f'qiegħ għammieq ruħu, hekk kif pass wara pass medd riġlejh fuq it-terriċċju ta' din l-art li ngħidulha ħajja.

Issa jibdew jintħietu s-sentimenti, l-emozzjonijiet, il-viżjonijiet u x-xejriet varji li akkumpanjawh matul meddet il-mixja, biex huma jiktbu l-awtobijografija tiegħu – awtobijografija arketipika, li taf lill-awtobijografiji tal-antenati tiegħu u tagħna.

U f'din l-awtobijografija, nibdew nisimgħu dawn il-linji għaddejjin jinstiltu u jintisġu waħda mal-oħra kif jidher minn dawn il-waqfiet ta' kliem li l-ħassieb jitkellem bihom u magħhom ġewwa fih: għedtlek ma rridx immut f'qiegħ ta' sptar f'Toronto – u sadattant ikompli inarra u jgħid, Tgħid il-mewt tinżel aħjar jekk taċċettaha? – U fl-istess ħin iseħħ il-leħħ ta' min qiegħed jitkellem ma' ommu u jgħid: Għal ommi żgur kont don; ismi Juhanna, id-don ta' Alla... (p. 11). Imbagħad hekk f'salt wieħed tidħol fit-tiħsib tan-narratur-ruminattiv il-ġakarenda, is-siġra simbolu tal-ġmiel, ir-reżiljenza u t-tiġdid, u din ħdejn din is-siġra siġġu tar-roti u deżolazzjoni. (p. 13) U l-leħħ fl-imgħoddi jieħu lir-ruminatur fis-skiet ta' imgħoddi li issa kien qiegħed itektek għalxejn, u għaldaqstant jistaqsi, jekk huwa kienx għad imut bit-togħma tal-lumi u l-lariġ ħierġa miċ-ċensier, hekk kif jiftakar fiż-żmien idillijaku tal-imgħoddi. (p. 14)

U dal-personaġġ sulu sulu issa jsib ruħu 'Taħt il-loġġa', u hawnhekk iħoss jum il-mewt ġo ġismu mitluf, hekk kif jiftakar fil-borra tal-belt li jinsab fiha... borra li tnessilu l-eżilju, jew għallinqas daqsxejn minnu.

U l-għajnejn tal-ħassieb-pensuż-liriku jixrob mill-madwar għaxija li tqum tonfoħ bil-qawwi r-riħ fuq u din tonfoħ il-fjur taċ-ċirasa 'l bogħod, 'il bogħod. (p. 19) U f'dan il-kwadru ma jistax ikun li ma tidħolx il-mistennija, hekk kif in-narratur-pensuż jiftakar fis-sigaretti ta' missieru-tabib, hekk kif kien ikun jistenna l-morda jfiqu, u dik l-istess ommu mimduda fl-art kważi mitlufa minn sensiha. U fl-istess ħin, in-narratur jibqa' jindirizza, anke jekk iż-żafżafa mħassba bit-tmiem ta' din l-istorja wara l-kantuniera.

Imbagħad jiġi l-irdum u dan ifakkar lin-narratur pensuż fil-mogħoż u n-nagħaġ jirgħaw waħedhom fuq l-irdum tar-raħal jistennew għalxejn, hekk kif jitkellem dwar saħħtu ma' esseri li issa kulma kien għad fadal minnu ma kien hemm xejn ħlief żarbun li kien ħalla biswit is-sodda ftit qabel. (p. 38) U aktar tard kellha tkun grigalata li twassal għat-tmiem ta'



John P. Portelli

xwejjaħ ta' tmienja u tmenin sena. (p. 47)

U sadattant in-narratur jieqaf jaħseb fuq il-fatt li llum għalih seta' kien l-eternità u mhux is-sebgħin sena li kellu. (p. 57) U fl-istess ħin ukoll, in-narratur jinsab għaddej jaqef kontra l-mewt hekk kif jistenna anzjuż ir-riżultat taċ-ċelloli bieżla jagħġnulu d-destin. (p. 60) U minħabba l-fatt li meta kien żgħir in-narratur kien tgħallem l-argunett, issa jitlobna biex jitħalla jdoqq l-argunett, qabel jintelaq fl-art li huwa jistqarr li issa kienet qiegħda ssejjaħlu kuljum. U jagħlaq billi jgħid: Sabiħa wisq dil-ġibda, / ma jsabbarha ħadd. (p. 61)

U dawk kienu xi ftit leħħiet minn din il-qagħda ta' ruħ ta' dan in-narratur-pensuż – narratur li għaddej il-ħin kollu jivvleġġa minn naħa għal oħra tal-univers ta' ħsusu, ħsibijietu u lehmietu dwar dal-fenomenu li ngħidulu ħajja, u li rridu jew ma rridux minħabba li aħna, esseri li minn materja inerta għandna konxjożità li twasslna biex naħsbu, u naħsbu u naħsbu dwar dan l-istess fenomenu, m'hemmx ħaġa oħra ħlief li nisimgħu dal-konverżazzjonijiet-muti ta' ġo fina.

U l-vjaġġatur-pensuż għaddej bil-pinna f'idu jiskribi dal-ħjut għanqbutija ta' ħsusu bil-messa tal-grafema fuq it-tila tal-karta, għax b'hekk huwa u kull min jinzerta għaddej minn ħdejh ikun f'qagħda li jisma' dil-vuċi muta ta' qiegħ il-ħassieb-trobadur għaddej ipinġi bla heda das-sħab għaddien li ngħidulu ħajja.

U dal-konverżazzjonijiet-intimi huma leħħiet daqskemm narrattivi, daqskemm tpinġijiet u tiswiriet ikoniċi li jitkellmu jgħajtu fis-siktiet-intimistiċi tagħhom, jirrakkuntaw l-istorja ta' kull plebew-artistokratku u l-bqija hekk kif ikun qieħed iterraq f'dan it-terriċċju li ngħidulu ħajja.

Ikun hemm min jgħidlek li dan kollu mhuwiex ħlief is-sublimazzjoni tal-eleġija, imma sadattant huwa fatt fiż-żgur li moqula jew le, espressi jew le, daw' l-immaġnijiet-ritrattistiċi, narrattivi, asserzjonijiet u dikjarazzjonijiet jew thewdiniet ġewwinija mhumiex ħlief turija ċara ta' aħna min aħna.

M'hemmx dubju li John P. Portelli hawnhekk tana kapolavur ta' sensazzjonijiet, emozzjonijiet u espressivitajiet li jingħaqdu flimkien b'saħħa, u b'unità unika, ta' min lil hinn minn kull verbożità oħra, tgħinna niksbu ħjiel uniku dwar din is-sotterraneità fluwida ta' fluss subkonxjuż-konxjuż ta' min jaf, jagħraf u jifhem il-fenomenu tal-ħajja fid-dawl tal-mewt.

Dan hu ktieb tematikament, emozzjonalment u espressament unit, fej' kull linja torbot mal-linji l-oħra li jsegwu, bħal qisu fin-nixxiegħa sotterranja tas-subkuxjent għaddejja tibni lilha nnifisha skont l-iskossi u t-turbulenzi, il-weġgħat u l-glorji li ssib fihom. M'hemmx dubju li f'dal-ktieb ta' poeżija t-terrieq sab, bena u terraq fi tributarjiet li fl-istess intrikar tagħhom jibnu sewwa sew lill-istess qagħda mentali tagħna, hekk kif niġu wiċċ imb wiċċ mat-timwiġ jimwieġ riesaq ħarkien lej' xatt il-fidwa. Lej' xatt il-wasla.

Fuq nota differenti, nasal biex ngħid li dan il-ktieb għandu jkun test ta' studju fil-livell postsekondarju u universitarju, jekk xej' minħabba l-leitmotif ħarkien li jsostnih f'linjietu.

John P. Portelli *ad multos annos*.

## QUDDIEM KRISTU MSALLAB

Quddiem Kristu msallab
iĦares lejn
Jordi Savall
iĦanxar il-melodiji
tal-Mare Nostrum
jitgħannaq mal-Ħanqa tal-vjolinċell
forsi sajjem għar-Randan
iqattar id-demm
jitĦallat mal-ħlewwa tal-arpa
bħal fwejjaħ tal-lavanda
jikkalma l-qalb
u jerġa' jqattar id-demm
Lachrimae Caravaggio
taqtira
taqtira
mar-ritmu tat-tamburlin
jitmattar mal-kuntrabaxx.

## RITWALI

Lanqas il-ġisem ma jibqa' dak li jkun
fakkartni mmisslek bil-mod 'il ġildtek
tqila bis-silenzju ta' nofs seklu,
u r-ramel iżżerżaq minn fuq dahrek
għal ġol-baħar, dejjem jistenniek
kif kont, kif jiftakrek, kif iridek:
neħilsu mir-ritwali la nitilqu?

**JOHN P. PORTELLI**
(Minn *Meta tasal, tasal*, Horizons, 2024)

## A DREAM WITHIN A DREAM.

TAKE this kiss upon the brow!
And, in parting from you now,
Thus much let me avow:
You are not wrong, who deem
That my days have been a dream;
Yet if Hope has flown away
In a night, or in a day,
In a vision, or in none,
Is it therefore the less *gone*?
*All* that we see or seem
Is but a dream within a dream.

I stand amid the roar
Of a surf-tormented shore,
And I hold within my hand
Grains of the golden sand;
How few! yet how they creep
Through my fingers to the deep,
While I weep,—while I weep!
Oh, God! can I not grasp
Them with a tighter clasp?
Oh, God! can I not save
*One* from the pitiless wave?
Is *all* that we see or seem
But a dream within a dream?



## DREAM-LAND.

These singularly elegant verses are full of floating reminiscences of previous writings from his own pen.

BY a route obscure and lonely,
Haunted by ill angels only,
Were an Ediolon, named NIGHT,
On a black throne reigns upright,
I have reached these lands but newly,
From an ultimate dim Thule,—
From a wild weird clime that lieth, sublime,
Out of SPACE—out of TIME.

Bottomless vales and boundless floods,
And chasms, and caves, and Titan woods.
With forms that no man can discover
From the dews that drip all over;
Mountains toppling evermore
Into seas without a shore;
Seas that restlessly aspire,
Surging, unto skies of fire;
Lakes that endlessly outspread
Their lone waters—lone and dead,
Their still waters—still and chilly
With the snows of the lolling lily.

# il-Poeżija

MILL-PINNA TAL-MALTIN

## IL-GARDJOLA TA' CHAMBRAY

X'ħasra, x'għafsa ta' qalb kbira
nilmħek mgħaffeġ b'dan il-mod
jien u nikteb dawn il-versi
b'qalb magħfusa, b'id tirtogħod!

Ma sibt xorti magħna, forti
aħna Għawdxin li dħakna bik
flok fittixna nieħdu ħsiebek
sibt minflok min ifottik!

Il-kappella u ċimiterju
tgħid x'sar minnhom? imsejknin
u l-gardjola -smajt – daqt sejra
x'ġens ta' nisel rgħib, miksin!

Sakemm nibqa' n-nifs inġerraħ
nibqa' nibki jien għalik;
ħlomt xi darba tkun tal-poplu
kif niftaħar nista' bik?

**GEOFFREY G. ATTARD**

## TIFTIX

Iż-żmien għallimni nfittex
f'kull rokna ta' madwari
biex forsi s-sewwa nsib.

'Mma rari,
tassew rari
li qrib il-likk il-boċċa
jien irnexxieli nġib.

U għad irrid nitgħallem
infittex b'dehwa,
ngħarrex
fl-għammiq oskur ġo fija
biex forsi hemm, fuq ġewwa,
f'kuntrast bejn dell u dija
insib x'inhuwa s-sewwa.

**CARMEL G. CAUCHI**

## JIEN NGĦIX FIL-ĦOLM

Jien ngħix fil-ħolm
t'għadajjar leqqiena
b'weraq tar-rand
jilmaw f'nixxigħat fiddiena.
F'widnejja nisma' l-għanjiet
imsaħħra t'erwieħ ħosbiena
mill-ħsieb imtaqqal
ta' ħżuż il-qlub għajjiena.

Noħlom li f'imsaġar siktin
mal-għanja tar-rożinjol
itir fis-sema kaħlani
ħżuż ruħi jiżżewqu
f'melodiji ħelwin.
fil-muża nogħxa f'waqtiet
ta' meta n-ninfi fuq rasi
kuruna tar-rand iqegħduli
f'għarfien il-ħsibijiet
u kull ġieħ irodduli.

Iżda dan kollu ħolm ...

jiena għadni nterraq
ħdejn nixxigħat nixfin.
Ir-randa taret u r-rieda ntfiet.
In-ninfi ma ġewx u waħdi stennejt
fl-imsaġar siktin.
L-għana li għannejt
għab u ntefa fis-skiet.
Ir-rożinjol issa tar ’il bogħod
jgħanni l-għanja ta’ dari
li tisboq lil tiegħi tirtogħod.

**SALV SAMMUT**

## LIL PATRICK

Għalxejn inħambqu jien u int ħabibi,
leħinna ma jasalx fejn għandu jasal,
hawn wisq għajjat, tgeżwir, twerżiq itarrax
biex wieħed jista’ jagħżel ton minn ieħor.

Għalxejn terraqna din it-triq weħidna
it-triq tal-ħsieb u tal-emarġinati,
mexjin fil-ħmar il-lejl fl-imkien mal-kotra
qalb folla tas-sonnamboli misjuqa.

Ma jfeġġ ebda sinjal biex f’daqqa waħda
tiheżżeż l-art inkella jqum xi riefnu
biex forsi għad xi darba dawk jintebħu
bl-abbiss li b’ħalq miftuħ qed jistenniena.

U x’jibqa’ jekk il-fidi mbagħad nitilfu
li dal-pajjiż xi darba għad jiġi f’tiegħu?

**ALFRED GRECH**

## ULIED IL-KEWKBA ZIJONISTA

ulied il-kewkba zijonista,
iħammlu snienhom,
bl-għadam tal-martri.

issa qed igaraw
is-sajjetti tal-qerda,
mhux skont tagħlim abramm.

lanqas isakk, u ġakobb,
qatt m'imbuttawhom,
f'di' l-gara.

imma wlied il-kewkba zijonista,
jisħtu 'l alla, b'għemilhom.

**MARIO GRISCTI**

## META X-XLOKK JONFOĦ

Meta x-Xlokk jonfoħ
ħallih jaħbat fuq wiċċek,
tibżax tiftaħ it-twieqi biex jidħol ġewwa;
ħalliha l-għabra safra mrammla
titferrex kullimkien,
u qabel jiskot, jekk tissemma' sewwa,
bejn tnehida u oħra
tagħraf leħen minsi ta' żafżafa
u tanbur għajjien
mill-bogħod qed isejjaħlek:
Afrika, Afrika.

U tinsa l-bini sħiħ kollu madwarek
u darek
tgħib f'miraġġ
u int misjuq b'kull raġġ
li x-xemx tixħet fuq rasek u taħt sieqek,
fuq ramel jikwi u savana għammexija.
Mil wara mil ħafif ħafif  itterraq
fuq għadajjar
tal-ħġieġ u xmajjar
jiżżegilgu ż-żifna bajdanija
ta' russett ħabriek.
Imbagħad madwar Kilimanġaro,
lil hinn mis-silġ fietel u l-għoljiet ġeblija
terġa' tisma’ t-tnabar itennulek:
Afrika.

Meta t-twieqi tagħlaq
u jehda x-Xlokk fuq wiċċek
u r-ramel tfarfar li tgħabbar madwarek,
tibqa’ tingħi f'darek
u fl-għeruq ta' ħsiebek bħal żafżafa
ma' kull nifs, ma' kull taħbita f'qalbek
tnehida twila mħeddla
Afrika, Afrika, Afrika.

**ALFRED CARUANA RUGGIER**

## SIKET ID-DAQQ

Siket id-daqq tal-qniepen
u l-ħemda kibret,
’mma l-weraq semma’ leħnu
kull darba li kaxkart riġlejja
f’mogħdija mserrpa.
Ġo moħħi jhewden
għaddejjin dritt bla jieqfu
mitt ħsieb u wieħed
jissieltu bi twerżiq li jtarrax
imxennqin għax-xettru.
U qalbi mnikkta strieħet...
Il-wieħed saltan fuq il-mija.
Intfiet t’għajnejja d-dija.

**JOHN MALLIA**

## IL-ĠAWHRA PONT

Ġawhra tleqq mimlija hena
dal-PONT għani b’għerf jitkellem
u dil-ġawhra qajl tiċċaqqam
f’elf merżuq lili ’ssellem

din il-ġawhra b'għożża nbennen
naqra, nifli, nixtarr fis-sliem
nitbissem, nifhem u nitgħallem
tagħlim siewi f'ħafna kliem

ġawhra mkabbra li titkellem
b'Malti mbierek tant mirqum
taf titħaddet b'ilsna oħra
b'tagħrif sieket sew mifhum

ritratti, stejjer u intervisti
tagħrif siewi fuq awturi
kotba ġodda u novelli
ġawhra mlewna bil-kuluri

u l-imrieżaq ta' dil-ġawhra
jimtlew kollha vrus ħerqana
fija jqanqlu emozzjoni
lili jaħkmu tant għatxana

elf tweġiba ttini dil-ġawhra
kull mistoqsija tismagħha sew
inqisha ħiemda dieħla f'qalbi
ħsibijiet tqal dlonk jintesew

nistħajjilha qed tinbixni
trid li jien 'nkompli 'nkellimha
b'kurżità taf kif timlini
issejjaħli nkompli nqallibha

waqt li l-ġawhra tistennieni
nerfagħha sew f'arzell kexxun
inħarisha, nieħu ħsiebha
niftaħha sielma jkun xħin ikun

ħajr lil min dil-ġawhra welled
u ħariġha mill-arzella
biex bi lwienha kollha mżewqa
b'qalbi ndommha b'żigarella.

**RITA GATT**

## APRIL

**(lil M.A.)**

Xomm fl-arja
il-fwieħa li qed tferrex ir-Rebbiegħa;
ħoss ġewwa ruħek,
it-tmellis ħelu ta' tifkira għażiża,
li mar-riħ taret liebsa it-tnessija!

Ħoss ġewwa qalbek
il-fjamma kiesħa, l-ħlewwa morra,
li qiegħda ttir maż-żiffa,
tifni qajl qajl il-ħeġġa taż-żgħożija!

Ftakar mill-ġdid fil-ħbiberija,
li bkiet u ntemmet bħallikieku ħolma,
f'għajta kemm kemm tinstema'
qarsa daqskemm melliesa,
li tkattar it-tbatija!

Imbagħ'd illejla agħti ħarsa rżina
lejn ix-xemx nieżla;
isker bl-oħla benna,
li f'dan il-jum ħejjietlek ir-Rebbiegħa:
u tħoss (u forsi tifhem)
il-għala l-għabex bl-aħħar ħjiel dehbija,
jinżel ibus xofftejk bi ħlewwa kbira,
u jsefsef ġo widnejk
(kemm kemm jinstema'):
'April, mingħajrek jitlef kull tifsira!'

**ALFRED PALMA**

## INT KTIEB

Int ktieb bla titlu u numri
kull xħin inħarsu lejk
lest dejjem biex tismagħna,
tilqagħna bejn idejk.

Għax kbira s-sensazzjoni
li b'għelm mas-snin ħallejt,
id-diwi illi rbombja
kif għadek tifdi u fdejt.

Għax tant l-istejjer tafhom
u bosta int tennejt,
ġrajjiet li qatt ma tħassru,
bla qatt u xejn ma nsejt.

Kif nifhmu, kif nitgħallmu,
l-għarfien, misteri kbar,
fid-djuq dgħajfin ta' moħħna
mimlija dħaħen, ċpar?

B'idejk miftuħa beraħ
imdendel fuq salib
hemm l-għelt, ħtijietna msammra
bis-semm u bit-tiġrib.

Hemm demmek għadu jċarċar
mal-għuda fejn mislub,
u ġens ma' ġens jitqabad,
mibegħda, ġenn fil-qlub.

Hemm int mikdud, ħosbieni
kull xħin nitqanqlu lejk,
u dmugħ fuq wiċċek jaħraq
iġelben fuq ħaddejk.

**CHARLES BEZZINA**

## KULJUM INSALLBUH?

Nixtieq nista' nfannad f'dil-ġrajja mtennija
kull sena bil-luttu li jtemm bil-qawmien,
nixtieq li nintasab max-xeni tad-dmija
u nifhem did-dehra li tnaqqxet fiż-żmien.

Nistħajjel l-istatwi u l-kwadri jkellmuni,
rakkonti t'awturi li jriegħdu kull ħsieb

fl-imħuħ tal-imsejkna li jagħrfu ġrajjiethom
fix-xeni minsuġa fl-ilwien ta' kull ktieb.

Nixtieq li nismagħha mtennija dik l-għajta
"Agħdirhom, aħfrilhom għax le ma jafux!"
Irrid nisma' l-karba tal-vittmi tal-għira,
tar-regħba, tal-gideb li s-sew ma jemmnux.

Nixtieq nista' nġarraf l-allat foloz fostna
li jibqgħu jirrendu f'wiċċ Alla mislub.
Irridhom iqaċċtu l-mantar tas-suppervja,
u jagħrfu t-tjubija ta' Kristu maħbub.

Irrid innezzagħhom għarwiena fil-misraħ
fejn jerfgħu u jpassu għall-għoġba tan-nies,
irrid narahom għerja mid-drapp tal-faċċjoli,
minsuġ biex jaħbilhom dnubiethom bla qies.

Irrid nerġa' nislet dil-ġrajja kull sena
mid-dehra-spettaklu bl-atturi kburin
bl-osanna tal-kotra l-istess għall-imsallab
imdawwar bil-lanez u l-fided kesħin.

Irrid nerġa' nisma' 'l Pilatu fil-misraħ
"Arawh, dan hu l-bniedem" imbiċċer bis-swat,
merfugħ fuq bradelli biex niesna titħassru
f'din l-ikbar kefrija li d-dinja qatt rat.

L-imsejken, l-imgħobbi, l-imsallab jitbandal
ma' ommu minfuda bi sjuf lewn id-deheb,
kull sena jinħarġu jfakkrulna twemminna
li xxellef u tniġġeż, li tmermer u għeb.

Irrid nerġa' nifhem kuljum mhux biss darba
matulek ja sena, din l-emmna tassew,
bla fided-spettaklu li jċajpru dil-ġrajja
biex nagħrfu lil ħutna li f'qalbek stkennew.

Mulej erġ' aħfirli biex nagħraf x'jien nagħmel,
kemm nies qed insallab b'għemili kuljum,
bil-ħall li nisqihom jew meta nwarrabhom
kull meta l-imgħobbi ma ngħinx biex iqum...

Mhumiex le il-vari, il-qofol ta' mħabbtek,
hemm niesi u sħabi, ġirien ma nafhomx.
Għallimni nistaqsi, urini ħa nifhem:
kif nista' nħobb lilek jekk dawn ma nħobbhomx?

Għaliex ta' kull sena titwieled hawn fostna
f'ritwal li jferraħna biex dlonk insallbuk?
Għaliex qed tħallina biex f'Ismek niddandnu
fejn jidher fil-pjazez bla biss qatt nifhmuk?

**PHILIP BORG**

## IL-WARDA FIL-ĠNIEN TIEGĦI

Ħajti kienet bħal ġnien mimli ħaxix ħażin,
u kont dejjem infittex biex nipprova insib fjura,
u saqqejtu kemm-il darba, iżda ż-żerriegħa ma nibtitx,
u l-ħaxix baqa' jakkumula sakemm lanqas jien ma kont nidher fih.

U erħejt lili nnifsi nixxejjer mar-riħ li kważi belgħani,
u tqabadt mal-maltemp li kien dejjem jippersisti,
u fgajt fin-niket li ssuperaw lil ħajti,
u rqadt bla ma stajt nerġa' nistenbaħ.

U fin-nagħsa tal-ħajja, ħlomt li l-ġnien kien warrad,
u l-ħaxix li tela' kien tbiel u nħaraq,
u saqqejt mill-ġdid biex tinbet iż-żerriegħa,
biex dak li jinbet, ikun is-sors tal-ħajja.

Fl-aħħar iddeċidejt u qtajt il-ħaxix kollu,
u ħratt l-art għammiela tal-ġnien,
u hemm waħidha mperrċa, ma kienx hemm fjura,
iżda Warda li sbuħitha kien bla qies.

Inżilt għarkupptejja ħdejha,
u bkejt il-biki l'akkumula maż-żmien,
u weġħedt lill-Warda li ser nieħu ħsiebha,
sakemm Alla jislifni ż-żmien.

**MANUEL SCHEMBRI**

## FL-ISQAQIEN

Fl-isqaqien tal-irħula Maltija
jgħaddi jippassiġġa kull ħin
dell l-imgħoddi
bla ma jgħodd is-snin
qalb ħitan għajjenin
bil-bibien għassa dejjem
għall-ħallelin.
Iż-żmien ħeba ċ-ċwievet
u l-imfietaħ misjurin
u flokhom daħal il-ħars ikrah
tal-beżgħanin.
Meta x-xemx tgħaddi tifrex
qilltha, tbus
tul sigħat sħaħ
it-tarmak u s-siment
u ssefter b'raġġietha
lill-bniedem aljenat,
meta kultant il-qamar
jiżbogħ b'dellijiet għaslija
l-iljieli mistrieħa,
il-biża' jgħaddi sieket
għassa għall-bibien imsakkra.
Fl-isqaqien tal-irħula ta' artna
mżejna bil-qsari
jistiednu t-tifħir
taż-żgħir u tal-kbir,
is-skiet ikun għaddej ibierek
id-dehra misterjuża,
jgħanni
għanjiet il-ġirien
li jħallu 'l darhom
biex fuq altar ħidmiethom
iqaddsu ħiliethom
bogħod mill-isqaqien
knejjes l-għixien.

**KARMENU MALLIA**
(Minn *Dgħajjes għar-Rdoss*, 2024)

## LILL-ILSIEN MALTI

Tajtek żgħożiti, l-aħjar demm ta' żmieni,
tajtek imħabbti bla tniġġis ta' ħtija;
fik ħabbtet qalbi meta kmieni kmieni
ħassejt fuq ġbini l-bews tal-poeżija.

Imħabba fik il-kies tal-għadu sqieni
tagħjir u ġlied, imġiba ta' moħqrija;
imħabba fik sa ksirtha mal-ġewwieni,
bla qatt ma wiċċi ħammar bil-mistħija.

'Ma l-lum li rbaħt biex qatt iżjed ma titlef,
berikt dad-dmugħ u ż-żmien kemm ili nbaħħar
u ħlomt xogħ'l ġdid jekk jiem is-sema jislef.

Jinxef ilsieni u jitħaddel driegħi
jekk qatt għad inħallik u mhux sal-aħħar
inqajjem nibqa' bik ruħ Malta tiegħi.

**ĠORĠ PISANI**
**(Minn *Il-Għid taż-Żgħożija*, A.C. Aquilina & Co., It-Tieni Edizzjoni, 1949)**

## FLIELI TAL-BETTIEĦ

Fuq baħar tal-għażel tħobb tgħaddi,
ma' nofsinnhar sew, qatgħa dgħajjes,
mgħobbija bi ħlewwa li tisboq
il-għasel ta' qamar l-għarajjes.

Kull dgħajsa minn dawn, lewn il-krema,
daqqiet tagħti lemħa lill-qamar,
daqqiet nistħajjilha benniena
qed tħannen liż-żrieragħ bis-sabar.

Xi wħud, dad-dgħajjes, dehrilhom
li telqu flimkien lajma lajma
minn qalb id-dwieli u l-lumi
ta' Spanja li toħlom imqajma,

minn qalb it-tango tal-palmi;
'ma l-ħlewwa u l-benna mnejn ġiet
jekk mhux mill-manna tal-ġenna
li darba l-art tagħna għattiet?

U x-xita għaqlija u faddala
tat-tajjeb u ħlejju bittieħ
xħin rat il-manna tiskarsa
bdiet taħżen u tgezzez qatigħ;

miljuni ta' btieti żgħar timla
rifdithom bi ħbula rqaq sifja
biex wara, kull sajf minn dil-ħażna
iddewwaq u tgħaxxi lid-dinja.

F'kull port li jidħlu dad-dghajjes
il-logħ'b u t-tbissim tistenniehom
u mħażen mudlama jitbexxqu
biex jilqgħu lit-tgħabi ta' fihom.

**MARY MEYLAK**
**(Minn *Ward ta' Qari Malti*, miġbur minn P.P. Saydon u Ġ. Aquilina, A.C. Aquilina & Co., 1976)**

## IPOKRISIJA LI TIFTIEHEM

L-ipokrisija li jmissha
tħammarlek wiċċek
tqawwik fis-sfura
u lili trid tgħaddihieli
b'anġlu kustodju tiegħi...
għax inti bħali parti
minn ġenerazzjoni mgħallka
b'xagħarha midluk bil-brillantina
tissogra tistor
f'għelm iż-żgħożija mbiegħda minnha
l-għelt tal-perverżjoni;
l-għira fgata fi tbissima.
U lili wkoll
b'togħma ta' qrusa f'ħalqi
iġġagħalni nfittex id-duwa
li toftom il-jien mill-qawwa tiegħu
u tnissel is-serħ li taf bih int
imsensel fi dgħufija mrekkna
wara maskra sfiqa
iddestinata li tintesa.

**RENA BALZAN**
**(Minn *Alfa*, 2000)**

## XEWQAT GĦAL FOMM IR-RIĦ

Kemm nixtieq bħalissa nsibni
fuq il-blat ta' Fomm ir-Riħ,
mixħut fl-art, ħarsti fis-sema,
nara s-sħab għoli, sabiħ,
qisu xini, ġmiel imgħobbi,
jiġri u jilbet taħt ir-riħ.

Kieku kelli lilek ħdejja
fuq il-blat ta' Fomm ir-Riħ,
kont nurik il-ġmiel xi jfisser,
kont nurik ħdan Malta x'fih.
Sema u baħar m'hawnx fid-dinja
koħol daqs ta' Fomm ir-Riħ.

X'tiswa d-dinja 'kk aħna ngħixu
miċħudin minn Fomm ir-Riħ!
Ixħet kollox wara dahrek
Ej' nitilqu minnufih.
Għidu lil min lilna jfittex:
"Għandu jkun taru mar-riħ."

**E. AGIUS**
**(Minn *Ward ta' Qari Malti*, miġbur minn P.P. Saydon u Ġ. Aquilina, A.C. Aquilina & Co., 1976)**

## ĦAJKU

Jgħaġġbuni s-siġar:
għajnejja m'ogħla s-sema
jeħtieġ li ngħolli.

**PATRICK SAMMUT**


Deyan Sudjic
Język rzeczy
Dizajn i luksus, moda i sztuka.
W jaki sposób przedmioty nas uwodzą?
Karakter

# Versi

LIL HINN MINN XTUTNA

## MOGARRAZ

I went down a steep, narrow street
and on arriving at the square
felt dozens of eyes
curiously looking at me
from the facades of their homes.
Eyes of young people,
of grownups,
of elderly folk.
Eyes from all sides
of the square
asking me questions
and a bell in the background
playing a monotonous tune.

At the repetitive sound of the bell,
children, youths and grownups
placed luminous lamps
on the sidewalks.
I followed the sound
feeling those lifeless eyes
looking at me
from all sides.

I found the church
but there was no bell ringing,
and there was no bell tower.
I looked to my left,
from there came the funeral sound
of the deceased,
there stood a high tower,
and high up were its bells.

Mogarráz disappeared into the shadows,
with only the light of little candles,
waiting for the arrival of the white souls.

**JOSÉ LUIS RUBIO**
*Spanja*
Tradotta mill-Ispanjol għall-Ingliż minn Stephen Cachia

## PENSO AI MORTI...

Penso ai morti del paese a cui non pensa
più nessuno. Gli ingrigiti fiori finti, i fiori secchi,
il gelo che fa tana nelle tombe scoperchiate.
Quanto resta. Cosa resta in una foto
di tutto il mappamondo di un umano.
Una scritta, una data, qualche oggetto.
Cosa resta. Penso a tutti i trapassati
che non lasciano una scia. Benedico
i loro nomi, percepisco il loro sonno
come un ago, la mia notte
nella cruna della loro.

**LORENZO PATÀRO**
*L-Italja*
(Minn www.rivistaclandestino.com/)

## WE ARE WAITING FOR PEACE TO BREAK OUT

-for Marvin Simmons

We are waiting for peace to break out
We are waiting for flowers to bloom
We are waiting for the moon to come
from behind the black clouds of war
We are waiting for the light

We are waiting
and as we wait we sing songs of celebration
We are waiting
and as we wait we hold out our hands in love and friendship:
white hands extended in friendship to black hands
and brown and green hands of the earth
We are waiting
and while we wait we applaud those who have gone before us
preaching peace: all the Martin Luther Kings, all the
Gandhi's...
We are waiting for peace to break out
and as we wait we dance: we dance with the cold east wind
with the creaking singing branches of giant firs
we dance with the devils
of dust and the angels of clouds
We are waiting
and as we wait we are learning the language
of burning roses and the sunflowers slowly turning toward
the sun
We are waiting for peace to break out
and while we wait we are learning to listen
to cries for mercy and cries for help
though we may not know the language
We are learning to listen for the arrival of doves
We are waiting for peace to break out
and while we wait we are smiling at you
at all of you - at the you and the me in the mirror...
We are waiting for peace to break out
We are waiting for buds to pop though it is deep winter
We wait for peace as patiently as the drop of water
on the lips at the mouth of the fountain
We wait knowing the water of peace is cool and sweet
sure that the crystal drop will fall on the earth
in spite of any of man's evil actions -

**CARLOS REYES**
*L-Istati Uniti*
(Minn *Poets Against the War*, ed. Sam Hamil, Thunder's Mouth Press/Nation Books, New York, 2003)

# ISOLA

Il mio destino è sorvegliare
il mare che mi circonda,
offro un rifugio sicuro
ai naviganti in preda alle onde.

Il mio segreto è la geografia
che ha scelto di ancorarmi qui,
aspetto il nuovo mondo
difendendo le mie tradizioni.

Sono diffidente ma ospitale
e amo la musica,
il suono delle gocce di acqua
che si infrangono sulla mia pelle.

Vibro all'arrivo di una barca
dentro il mio porto,
guardo la sua anima
e la intreccio alla mia.

**LEONARDO MANETTI**
*L-Italja*
(Minn *Malta Qawsalla ta' Kulturi/Arcobaleno di culture*, Assoċjazzjoni EspRimi, Malta 2018)

# SEA FEVER

I must go down to the seas again, to the lonely sea and the sky,
And all I ask is a tall ship and a star to steer her by;
And the wheel's kick and the wind's song and the white sail's shaking,
And a grey mist on the sea's face, and a grey dawn breaking.

I must go down to the seas again, for the call of the running tide
Is a wild call and a clear call that may not be denied;
And all I ask is a windy day with the white clouds flying,
And the flung spray and the blown spume, and the sea-gulls crying.

I must go down to the seas again, to the vagrant gypsy life,
To the gull's way and the whale's way where the wind's like a whetted knife;
And all I ask is a merry yarn from a laughing fellow-rover,
And quiet sleep and a sweet dream when the long trick's over.

**JOHN MASEFIELD**
*L-Ingilterra*
(Minn www.poetrybyheart.org.uk)

# UNA NOTTE DI LUNA

Stanotte la luna ha invaso la terra.
La pianura illuminata e stanca
splende di mistero.
Nel viale biancheggiano sassi levigati,
le lunghe ombre fanno da fantasmi.

Dalla vetrata, insonne,
osservo il lento passo delle stelle,
le nuvole rade
volano con ali di vento,
sul ramo d'un albero senza vita,
secco e scheletrito dal tempo.
Il gufo fa sentire il lugubre canto,
nel giardino della piazza sottostante
zampilla acqua da una fontana
con scintille di mille luci di diamanti.
Gli stop di un'auto tingono di rosso
l'aria della notte.

Sul ciglio delle colline
in alto nel cielo
brilla una stella più grande.
Mi chiedo,...
qual'è la sua storia?
non lo saprò mai!...
perché sarò polvere cancellata dal vento
o pioggia che si confonde con l'onda.
Non saprò il suo destino,
non saprò il mio destino...

in una notte di luna.

**SILVIO PICA**
*L-Italja*
(Minn *Rosso Crepuscolo*, Casa Editrice Seledizioni, 1988)

# Minn Fuq

## 1– Ixkaffa






### *VERSOJ EL MIA PUTO* ta' Carmel Mallia, 2024

*Versoj el mia puto* jew *Versi mill-Bir Tiegħi* hu ktieb ta' 100 paġna li jiġbor fih poeżiji kollha kemm huma bl-Esperanto. Din il-ġabra poetika, id-disa' waħda ta' Mallia bl-Esperanto, hi ddedikata lis-Sur John Vella Bondin (RIP 18.7.2024) li kien segretarju sakemm ħalliena tal-Malta Esperanto-Societo. Barra poeżiji oħra, f'dan il-ktieb insibu ġabra ta' 100 ħajku u poeżija bit-titlu 'Malta' (112 endekasillabu) bħala tifkira ta' meta Malta saret membru tal-Unjoni Ewropea. Din il-ġabra tibda b'introduzzjoni tal-awtur u poeta esperantist magħruf Nicolino Rossi minn Pozzuoli, Italja. Nistgħu ngħidu li ċ-ċentru tal-ktieb, b'qoxra attraenti ta' bir bit-titlu fuq, jista' jinġabar fl-erba' versi meħuda mill-poeżija "Delirkanto" li tibda b'dawn il-versi: "Mi kredas en la pov'/ de l'universa kri'/Mi kredas en la pov'/de eta mi" (Nemmen fil-qawwa tal-għajta tal-univers/nemmen fil-qawwa taċ-ċokon tiegħi). Mallia jintilef fl-univers għax dan hu akbar minnu, imma fl-istess ħin jagħraf li huwa wkoll, bħala biċċa minnu, hu kbir, iben l-umanità. Mallia hu dejjem serju fil-poeżiji tiegħu, barra meta jkun irid jiċċajta tassew. Dan insibuh fl-ewwel vers tal-poeżija "Mia vivo, karnavalo" (Ħajti, karnival weħidha). Xejn speċjali għal Mallia. Bilanċ! Matul id-dinja kollha hawn eluf ta' persuni li jaqraw u jiktbu bl-Esperanto. Din il-ġabra ta' poeżiji mill-pinna ta' Karmenu Mallia tkompli tberraħ il-poeżija Maltija mal-erba' rkejjen tad-dinja, u dan permezz ta' lingwa li l-għan tagħha sa mill-bidu nett kien li jgħaqqad flimkien popli differenti. Minkejja li qabeż id-90 sena Mallia jkompli jagħni l-letteratura Maltija bix-xogħlijiet varji tiegħu mwasslin f'ġeneri letterarji imma anki ilsna differenti. Minn hawn nawguralu iktar saħħa u ispirazzjoni.




### *IL-PRINĊEP* ta' Niccolò Macchiavelli, maqlub għall-Malti minn Wayne Farrugia, Horizons/Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, 2024

Dan huwa kapulavur barrani ieħor ippubblikat fl-1532, miktub bit-Taljan minn mexxej u filosofu politiku li għex bejn is-sekli 15 u 16, li ġie maqlub għal ilsienna. Fi kliem it-traduttur, *Il-Prinċep* hu mitqies bħala prammatika, relattivament qasira, dwar kif għandu jmexxi prinċep. Hi prammatika li kienet meqjusa amorali mill-Knisja u għalhekk kienet ikkonfiskata għal sekli sħaħ filwaqt li ġarret magħha konnotazzjonijiet ħżiena, krudili u mxajtnin. Minkejja dan, *Il-Prinċep* jibqa' meqjus bħala l-ewwel gwida li ma kinitx idealista, fil-parti l-kbira tagħha mmirata għal mexxejja ġodda biex jagħrfu jimxu b'ċerta razzjonalità fid-deċiżjonijiet li jieħdu għall-pajjiżi rispettivi tagħhom. Charles Briffa - li kiteb kumment kkritiku għal din it-traduzzjoni - isostni li t-traduttur, Wayne Farrugia, ħalla lil Machiavelli jidher, l-aktar għax ħalla l-verità tibqa' tidher effettiva iżjed minn xi ideal. Dan il-ktieb għandu wkoll 'Daħla' ta' Andrew Sciberras li jagħtina riflessjoni interessanti dwar Niccolò Machiavelli u *Il-Prinċep*; Nota tat-Traduttur; u fit-tmiem, Glossarju alfabetiku ta' Ismijiet Proprji. It-traduzzjoni tibda b'"Ittra mingħand Niccolò Machiavelli lill-Manjifiċenza Tiegħu Lorenzo Dè Mediċi", u tkompli bis-26 taqsima li kollha flimkien jikkomponu dan it-trattat. Lejn il-bidu Farrugia jinkludi wkoll Kronoloġija f'rabta mal-ħajja ta' Niccolò Machiavelli, ħajtu u ħidmietu, imma anki maż-żmien li għex fih. L-ilsien Malti jeħtieġ iktar qalbiena bħal Wayne Farrugia u bosta oħrajn bħalu li bl-għarfien, is-sabar u l-persevaranza tagħhom qed ikompli jagħnu lil ilsienna b'aktar ġawhar letterarji ta' livell dinji.




### *WHEN THE SIREN WAILED. MEMORIES OF WARTIME GOZO* ta' Charles Bezzina, 2024

Din hija t-tieni edizzjoni ta' dan il-ktieb li jtul 106 paġna u jinqasam f'żewġ taqsimiet ewlenin. Ta' min ngħidu li oriġinarjament il-ktieb ħareġ bil-Malti bl-isem ta' *Meta Karbet is-Sirena* (2003), u li fis-sena 2012 inqaleb għall-Ingliż minn Alfred Palma. Wara d-Daħla, Charles Bezzina jagħtina bħal studju interessanti ta' 23 paġna dwar kif kien Għawdex fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, kollu materjal meħud mill-ktieb *Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex 1940-1943*, ktieb ieħor ippubblikat minn Bezzina. Naqraw dwar il-pożizzjoni strateġika ta' Għawdex, l-air-raids, l-ajruplani li waqgħu fuq il-gżira, ir-refuġjati Maltin, l-amministrazzjoni Għawdxija, l-edukazzjoni, l-Uffiċċju tal-Protezzjoni, il-black market, il-Knisja, l-isptarijiet Għawdxin, il-ġbir tal-qamħ u t-tħin tal-imtieħen, l-ispazju marittimu bejn Malta u Għawdex, il-proviżjonijiet tad-difiża, u l-mitjar f'Għawdex. Jiġu inklużi paġni b'ritratti b/w li jintrabtu ma' Għawdex fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, segwiti mill-għoxrin tifkira rrakkuntati direttament minn min għex dawk is-snin ta' biża', imma anki snin ta' prova. Charles Bezzina jibda mit-tifkiriet ta' missieru stess, Frank, li fi żmien il-Gwerra kellu mal-15-il sena, u jkompli b'persuni oħra ġejjin minn livelli differenti tas-soċjetà li jitkellmu dwar l-ikrah imma anki s-sabiħ ta' perijodu diffiċli li għadda minn Għawdex. Interessanti l-aħħar paġna fejn naqraw talba li kienet tingħad fil-gwerra fix-xelters matul l-attakki mill-ajru, miktuba fl-1942.




### *DEDIKA* ta' Miriam Ellul Costantino, Pubblikazzjoni Faraxa, 2025

Miriam Ellul Costantino okkupat il-kariga ta' PRO fl-Għaqda Poeti Maltin għal tant snin u kitbet bosta poeżiji b'ilsna differenti. Ħadmet bħala edukatriċi u ppromwoviet il-qari u l-kitba fost l-istudenti. Hawn tippreżentalna 12-il rakkont qasir, segwiti minn poeżiji li jintrabtu mat-temi ttrattati f'kull rakkont. B'hekk Ellul Costantino torbot flimkien żewġ ġeneri ta' kitbiet għal qalbha ħafna f'dan il-ktejjeb li jitlaq xi drabi minn esperjenzi personali li jsiru universali ladarba ngħixuhom kollha kemm aħna, imma anki minn esperjenzi li jgħaddu minnhom persuni qribna jew persuni 'l bogħod minna. Huma kollha rakkonti li jistednuna fuq kollox nempatizzaw mal-batut u mal-isfortunat. Jiġu ttrattati l-imħabba, il-libertà, id-diżappunt, il-weġgħat, il-ferħ, il-gratitudni, l-għira u t-tama, emozzjonijiet li jgħinuna biex naqraw ir-rakkonti bla ma nieqfu. Huma wkoll rakkonti li ma jħalluniex passivi bħala qarrejja billi jistednuna nistaqsu bosta mistoqsijiet li mhux bilfors insibu tweġiba jew soluzzjoni għalihom. Hemm il-missier li jgħix bit-tama li jfiq, Leonard li jagħmel għażla xejn faċli, Catherine li tistenna l-għarus sakemm tintebaħ b'xi ħaġa, Sajika li tħalli lil pajjiżha bit-tama li ssib art ħanina, mara li tittama li xi darba tinqabad tqila, Greta li tegħja u tqabbel lilha nnifisha ma' wirdiena li ssib fil-kċina, Freda li żewġha jaqlibhielha ma' ħabibtha, Adelina li tagħti l-vjolin tagħha lil tifel fqir, u James il-maniġer li joffri promozzjoni lil tfajla li taħdem miegħu. F'kull storja l-protagonisti jixtiequ jaslu xi mkien.







### *L-GĦAN TAT-TAMA*, Knisja*elfejn* Nru 150, Pubblikazzjonijiet Dumnikani, 2024

Din hija enċiklopedija ta' tagħlim Nisrani magħmula minn volumi li kull darba jittrattaw suġġetti ta' morali, teoloġija, fidi u kwistjonijiet soċjali li huma kurrenti fis-soċjetà Maltija. Jispikkaw fuq kollox l-istudji miktubin bil-Malti minn esperti varji, bosta minnhom saċerdoti. Il-ħarġa numru 150 tittratta t-tema tat-tama. Apparti l-Editorjal minn Fr Raymond Gatt OP, insibu 10 kontribuzzjonijiet, 8 bil-Malti u 2 bl-Ingliż. Din id-darba naqraw studji dwar il-lament ta' Esther bħala paradigmatiku tat-tama biblika; il-virtù teologali tat-tama; it-tama fl-Ispiritwalità Nisranija; it-tema tat-tama fil-liturġija; it-tama u l-ġustizzja soċjali; it-tama skont l-enċiklika *Spe Salvi*; il-ħajja liturġika matul is-sena tal-Ġublew tat-Tama. Studji oħrajn jieħdu l-isem ta' "Nagħtu raġuni tat-tama li hemm fina" u "Towards a renewed theology of hope and eschatology". Il-kontributuri huma bosta: Fr Alan J. Adami OP, Fr Stephen Attard, Fr Ivan Attard OP, Fr Jimmy Bonnici, Fr Michael Bugeja, Fr Carlo Calleja, Andrè P. DeBattista, l-E.T. Mons. Ġorġ Frendo OP, u Fr Justin Schembri OP. L-aħħar kontribut huwa l-"Bolla tal-Indizzjoni tal-Ġublew Ordinarju tas-Sena 2025 - *SPES NON CONFUNDIT*" tal-Papa Franġisku. Apparti l-valuri Nsara u t-tagħlim li pubblikazzjoni bħal din ixxerred regolarment, il-preġju tagħha jidher mhux biss f'kemm f'pajjiżna hawn nies ippreparati qatigħ u esperti f'suġġetti differenti, imma anki fl-użu tal-ilsien Malti, ilsien art twelidna. Għal min jixtieq jaqra studji ta' fejda u miktubin b'Malti tajjeb, Knisja*elfejn* hija l-pubblikazzjoni adatta. Toħroġ kull xahrejn. Għal min jixtieq jabbona: gattrayop@yahoo.com

### *IT-TOGĦMA MORRA TAĊ-ĊIĊRI* ta' Noah Fabri, Merlin Publishers, 2024

Dan huwa rumanz ta' aktar minn 300 paġna li twieled fi żmien il-pandemija. Il-kittieb bħal kellu jieħu pawsa sfurzata mix-xogħol tas-soltu tiegħu u minflok għamel ħbiberiji ġodda, dar u sar jaf sewwa ċerti mkejjen u lokalitajiet, u tgħallem ħafna dwar aspetti partikolari li permezz tagħhom u b'għerf u sabar kiteb u ta d-dawl lil dan ir-rumanz. Naqraw dwar Eli u Leo li jafu 'l xulxin mix-xena tal-mużika u jgħixu u jaħdmu flimkien. Matul ix-xitwa kwieta tal-pandemija, jieħdu l-ħajja l-ħbiberiji ta' Eli ma' Eiro, bniedem li jieħu ħsieb ħafna lil ta' madwaru imma jixtieq lil xi ħadd biex jieħu ħsiebu, u Faye, pustiera u mużiċista-poeta li qed tieħu ħsieb lil ommha u lin-neputija. Sadanittant, Leo tisma' l-mużika, taħseb u titħasseb fuq ħajjitha u ma' kull jum li jgħaddi tħoss lil Eli ftit iktar 'il bogħod minnha. Imbagħad, mal-wasla tas-sajf, u mat-toroq tal-Ħamrun u tal-Marsa, u fil-bar ta' Raħal Ġdid, jegħrqu u jwaħħlu l-emozzjonijiet kollha li ilhom ix-xhur kollha biex iferu. Fi kliem Loranne Vella, li kitbet bħal daħla qasira fil-bidu tal-ktieb, "... Noel Fabri joħodna lura lejn l-ewwel sena tal-pandemija u jħallina maqbudin hemm, fit-toroq vojta u l-ħwienet magħluqin tal-Ħamrun, bl-irwejjaħ tal-ħwawar tal-ikel ħerġin mit-twieqi, imħalltin mat-thewdin dwar il-prekarjetà tax-xogħol, il-flus, il-ħbiberiji, ir-relazzjonijiet, l-identitajiet, iċ-ċittadinanza: dwar kif u min nistgħu nkunu ladarba jerġa' jiftaħ kollox." Insomma, *It-Togħma Morra taċ-Ċiċri*, huwa eżempju ħaj u li rnexxa ieħor ta' kemm minn dak li deher perijodu ikrah tassew ħareġ it-tajjeb, id-dawl, il-kreattività ta' min għażel li jirreaġixxi b'mod proattiv minkejja li dak li konna naraw u nisimgħu ma kienx ta' kuraġġ kbir. Fl-istess ħin hawn insibu dokument ta' dan iż-żmien li ħalla marka fonda fuq bosta.




## *THE UPSPRINGING. FABLES FROM MIRAGASIA. Book 2* ta' M.A. Fenech, Faraxa Publishing, 2024

Dan hu rumanz ta' 350 paġna li jinqasam fi tliet taqsimiet ewlenin, wara Prologu. Huwa t-tielet ktieb mis-serje *Fables from Miragasia*, u għalhekk ikompli maż-żewġ kotba preċedenti bl-isem ta' *The Upbringing* u *Journal of Ewliena*, il-protagonista ta' din is-saga. Wara l-avvenimenti mqallba ta' *The Upbringing*, hawn Ewliena ssib ruħha f'art stramba fejn il-maġija mhix permessa, apparti dik tagħha. Waqt li tterraq f'din l-art mhux tas-soltu, Ewliena jkollha bla ma trid tikkonfronta l-misteri tal-imgħoddi tagħha u anki tan-nies ta' madwarha. Imma waqt li tiskopri bil-mod il-mod il-vera saħħa tal-poteri tagħha, Ewliena tirrealizza li dan kollu jista' jsarraf f'sagrifiċċji li hija mhix lesta tagħmel. Għal Ben Bonello dan hu ktieb li jagħmel parti mill-ġeneru tad-*dark fantasy* ladarba joffri taħlita abbundanti ta' maġija, misteru u avventura. Jemmen li dan hu rumanz perfett għaż-żgħażagħ li jixtiequ jesploraw dinja mimlija b'intrigu maġiku u persunaġġi li jistgħu jirrelataw magħhom. Skont Andrew Schembri huma persunaġġi li l-qarrej jikber magħhom u jitgħallem iħobb u jobgħod, filwaqt li l-istil hu wieħed mexxej u jħallik taqra bla ma tegħja. Bħalma jiġri fis-serje televiżivi segwiti ħafna u maqsumin fi staġuni differenti, tkun idea tajba li din is-serje ta' *Fables from Miragasia* tinqara – anki minn dawk li diġà qraw l-ewwel żewġ kotba – mill-bidu biex dak li jkun jiftakar kull dettall u jkun jista' jgawdi l-avvenimenti ġodda rrakkuntati f'dan it-tielet ktieb. *The Upspringing* għandu jgħinna nifhmu bosta affarijiet, fosthom: Min huma l-familjari ta' Ewliena? Għaliex ir-rabja u s-swat ta' Vellja? Għaliex Vellja tagħti t-tort tal-qirda tal-Melitasjani u ta' Miragasia lil Ewliena?




## *DGĦAJJES GĦAR-RDOSS* ta' Karmenu Mallia, 2024

Minkejja l-età veneranda tiegħu – iktar minn 90 sena! – Karmenu Mallia jibqa' kittieb prolifku u proattiv tassew. Hawn għandna ġabra li tifrex fuq 99 paġna u tiġbor fiha 68 poeżija bil-Malti li kiteb fis-sena 2023, u tnejn oħra, waħda fil-bidu tal-ktieb li kiteb fl-ewwel jum tas-sena 2024, 'Bla Isem', u oħra fuq il-qoxra ta' wara bl-isem ta' 'Il-Poeta'. Ħarsa lejn il-Werrej naraw li Mallia jiddedika poeżija għal kull xahar u staġun matul is-sena, apparti bosta poeżiji oħrajn li jwasslulna aspetti differenti kemm tat-tiġrib uman kif ukoll tal-kultura u l-ambjent Maltin. Metrikament u prosodikament Mallia jħaddem kemm il-forom tradizzjonali (il-kwartini bir-rima mqabbża; il-versi maħlulin, mela l-endekasillabi bla ebda rabta ta' strofa jew rima, imma anki l-kwinarju, is-settenarju u l-ottonarju; l-epitaffju; is-sunett Ingliż), kif ukoll forom aktar moderni bħall-vers u l-metrika ħelsin u t-tanka). Fil-parti ta' wara, intitolata 'Żieda' nsibu anki poeżiji li nkitbu qabel l-2023, bl-Ingliż, bl-Esperanto, bil-Franċiż, u bit-Taljan, dan biex niftakru li Karmenu Mallia huwa poliglotta prim li ppubblika x-xogħlijiet letterarji tiegħu f'ilsna diversi, u għamel saħansitra traduzzjonijiet mill-Malti għal ilsna barranin jew viċiversa. Fil-bidu tal-ġabra Mallia jikteb Daħla bl-isem "Maledetti Poeti", ispirat mill-poeta Franċiż Paul Verlaine, u mhux nieqsa mill-ironija tipika tiegħu. Hija daħla li fiha jurina li huwa bniedem ta' kultura vasta, li jixrob minn għejun differenti, l-iktar minn dawk klassiċi u Ewropej. Dwar il-poeżija tradizzjonali u moderna jikteb hekk: "Allura x'nagħżel? Kollox. Iż-żewġ naħat, l-aqwa li l-Poeżija tibqa' mgħannqa mal-Muża, u fl-istess ħin imdakkra minn nifs id-disa' Mużi u, meta tgħejja, tistrieħ ftit jew wisq fuq l-għolja Parnassus, dar il-Poeżija, il-letteratura u l-għerf." Kompli ikteb għażiż Karmenu!




## *L-EWWEL SNIN TAL-KITTIEBA TAL-GĦAQDA TAL-MALTI* ta' Daniel Attard, Heritage Malta, 2024

Dan hu ktieb ta' 95 paġna li jinqasam f'għaxar taqsimiet ewlenin. Għandu Kelmtejn Qabel miktubin minn Dr Olvin Vella. Daniel Attard joħodna lura fiż-żmien - daqs 105 sena ilu - biex jgħinna nifhmu aħjar x'wassal biex il-Malti tal-lum jinkiteb proprju kif jinkiteb. Kien waqt importanti meta twaqqfet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti li llum nafuha bħala l-Akkademja tal-Malti. Fil-ktieb Attard jibda b'Daħla, segwita minn Tabella kronoloġika tal-ewwel snin tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (1920-1924), biex imbagħad jgħaddi għat-taqsima "Il-Ġemgħa tal-Kittieba", b'ritratt storiku li juri l-membri tal-kumitat tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (1922), fosthom Franġisku Saverju Caruana, Dun Karm Psaila, Ġużè Muscat Azzopardi, u Ninu Cremona. Kapitlu ieħor jagħtina tagħrif dwar "Il-Laqgħa tal-Kittieba tal-Malti (1920)" li saret fl-Unione Cattolica San Giuseppe, fi Triq San Pawl, il-Belt. Hawn naqraw dwar il-Malti fil-Parlament, Franġisku Saverju Caruana, il-ġurnal "Il-Ħabib", u t-Tħabbir tal-Ewwel Laqgħa fil-gazzetti u r-reazzjonijiet għalih. Attard jagħtina wkoll tagħrif dwar il-kittieba li attendew għall-Ewwel Laqgħa tal-Malti, kollha kittieba awtorevoli. Taqsima oħra hi "Bejn ir-Rapport u t-Tagħrif: frott tal-Ewwel Laqgħa", fejn naqraw dwar l-importanza tal-istamperiji fit-tiswir tal-alfabett tal-Għaqda, evalwazzjoni u proposti dwar ir-*Rapport fuk l-Alfabêt Malti*, l-alfabett uffiċjali tal-Għaqda, it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*, flimkien mad-diffikultajiet fl-istampar tat-*Tagħrif*, u t-tħabbir tal-istampar tat-*Tagħrif* fil-gazzetti. Taqsimiet oħra huma "L-alfabett u l-ortografija tal-Għaqda: polemiki u propaganda", u "L-Għaqda, l-edukazzjoni u l-istampar". Il-ktieb għandu wkoll Biblijografija dettaljata u Indiċi tal-ismijiet, flimkiem ma' numru sabiħ ta' ritratti u dokumenti interessanti tal-epoka.




## *IS-SULTAN L-GĦAREF U L-ĦAĠA MOĦĠAĠA* ta' Rita Saliba, Horizons/ Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, 2025

Darba waħda re għaref, li bejnietna, l-għerf kollu ġabu mill-kotba li kien jaqra, u serju, għax qatt ma kont tarah jitbissem, xtaq jaf biex ikunu kuntenti n-nies tar-renju tiegħu... Wara diskussjoni twila mal-kunsilliera tal-palazz, sar qbil li jsir forma ta' taħbil il-moħħ... sintendi b'rigali li jiswew mitqilhom deheb lil min jirbaħ... Naħseb li hawn, anke l-qarrejja se jsibu fiex iħabblu moħħhom... Dan id-dramm - miktub minn kittieba li tatna rumanzi, novelli, poeżiji, u kitba għat-tfal - ilaqqagħna ma' bosta karattri mill-istrata varji tas-soċjetà. Huwa ambjentat f'palazz, bħall-ħrejjef li bihom imdorrijin nibdew l-istorja, "Darba waħda." Il-format tar-rakkontar inbidel matul is-snin imma ħafna mill-karatteristiċi tal-"atturi" fid-dramm għadna nistgħu nirrelataw magħhom. Jieħdu sehem karattri li s-sengħa tagħhom saret xi ħaġa tal-passat, kif ukoll karattri li għadna nisimgħu bihom u li huma daqstant sinifikattivi fil-komunità li ngħixu fiha bħal-librara u l-gabillott. Ma jonqsux il-kunsilliera tar-Re, li aktar moħħhom biex jilletikaw bejniethom, milli biex jagħtu pariri siewja. Il-Buffu tar-Re jieħu r-riedni f'idejh, u għalkemm xogħlu huwa li jqanqal tbissima lis-sultan, li rari kont tarah jitbissem, jgħaddilna wkoll xi riflessjonijiet jew biċċiet ta' "għerf". It-tema ewlenija hija l-ħaġa moħġaġa u kif is-suditti tar-re jaslu għaliha. Id-dramm huwa miktub b'vena umoristika u li jagħti gost lill-udjenza, f'dan il-każ tfal u adolexxenti. Huma inklużi logħob bil-kliem u anedotti, l-aktar min-naħa tal-Buffu tar-Re. Jidher ktieb sempliċi imma l-idea hija dik li lill-qarrejja-udjenza jinvolvihom u ma jħallihomx passivi.




## *BEJN RAMEL U ĊAGĦAQ* ta' Ġorġ Borg, Horizons, 2025

Din hija d-disa' ġabra ta' poeżiji ta' dan il-poeta u kittieb. Il-poeżiji ta' Ġorġ Borg huma xogħlijiet sempliċi - bħal "tarbija/ tintilef f'nagħsa ħelwa" - daqskemm hu sempliċi l-ilma li nixorbu, imma bħall-ilma huma essenzjali. Jitwieldu fil-profondità tal-moħħ jew tal-qalb jew tar-ruħ biex bħall-ilma ġieri jixirfu fil-wiċċ sabiex inkunu nistgħu naqrawhom u nduqu mill-freskezza, l-universalità u l-attwalità tagħhom. Ġorġ li hu misjur fis-sengħa tal-poeżija, anki għax qara eluf ta' poeżiji miktubin kemm minn poeti Maltin kif ukoll barranin, jilgħab bir-ritmi u bir-rimi differenti li jafu joffru kemm il-poeżija tradizzjonali kif ukoll dik iktar ħielsa u moderna. Jilgħab ukoll bl-alliterazzjonijiet daqskemm bir-rimi varji, u dan jgħin biex il-poeżiji tiegħu jdoqqu aħjar għall-widna filwaqt li jwasslulna ħsibijiet li jidhru sempliċi imma li iktar kemm taqrahom iktar jiġġeneraw eku li joħodna fil-fond ta' profonditajiet umani, filosofiċi, u eżistenzjali. Huma versi li jitwieldu fl-għerien tas-solitudni (fil-"kwiet intern" u "maqbud/bejn dak li hu dejjiem/u t-tranżitorju") u r-riflessjoni u jistednuna għar-riflessjoni ("Ħars profond u konċentrat"), anki dwar dak il-vojt li jaf bosta drabi jaħkimna minn ġewwa, imma wkoll dwar dik il-forza - Alla, it-"tajjeb", in-"nar li hu ħelu,/ħanin.", dak li joffri s-"silenzju-balzmu") - li fiha l-poeta isib is-"serħan". Dawn ta' Borg huma poeżiji li għandhom mill-benna tal-elementi naturali, bħalma huma x-xemx, ix-xmara, il-ħamrija, il-baħar, il-mewġ, l-għabex, il-qamar, il-kwiekeb, iċ-ċpar, is-sema, l-għadira, l-għoljiet, il-werqa, iż-żiffa, u l-bqija. Fuq kollox dawn ta' Borg huma versi spiritwali fis-sens kemm dejjaq u wiesa', versi li jgħinuna naraw aħjar "dak li qatt qabel/l-għajn ma rat."




## *TINBET IŻ-ŻERRIEGĦA* ta' Noel Cachia, 2024

Din hija ġabra ġdida ta' Noel Cachia li fiha għaxar novelli. Kif jgħidilna huwa stess, dawn tiegħu huma stejjer qosra b'tulijiet li jvarjaw, mibnijin fuq ġrajja ċentrali waħda, b'nisġa ta' avvenimenti li malajr iwasslu għall-qofol u għall-għeluq. Minkejja dan, dawn l-istejjer iqanqlu ċerti ħsibijiet u kurżitajiet. Il-kitbiet jiżvolġu fatt wieħed biss. Id-dettalji ċkejknin kollha jduru ma' dan il-każ mingħajr ma jagħtu wisq ċans għall-ħolqien ta' azzjonijiet sekondarji. Ir-rakkonti jixhdu esperjenzi ordinarji, bi żvolġimenti lineari li ma jiqfux sa ma jaslu fit-tmiem. Il-kitbiet ta' Cachia jvarjaw f'għadd ta' xeħtiet fosthom soċjali, deskrittivi, didattiċi, reliġjużi, sentimentali, umoristiċi u psikoloġiċi, filwaqt li jittrattaw diversi temi bħar-reliġjon, in-natura, l-annimali, it-tfulija, iż-żgħożija u n-nostalġija. Il-ġabra għandha Daħla miktuba mill-Onor. Keith Azzopardi Tanti li jgħidilna li t-titlu *Tinbet iż-Żerriegħa* jirrifletti l-"konsegwenza mixtieqa jew l-effett tal-kitba moqrija fuq il-qarrej. Iż-żerriegħa tal-għerf miksub mill-esperjenza moqrija tista' ġġiegħel lill-qarrej jirrifletti fuq il-kontenut u jagħtih perspettivi differenti fuq il-ħajja. L-għan hu li ż-żerriegħa tinbet mill-ġdid sabiex toffri esperjenzi differenti u tinseġ aktar emozzjonijiet ħajja fil-qarrej. L-istess żerriegħa toffri wkoll is-sens ta' tama li, għalkemm il-ħajja taf tkun għal waqtiet krudili b'sitwazzjonijiet fejn jidhru prekarji għall-aħħar, dejjem hemm it-tnemnim tax-xemgħa li tagħti d-dawl u kapaċi twassal għat-triq tal-wens u s-salvazzjoni." Dan hu ktieb ieħor li Noel Cachia ppubblika anki għal raġunijiet filantropiċi: il-flus li jinġabru din id-darba se jmorru għad-Dar tal-Providenza. Min jixtieq jakkwista kopja: noel.cachia01@gmail.com/79282118/79070927.


il-pont
RIVISTA LETTERARJA VIRTWALI

l-pont stabbilit 2012

Editur: Patrick J Sammut
Disinn: Hilary Spiteri
Kuntatt: ilpontliterarymagazine@gmail.com

il-pont